Il-Kummissjoni Ewropea

# ProcurComp$^{EU}$

## Il-Qafas Ewropew ta' Kompetenzi għall-Professjonisti tal-Akkwist Pubbliku



Is-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs

Direttorat DDG2.G — Akkwist Pubbliku

Unità G.1 — Strateġija tal-Akkwist Pubbliku

Il-Kummissjoni Ewropea

B-1049 Brussell

Kuntatt: Katharina Knapton-Vierlich, Justyne Balasinska

Posta elettronika : GROW-G1@ec.europa.eu

Sit web : https://ec.europa.eu/info/policies/public-procurement/support-tools-public-buyers_mt

# ProcurComp$^{EU}$

# –

# Qafas Ewropew ta' Kompetenzi għall-Professjonisti tal-Akkwist Pubbliku

Il-manuskritt tlesta f'Ġunju tal-2020

Dan id-dokument ġie ppreparat għall-Kummissjoni Ewropea minn PwC, madankollu, huwa jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir minn din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020

© L-Unjoni Ewropea, 2020

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC-BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-76-17991-7 | doi: 10.2873/97760 | ET-01-20-242-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-76-17961-0 | doi: 10.2873/301071 | ET-01-20-242-MT-N |

# WERREJ

ProcurComp^EU - Qafas Ewropew ta' Kompetenzi għall-Professjonisti tal-Akkwist Pubbliku ..... 3
GLOSSARJU TAT-TERMINI ..... 6
SOMMARJU EŻEKUTTIV ..... 8
ĦARSA ĠENERALI. ProcurComp^EU - Qafas Ewropew ta' Kompetenzi għall-Professjonisti tal-Akkwist Pubbliku ..... 10
1. Għaliex għodda ta' professjonalizzazzjoni Ewropea għall-akkwist pubbliku? ..... 10
2. X'inhu l-ProcurComp^EU? ..... 15
3. Għal xiex jista' jintuża l-ProcurComp^EU? ..... 18
PARTI I. Il-Matriċi ta' Kompetenzi tal-ProcurComp^EU ..... 25
1. Kif għandek taqra l-matriċi ta' kompetenzi tal-ProcurComp^EU? ..... 25
2. Il-Matriċi ta' Kompetenzi tal-ProcurComp^EU ..... 28
PARTI II. L-Għodda ta' Awtovalutazzjoni ta' ProcurComp^eu ..... 65
1. Il-proċess ta' awtovalutazzjoni ..... 65
2. Il-profili tal-impjiegi tal-ProcurComp^EU ..... 68
3. Il-kwestjonarju dwar l-awtovalutazzjoni ..... 73
4. Ir-riżultati tal-valutazzjoni ..... 78
PARTI III. Il-kurrikulu ta' taħriġ ġeneriku tal-ProcurComp^EU ..... 81
1. X'inhu l-kurrikulu ta' taħriġ ġeneriku? ..... 81
2. Il-moduli tat-taħriġ ġeneriku tal-ProcurComp^EU ..... 83

# GLOSSARJU TAT-TERMINI

| TERMINU | DEFINIZZJONI[1] |
|---|---|
| **AGGREGAZZJONI** | Il-proċess tal-kombinazzjoni ta' diversi proċeduri ta' akkwist flimkien sabiex jinkisbu valur u ffrankar akbar. |
| **AKKWIST** | Proċedura strutturata mfassla biex jiġu ddefiniti u miftiehma t-termini għall-akkwist għax-xiri ta' xogħlijiet, oġġetti u servizzi fis-suq, ħafna drabi permezz ta' proċess ta' sejħiet għall-offerti jew ta' proċess kompetittiv ta' offerti. |
| **AKKWIST ELETTRONIKU** | Il-proċess tat-twettiq ta' proċedura tal-akkwist pubbliku b'mezzi elettroniċi. |
| **AKKWIST PUBBLIKU** | Akkwist permezz ta' kuntratt pubbliku ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi minn awtorità kontraenti waħda jew aktar mingħand operaturi ekonomiċi. |
| **APPROĊĊ STRATEĠIKU GĦALL-AKKWIST PUBBLIKU** | L-użu tal-akkwist pubbliku bħala għodda b'saħħitha għal mod aktar responsabbli u strateġiku ta' kif jintefqu l-flus pubbliċi biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà, ambjentali u ekonomiċi u biex jiġu appoġġjati l-kompetizzjoni u l-innovazzjoni ġenwini. |
| **AWTORITÀ KONTRAENTI** | Awtoritajiet lokali, reġjonali jew Statali, korpi rregolati bil-liġi pubblika, jew assoċjazzjonijiet iffurmati minn awtorità waħda jew aktar bħal dawn jew minn korp wieħed jew aktar bħal dawn irregolati bil-liġi pubblika. |
| **DIRETTIVI EWROPEJ DWAR L-AKKWIST PUBBLIKU** | Direttivi li jistabbilixxu r-regoli dwar il-proċeduri għall-akkwist minn awtoritajiet kontraenti fir-rigward ta' kuntratti pubbliċi, kif ukoll kompetizzjonijiet ta' disinn fl-Unjoni Ewropea. |
| **DOKUMENT TAL-AKKWIST** | Kwalunkwe dokument prodott jew imsemmi mill-awtorità kontraenti biex tiddeskrivi jew tiddetermina l-elementi tal-akkwist jew tal-proċedura. |
| **EŻITI TAT-TAGĦLIM** | Deskrizzjonijiet ta' dak li l-individwi għandhom ikunu jafu u jkunu kapaċi jagħmlu wara li jlestu taħriġ. |
| **GĦARFIEN** | L-informazzjoni fattwali, teoretika jew prattika dwar suġġett li individwu jista' jakkwista permezz ta' edukazzjoni jew taħriġ. |
| **GĦODDA TA' AWTOVALUTAZZJONI** | Kwestjonarju li jgħin biex jiġu vvalutati l-għarfien u l-ħiliet tal-individwi u tal-organizzazzjonijiet imqabbla mal-livelli fil-mira biex jiġu identifikati l-punti ta' saħħa u d-distakki tal-kompetenza. |
| **ĦILIET** | Il-kapaċità li twettaq attività speċifika jew kompitu speċifiku miksuba permezz ta' esperjenza professjonali jew taħriġ prattiku. |
| **KOMPETENZA** | L-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet li jippermettu lill-individwi u lill-organizzazzjonijiet jaġixxu b'mod effettiv f'impjieg jew f'sitwazzjoni. |
| **KOMPETENZI INTERPERSONALI** | Kategorija ta' kompetenzi relatati ma' ħiliet ta' mġiba li min-natura tagħhom huma trasversali. |
| **KOMPETENZI PERSONALI** | Raggruppament ta' kompetenzi interpersonali relatati mal-imġiba u l-attributi li għandu jkollhom il-professjonisti tal-akkwist pubbliku, kif ukoll il-mentalità li għandhom juru. |
| **KOMPETENZI SPEĊIFIĊI GĦALL-AKKWIST** | Kategorija ta' kompetenzi speċifiċi għall-ġestjoni tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku. |
| **KOMPETENZI TA' AKKWIST ORIZZONTALI** | Raggruppament ta' kompetenzi ta' akkwist applikabbli għall-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist pubbliku. |
| **KOMPETENZI TA' QABEL L-GĦOTJA** | Raggruppament ta' kompetenzi ta' akkwist relatati mal-kompiti u l-attivitajiet li jseħħu qabel ma jingħata kuntratt pubbliku. |
| **KOMPETENZI TA' WARA L-GĦOTJA** | Raggruppament ta' kompetenzi ta' akkwist meħtieġa wara l-għoti ta' kuntratt pubbliku, inkluża l-ġestjoni tal-kuntratti. |

[1] Cf. ukoll https://europass.cedefop.europa.eu/education-and-training-glossary/

| TERMINU | DEFINIZZJONI[1] |
|---|---|
| **KOMPETENZI TAL-PRESTAZZJONI** | Raggruppament ta' kompetenzi interpersonali relatati maż-żieda fil-valur għall-flus fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku. |
| **KOMPETENZI TAN-NIES** | Raggruppament ta' kompetenzi interpersonali li jippermettu lill-professjonisti tal-akkwist pubbliku jinteraġixxu u jikkooperaw ma' prattikanti oħrajn. |
| **KORP ĊENTRALI GĦALL-AKKWISTI** | Korp ċentrali għall-akkwisti huwa awtorità kontraenti li takkwista oġġetti jew servizzi, tagħti kuntratti pubbliċi u tikkonkludi ftehimiet qafas għal xogħlijiet, oġġetti jew servizzi maħsuba għal awtorità kontraenti waħda jew aktar. |
| **KURRIKULU TA' TAĦRIĠ ĠENERIKU** | Dokument strutturat li jiddeskrivi l-kontenut ta' taħriġ standard u l-eżiti tat-tagħlim mistennija għal sett ta' kompetenzi. |
| **LIVELLI TA' PROFIĊJENZA** | Il-livelli differenti ta' għarfien, ħiliet u responsabbiltajiet li huma mistennija li juru l-professjonisti tal-akkwist f'livell speċifiku. Kull kompetenza hija deskritta fuq erba' livelli ta' profiċjenza<br>1. Bażiku, 2. Intermedju, 3. Avvanzat, 4. Espert. |
| **LIVELLI TA' PROFIĊJENZA FIL-MIRA** | Il-livell mixtieq ta' għarfien u ħiliet mistennija minn professjonisti tal-akkwist pubbliku għal kompetenza speċifika. |
| **MATRIĊI TA' KOMPETENZI** | Struttura li tispjega u tiddeskrivi sett ta' kompetenzi li jistgħu jiġu applikati għal bosta profili ta' impjiegi. |
| **OPERATUR EKONOMIKU** | Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika jew entità pubblika li toffri l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet, il-provvista ta' prodotti jew il-forniment ta' servizzi fis-suq. |
| **PROFESSJONISTI TAL-AKKWIST PUBBLIKU** | Kwalunkwe individwu li jaħdem f'awtorità kontraenti u li huwa responsabbli għal u/jew qed jieħu sehem f'wieħed jew aktar mill-istadji tal-akkwist. |
| **PROFILI TAL-IMPJIEGI** | Sett ta' kompetenzi li jirriflettu l-kompiti u r-responsabbiltajiet ta' prattikant tal-akkwist pubbliku reali u l-livelli ta' profiċjenza fil-mira korrispondenti. |
| **QAFAS TA' KOMPETENZI** | Mudell li jaġixxi bħala qafas ta' referenza għall-individwi u l-organizzazzjonijiet u jipprovdilhom l-għodod biex jiddefinixxu, jivvalutaw u jsaħħu l-kompetenzi tagħhom. |
| **SPEJJEŻ TUL IĊ-ĊIKLU TAL-ĦAJJA** | L-ispejjeż kollha matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi. |
| **VALUR GĦALL-FLUS** | L-aktar kombinazzjoni vantaġġjuża ta' spejjeż, kwalità u sostenibbiltà biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-akkwist ta' awtorità kontraenti. |

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-professjonalizzazzjoni tal-forza tax-xogħol tal-akkwist pubbliku hija essenzjali biex jiġi żgurat li x-xerrejja pubbliċi jkollhom il-ħiliet, l-għarfien u l-integrità meħtieġa biex iwettqu l-impjiegi u l-kompiti tagħhom f'konformità mal-liġi, u b'mod effiċjenti, effettiv u strateġiku biex iwasslu l-aħjar valur għall-flus għaċ-ċittadini.

Fl-2017, il-Kummissjoni Ewropea (KE) ħarġet "Rakkomandazzjoni dwar il-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku"[2] biex tħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE jiżviluppaw politiki u inizjattivi ta' professjonalizzazzjoni fil-livell nazzjonali mmirati biex iżidu l-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku. Din ir-Rakkomandazzjoni hija parti mill-Istrateġija tal-Akkwist Pubbliku [3], li tiddeskrivi l-prijoritajiet għall-politika tal-UE dwar l-akkwist. Il-Kummissjoni Ewropea tappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom billi tipprovdi gwida lill-prattikanti, taħriġ, assistenza teknika u billi tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajbin u approċċi innovattivi[4].

Bħala parti minn dan l-appoġġ, il-Qafas Ewropew ta' Kompetenzi għall-professjonisti tal-akkwist pubbliku (ProcurComp^EU) għandu l-għan li jivvalorizza l-professjoni tal-akkwist bħala funzjoni strateġika u li jagħmilha adattata għall-isfidi futuri. Dan huwa għodda volontarja żviluppata u pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea (id-DĠ Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs) biex tgħin lill-awtoritajiet kontraenti, lill-awtoritajiet tal-akkwist pubbliku u lill-organizzazzjonijiet tat-taħriġ jidentifikaw u jindirizzaw il-kompetenzi li jeħtieġ li jissaħħu.

Il-professjonalizzazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi umani fl-akkwist pubbliku jiffaċċjaw għadd ta' sfidi. Pereżempju, l-akkwist spiss ma jkunx funzjoni organizzazzjonali definita b'mod ċar b'taħriġ, reklutaġġ u mogħdija tal-karriera korrispondenti. Huwa sikwit jitwettaq bħala kompitu addizzjonali mill-impjegati taċ-ċivil li jista' jkun li ma jkollhomx ħiliet speċifiċi relatati mal-akkwist. Barra minn hekk, il-ħiliet relatati man-negozju spiss jiġu sottovalutati fl-amministrazzjoni pubblika u dan iwassal għal approċċ legalistiku żżejjed u ffokat fuq il-konformità.

L-oqfsa ta' kompetenzi huma għodda ta' riżorsi umani li jiddefinixxu s-sett ta' għarfien u ħiliet li jeħtieġ li jkollhom l-individwi sabiex iwettqu xogħolhom u l-kompiti tagħhom b'mod effettiv u effiċjenti. Qafas ta' kompetenzi, li jiġi applikat għall-akkwist pubbliku, jista' jappoġġja bosta objettivi. Għall-individwi, huwa jista' jgħin fl-awtovalutazzjoni tal-ħiliet u l-punti ta' saħħa tal-individwi, jidentifika d-distakki u l-ħtiġijiet ta' taħriġ, ifassal u jippjana l-iżvilupp personali u l-mogħdija tal-karriera, kif ukoll itejjeb il-prestazzjoni. Fil-livell organizzazzjonali, jista' jintuża qafas ta' kompetenzi biex tiġi vvalutata u mtejba l-prestazzjoni tal-organizzazzjoni u tal-persunal u biex tiġi żgurata funzjoni ta' akkwist ta' kapaċità għolja li tkun tista' tirrispondi għall-prijoritajiet ta' politika tal-organizzazzjoni.

ProcurComp^EU mhuwiex intenzjonat biex jimponi xi soluzzjoni partikolari fuq l-Istati Membri jew fuq l-organizzazzjonijiet. Huwa ma għandux l-intenzjoni li joħloq xi restrizzjonijiet jew rekwiżiti minimi għall-aċċess għall-funzjonijiet tal-akkwist. Għall-kuntrarju, huwa għandu jitqies bħala għodda volontarja u li tista' tiġi personalizzata kompletament bl-għan li:

- tiffaċilita r-reklutaġġ, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-karriera tal-professjonisti kollha kkonċernati,
- tippermetti lill-organizzazzjonijiet jiddereġu l-ġestjoni tar-riżorsi umani tagħhom biex jilħqu l-għanijiet tagħhom,
- ittejjeb il-livell ta' kompetenza tal-forza tax-xogħol tal-akkwist pubbliku b'mod ġenerali, u
- tagħmel il-funzjoni tal-akkwist aktar apprezzata għad-dimensjoni multidixxiplinarja u strateġika tagħha u, għalhekk, aktar attraenti.

Il-proċess għall-iżvilupp tal-ProcurComp^EU għall-professjonisti tal-akkwist pubbliku kien jinvolvi kemm ir-reviżjoni tal-oqfsa eżistenti ta' kompetenzi tal-akkwist, kif ukoll proċess estensiv ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati minn organizzazzjonijiet internazzjonali u professjonali, korpi ċentrali għall-akkwisti, esperti tal-akkwist pubbliku fil-livell tal-UE u rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE. Aħna grati ħafna għall-aktar minn 300 professjonist u parti interessata li ħadu l-ħin biex jikkondividu l-fehmiet tagħhom magħna permezz tal-Kumitat Konsultattiv, intervisti, workshops, gruppi fokus u laqgħat ta' gruppi ta' esperti, u li pparteċipaw fl-eżerċizzju pilota li kopra 30 organizzazzjoni fi 15-il pajjiż.

Il-pakkett sħiħ tal-ProcurComp^EU għall-Professjonisti tal-Akkwist Pubbliku jikkonsisti f'għadd ta' elementi, inkluż:

- Il-**Matriċi ta' Kompetenzi**, li tiddeskrivi l-kompetenzi u l-ħiliet li għandu jkollhom il-professjonisti tal-akkwist pubbliku, skont ir-rwol li jwettqu.
- **Għodda ta' Awtovalutazzjoni**, li l-professjonisti u l-organizzazzjonijiet tal-akkwist pubbliku jistgħu jużaw biex jivvalutaw il-livelli ta' profiċjenza u l-maturità organizzazzjonali tagħhom fil-kompetenzi differenti identifikati fil-Matriċi ta' Kompetenzi;

[2] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1805 tat-3 ta' Ottubru 2017 dwar il-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku – Il-bini ta' arkitettura għall-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32017H1805
[3] https://ec.europa.eu/growth/content/increasing-impact-public-investment-through-efficient-and-professional-procurement-0_en
[4] https://ec.europa.eu/info/policies/public-procurement/support-tools-public-buyers_mt

- **Kurrikulu ta' Taħriġ Ġeneriku** li juri kif l-amministrazzjonijiet pubbliċi jistgħu jtejbu l-ħiliet tal-professjonisti tal-akkwist tagħhom.
- **Studju dwar il-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku fl-UE u lil hinn** li jipprovdi ħarsa ġenerali tal-politiki dwar il-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku b'rabta mal-ġestjoni tar-riżorsi umani bbażati fuq il-kompetenza fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi magħżula.

# ĦARSA ĠENERALI. PROCURCOMP^EU – QAFAS EWROPEW TA' KOMPETENZI GĦALL-PROFESSJONISTI TAL-AKKWIST PUBBLIKU

## 1. Għaliex għodda ta' professjonalizzazzjoni Ewropea għall-akkwist pubbliku?

### 1.1. Għaliex il-ProcurComp^EU?

Il-professjonalizzazzjoni tal-forza tax-xogħol tal-akkwist pubbliku hija essenzjali biex jiġi żgurat li x-xerrejja pubbliċi jkollhom il-ħiliet, l-għarfien u l-integrità meħtieġa biex iwettqu l-impjiegi u l-kompiti tagħhom f'konformità mal-liġi, u b'mod effiċjenti, effettiv u strateġiku biex iwasslu l-aħjar valur għall-flus għaċ-ċittadini.

Fl-2017, il-Kummissjoni Ewropea (KE) ħarġet "Rakkomandazzjoni dwar il-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku"[5] biex tħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE jiżviluppaw politiki u inizjattivi ta' professjonalizzazzjoni fil-livell nazzjonali mmirati biex iżidu l-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku. Din ir-Rakkomandazzjoni hija parti mill-Istrateġija tal-Akkwist Pubbliku[6], li rrikonoxxiet l-importanza ta' approċċ strateġiku għall-akkwist pubbliku bħala għodda b'saħħitha għall-infiq tal-flus pubbliċi biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà, ambjentali u ekonomiċi u biex jiġu appoġġjati l-kompetizzjoni u l-innovazzjoni ġenwini. Il-Kummissjoni Ewropea tappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom billi tipprovdi gwida lill-prattikanti, taħriġ, assistenza teknika u billi tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajbin u approċċi innovattivi[7].

Bħala parti minn dan l-appoġġ, il-Qafas Ewropew ta' Kompetenzi għall-professjonisti tal-akkwist pubbliku (ProcurComp^EU) għandu l-għan li jivvalorizza l-professjoni tal-akkwist bħala funzjoni strateġika u li jagħmilha adattata għal sfidi futuri. Dan huwa għodda volontarja żviluppata u pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea (id-DĠ Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs) biex tgħin lill-awtoritajiet kontraenti, lill-awtoritajiet tal-akkwist pubbliku u lill-organizzazzjonijiet tat-taħriġ jidentifikaw u jindirizzaw il-kompetenzi li jeħtieġ li jissaħħu.

Il-professjonalizzazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi umani fl-akkwist pubbliku jiffaċċjaw għadd ta' sfidi. L-akkwist sikwit ma jkunx funzjoni organizzazzjonali ddefinita b'mod ċar b'taħriġ, reklutaġġ u mogħdija tal-karriera korrispondenti. Huwa sikwit jitwettaq bħala kompitu addizzjonali mill-impjegati taċ-ċivil li jista' jkun li ma jkollhomx ħiliet speċifiċi relatati mal-akkwist. Barra minn hekk, il-ħiliet relatati man-negozju spiss jiġu sottovalutati fl-amministrazzjoni pubblika u dan iwassal għal approċċ legalistiku żżejjed u ffokat fuq il-konformità.

Approċċ ibbażat fuq il-kompetenzi għall-ġestjoni tar-riżorsi umani jippermetti lill-organizzazzjonijiet jiġġestixxu l-prestazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-karriera f'konformità mal-pjan strateġiku globali tal-organizzazzjoni. L-oqfsa ta' kompetenzi huma għodod ta' riżorsi umani li jiddefinixxu s-sett ta' għarfien u ħiliet li jeħtieġ li jkollhom l-individwi sabiex iwettqu xogħolhom u l-kompiti tagħhom b'mod effettiv u effiċjenti. Qafas ta' kompetenzi, li jiġi applikat għall-akkwist pubbliku, jista' jappoġġja bosta objettivi. Għall-individwi, dan jista' jgħin fl-awtovalutazzjoni tal-ħiliet u l-punti ta' saħħa tal-individwi, fl-identifikazzjoni tad-distakki u tal-ħtiġijiet ta' taħriġ, fit-tfassil u l-ippjanar tal-iżvilupp personali u tal-mogħdija tal-karriera, kif ukoll fit-titjib tal-prestazzjoni. Fil-livell organizzazzjonali, jista' jintuża qafas ta' kompetenzi biex tiġi vvalutata u mtejba l-prestazzjoni organizzazzjonali u tal-persunal u biex tiġi żgurata funzjoni ta' akkwist b'kapaċità għolja li tkun tista' tirrispondi għall-prijoritajiet ta' politika tal-organizzazzjoni.

L-aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-2016[8] enfasizzat l-importanza strateġika tal-ħiliet biex jiġu sostnuti l-impjiegi, it-tkabbir u l-kompetittività. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2018 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja[9] tistabbilixxi sett ewlieni ta' ħiliet meħtieġa biex wieħed jaħdem u jgħix fis-seklu 21 u tidentifika l-użu tal-oqfsa ta' referenza Ewropej, inklużi l-oqfsa ta' kompetenzi, bħala mezz li jiffaċilita l-iżvilupp u l-valutazzjoni tal-kompetenzi u jappoġġa l-għanijiet tat-tagħlim. Il-ProcurComp^EU għandu jitqies bħala għodda u faċilitatur

[5] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1805 tat-3 ta' Ottubru 2017 dwar il-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku – Il-bini ta' struttura għall-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32017H1805
[6] https://ec.EUropa.EU/growth/content/increasing-impact-public-investment-through-efficient-and-professional-procurement-0_en
[7] https://ec.EUropa.EU/info/policies/public-procurement/support-tools-public-buyers_en
[8] https://EUr-lex.EUropa.EU/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52016DC0381
[9] https://EUr-lex.EUropa.EU/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32018H0604%2801%29

sabiex il-ħiliet u l-kwalifiki tal-professjonisti tal-akkwist ikunu jistgħu jinftiehmu u jitqabblu b'mod aktar faċli, aktar milli jkun limitattiv u restrittiv. Huwa maħsub biex jaġixxi bħala qafas ta' referenza ċentrali li miegħu jistgħu jkunu marbuta l-oqfsa ta' professjonalizzazzjoni tal-akkwist nazzjonali, kemm jekk ikunu għadhom kif ġew żviluppati abbażi tal-ProcurComp^EU, kif ukoll jekk ikunu oqfsa eżistenti inkorporati fl-ambjent speċifiku tagħhom. Bl-użu ta' lingwaġġ komuni għal kompetenzi, ħiliet u kapaċitajiet li jistgħu jinftiehmu madwar l-Ewropa, il-ProcurComp^EU jista' jipprovdi referenza li tista' tiġi adottata direttament jew tkun adattabbli biex tissodisfa kuntesti u ħtiġijiet speċifiċi. Id-dimensjoni Ewropea ser ittejjeb it-trasparenza, il-komparabbiltà u għandha l-potenzjal li tiffaċilita l-inizjattivi ta' taħriġ Ewropej.

Kapaċità amministrattiva tajba tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u professjonisti tal-akkwist pubbliku aktar professjonali u strateġiċi huma fatturi determinanti ewlenin biex l-organizzazzjonijiet, il-funzjonijiet u d-dipartimenti tal-akkwist isiru aktar strateġiċi. Għalhekk, il-ProcurComp^EU jeżisti biex jgħin fit-tiswir ta' kapaċitajiet amministrattivi tajbin u jgħin lill-individwi u lill-organizzazzjonijiet jaħsbu u jaġixxu lil hinn mil-linja bażi tal-konformità legali u l-approċċ proċedurali għall-akkwist. Huwa jfittex ukoll li jgħin lill-individwi u lill-organizzazzjonijiet jiksbu implimentazzjoni aħjar tal-attivitajiet ta' akkwist tagħhom għal valur ogħla għall-flus u funzjonament aħjar tas-suq uniku. Jekk il-professjonisti tal-akkwist pubbliku jkollhom ħiliet aħjar tan-negozju u approċċ strateġiku għall-akkwist, huma jistgħu jtejbu l-għarfien tas-suq tagħhom, itejbu d-disinn ta' dokumenti ta' akkwist ġenerali u jinkludu aspetti bħall-akkwist ekoloġiku, soċjali u tal-innovazzjoni.

Il-ProcurComp^EU mhuwiex maħsub biex jimponi xi soluzzjoni partikolari fuq l-Istati Membri jew fuq l-organizzazzjonijiet. Ma hemmx l-intenzjoni li joħloq xi restrizzjonijiet jew rekwiżiti minimi għall-aċċess għall-funzjonijiet tal-akkwist. Għall-kuntrarju, huwa għandu jitqies bħala għodda volontarja u li tista' tiġi personalizzata kompletament bl-għan li:

- tiffaċilita r-reklutaġġ, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-karriera tal-professjonisti kollha kkonċernati,
- tippermetti lill-organizzazzjonijiet jidderieġu l-ġestjoni tar-riżorsi umani tagħhom biex jilħqu l-għanijiet tagħhom,
- ittejjeb il-livell ta' kompetenza tal-forza tax-xogħol tal-akkwist pubbliku b'mod ġenerali, u
- tagħmel il-funzjoni tal-akkwist aktar apprezzata għad-dimensjoni multidixxiplinarja u strateġika tagħha u, għalhekk, aktar attraenti.

Il-pakkett sħiħ tal-ProcurComp^EU għall-Professjonisti tal-Akkwist Pubbliku jikkonsisti f'għadd ta' elementi, inklużi:

- Il-**Matriċi ta' Kompetenzi**, li tiddeskrivi l-kompetenzi u l-ħiliet li għandu jkollhom il-professjonisti tal-akkwist pubbliku, skont ir-rwol li jwettqu.
- **Għodda ta' Awtovalutazzjoni**, li l-professjonisti u l-organizzazzjonijiet tal-akkwist pubbliku jistgħu jużaw biex jivvalutaw il-livelli ta' proficjenza u l-maturità organizzazzjonali tagħhom fil-kompetenzi differenti identifikati fil-Matriċi ta' Kompetenzi;
- **Kurrikulu ta' Taħriġ Ġeneriku** li juri kif l-amministrazzjonijiet pubbliċi jistgħu jtejbu l-ħiliet tal-professjonisti tal-akkwist tagħhom.
- **Studju dwar il-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku fl-UE u lil hinn** li jipprovdi ħarsa ġenerali tal-politiki dwar il-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku fil-qasam tal-ġestjoni tar-riżorsi umani bbażati fuq il-kompetenzi fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi magħżula.

## 1.2. Għal min huwa maħsub il-ProcurComp^EU?

ProcurComp^EU huwa qafas ta' referenza tal-kompetenzi tal-akkwist li jistgħu jużaw varjetà ta' partijiet ikkonċernati tal-akkwist.

ProcurComp^EU huwa primarjament immirat lejn il-prattikanti u l-maniġers tal-akkwist pubbliku, u t-tipi kollha ta' awtoritajiet kontraenti u organizzazzjonijiet li jvarjaw f'termini tad-daqs, tal-kapaċità, tal-prattiki u tal-kulturi tagħhom. Għalhekk, il-ProcurComp^EU jista' jintuża skont l-għan imfittex mill-organizzazzjoni, mir-reġjun jew mill-gvern. Dan ma għandux l-għan li jipprovdi approċċ ta' universalità. Minflok, dan jista' jiġi adattat għad-diversi kuntesti, ambjenti u strutturi organizzazzjonali li fihom joperaw il-prattikanti tal-akkwist.

Barra minn hekk, mill-ProcurComp^EU jista' jibbenefika wkoll tip ieħor ta' partijiet ikkonċernati li għandhom rwol ewlieni fil-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku, jiġifieri: il-gvernijiet nazzjonali u dawk li jfasslu l-politika, l-istituti tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni.

## *Individwi u korpi professjonali*

**Individwi** jirreferu għal kull professjonist tal-akkwist pubbliku li jieħu sehem fi kwalunkwe fażi jew proċess ta' proċeduri tal-akkwist pubbliku. Dan jinkludi prattikanti b'ħafna profili ta' impjiegi differenti li jvarjaw minn skrivani, avukati tal-akkwist, speċjalisti tal-akkwist, xerrejja subalterni u superjuri (junior and senior buyers), speċjalisti tal-kategorija, uffiċjali tal-akkwist strateġiku, maniġers tal-akkwist u kapijiet tal-funzjonijiet tal-akkwist, jew dipartimenti f'awtoritajiet kontraenti.

**Korpi professjonali orjentati lejn l-akkwist** huma assoċjazzjonijiet settorjali, reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali li joperaw bħala netwerks li jikkondividu għarfien espert, pariri u prattiki tajbin fost il-membri tagħhom. Dawn in-netwerks ta' organizzazzjonijiet jappoġġjaw lill-membri privati u pubbliċi tagħhom biex isiru aktar strateġiċi u professjonali. Huma jippromwovu l-iżvilupp tal-professjoni billi jiddefinixxu standards u fehim komuni ta' prattiki ġodda fil-qasam, joħolqu valuri ambjentali u soċjetali, u jrawmu d-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni. Huma sikwit imexxu l-programmi ta' valutazzjoni, taħriġ u ċertifikazzjoni tagħhom stess.

## *Organizzazzjonijiet u Awtoritajiet Kontraenti*

**Organizzazzjonijiet żgħar** jirreferu għal awtoritajiet kontraenti fejn sett żgħir biss ta' individwi jwettqu proċeduri ta' akkwist mill-A saż-Ż. Dawn l-organizzazzjonijiet jista' ma jkollhomx prattika ddedikata ta' riżorsi umani responsabbli għar-reklutaġġ u l-ġestjoni tal-forza tax-xogħol tal-akkwist tagħhom. F'ħafna każijiet, dawk responsabbli għall-akkwist pubbliku f'organizzazzjonijiet żgħar jagħmlu dan biss fuq bażi part-time, minbarra responsabbiltajiet oħrajn. Huma jaħdmu f'muniċipalitajiet, bliet żgħar u korpi pubbliċi żgħar. Organizzazzjonijiet żgħar għandhom it-tendenza li jikkuntrattaw konsulenti biex iwettqu kompiti u attivitajiet speċifiċi meqjusa bħala tekniċi u li għalihom il-livell mixtieq ta' għarfien espert mhuwiex preżenti.

**Organizzazzjonijiet kbar** huma awtoritajiet kontraenti li għandhom funzjoni dedikata ta' akkwist pubbliku u prattiki ta' ġestjoni tar-riżorsi umani ddefiniti b'mod tajjeb. Huma jistgħu jkunu ministeri, reġjuni jew bliet, korpi ċentrali għall-akkwisti, jew istituzzjonijiet kbar bħal sptarijiet jew universitajiet. Il-kompiti u r-responsabbiltajiet jinqasmu fost profili ta' impjiegi differenti, jiġifieri hemm livell ogħla ta' speċjalizzazzjoni fir-rwoli, pereżempju, fl-istadji u fil-fażijiet differenti ta' proċedura ta' akkwist li fiha jintervjenu profili differenti. Hemm ukoll ġerarkija akbar fost il-forza tax-xogħol tal-akkwist, bil-preżenza ta' maniġers tal-linja, mexxejja tat-timijiet u maniġers tal-kategorija inkarigati minn flussi tax-xogħol speċifiċi relatati mal-akkwist pubbliku. Organizzazzjonijiet akbar jistgħu jinkludu wkoll espert jew dipartiment legali ddedikat.

## *Awtoritajiet u dawk li jfasslu l-politika*

**L-awtoritajiet tal-akkwist pubbliku u dawk li jfasslu l-politika tal-Istati Membri** jiddefinixxu r-regoli u l-politiki dwar l-akkwist pubbliku li jappoġġjaw nefqa pubblika effettiva mill-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti għall-benefiċċju tas-soċjetà. Huma għandhom rwoli ta' żvilupp, koordinazzjoni u superviżjoni billi jiżguraw li r-regoli u l-proċeduri jiġu interpretati u mifhuma b'mod korrett u li l-akkwist pubbliku jitwettaq f'konformità mal-liġi, filwaqt li jiġi żgurat l-akbar valur għall-flus possibbli. Dawn l-awtoritajiet jistgħu jkunu uffiċċji jew aġenziji tal-akkwist pubbliku ddedikati, jew direttorat jew dipartiment speċifiku fi ħdan entità amministrattiva. Huma responsabbli wkoll għall-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku billi jipprovdu analiżi u pariri legali u tekniċi permezz ta' hotlines telefoniċi, dokumenti ta' gwida u mudelli, kif ukoll għodod prattiċi ta' bini tal-kapaċità, inklużi taħriġ u seminars.

## *Organizzazzjonijiet ta' taħriġ u korpi ta' ċertifikazzjoni*

**Organizzazzjonijiet ta' taħriġ** (fornituri pubbliċi jew privati tat-taħriġ, istituti, assoċjazzjonijiet, skejjel tal-amministrazzjoni pubblika u universitajiet) jirreferu għal organizzazzjonijiet pubbliċi u privati tat-taħriġ fuq livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali li jipprovdu korsijiet orjentati lejn l-akkwist. Huma jikkontribwixxu għall-professjonalizzazzjoni ta' professjonisti tal-akkwist pubbliku billi jipprovdu korsijiet ta' taħriġ dwar l-aspetti legali, proċedurali, tekniċi u kummerċjali tal-akkwist pubbliku.

F'xi Stati Membri, il-**korpi ta' ċertifikazzjoni** joffru wkoll skemi ta' ċertifikazzjoni u akkreditazzjoni obbligatorji jew volontarji fl-akkwist pubbliku. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni jistgħu jkunu obbligatorji (xi kultant regolati mil-liġi) u mhux obbligatorji u jiddefinixxu sett speċifiku ta' ħiliet u għarfien għall-individwi sabiex ikunu jistgħu jwettqu rwol speċifiku fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku. Dawn jistgħu jkunu primarjament iffokati fuq l-għarfien/il-ħiliet meħtieġa għall-fażi tas-sejħiet għall-offerti jew jimmiraw għal sett ta' ħiliet usa', inklużi l-ħiliet kummerċjali u professjonali meħtieġa biex jitwettqu l-fażijiet ta' qabel u wara l-għoti taċ-ċiklu tal-akkwist.

## 1.3. Kif ġie żviluppat il-ProcurComp^EU?

Il-proċess għall-iżvilupp tal-ProcurComp^EU għall-professjonisti tal-akkwist pubbliku kien jinvolvi kemm ir-rieżami tal-oqfsa ta' kompetenzi tal-akkwist u l-prattiki ta' professjonalizzazzjoni eżistenti fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi terzi, kif ukoll proċess estensiv ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati minn organizzazzjonijiet internazzjonali u professjonali, korpi ċentrali għall-akkwisti, esperti tal-akkwist pubbliku fil-livell tal-UE u rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE, inkluż eżerċizzju pilota fi 15-il pajjiż.

### *Valutazzjoni komparattiva tal-politiki u l-għodod eżistenti*

Fil-proċess tal-iżvilupp tal-ProcurComp^EU, aħna eżaminajna mill-ġdid għadd ta' oqfsa ta' kompetenzi oħrajn mill-qasam tal-akkwist pubbliku u lil hinn. Ħafna minn dawn intużaw bħala ispirazzjoni fl-iżvilupp tal-istruttura u tal-kontenut tal-ProcurComp^EU. Minbarra l-materjali disponibbli tas-settur pubbliku, l-oqfsa ta' kompetenzi żviluppati u implimentati għas-settur privat intużaw ukoll bħala ispirazzjoni.

Twettaq studju ta' rendikont fl-Istati Membri tal-UE u lil hinn, bl-għan li jinvestiga s-sitwazzjoni attwali tal-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi terzi u jidentifika prattiki tajbin ta' professjonalizzazzjoni. Dan jinkludi skedi informattivi tal-pajjiżi għal kull Stat Membru tal-UE u studji ta' każijiet ta' inizjattivi ta' prattika tajba. Is-sejbiet mill-istudju kienu kontribut ewlieni għat-tfassil tal-ProcurComp^EU u għenu biex jiżguraw li l-elementi kollha tiegħu jitfasslu skont il-prattiki, l-isfidi u l-prijoritajiet attwali fl-akkwist pubbliku f'kuntesti nazzjonali speċifiċi.

### *Kontribut mill-konsultazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati*

Il-kontenut tal-ProcurComp^EU jirrifletti l-kontribut minn firxa wiesgħa ta' konsultazzjonijiet u interazzjonijiet imwettqa mal-partijiet ikkonċernati tal-akkwist pubbliku, li kienu f'kuntatt ma' ProcurComp^EU jew ma' oqfsa ta' kompetenzi oħrajn u, għalhekk, jistgħu jipprovdu pariri u suġġerimenti dwar x'jaħdem u x'ma jaħdimx fl-istrutturi professjonali tal-akkwist speċifiċi. Saru aktar minn 100 intervista kwalitattiva mal-partijiet ikkonċernati tal-akkwist pubbliku, inklużi awtoritajiet tal-akkwist pubbliku, korpi superviżorji, awtoritajiet kontraenti kbar u żgħar, korpi ċentrali għall-akkwisti, assoċjazzjonijiet tal-akkwist professjonali u korpi tat-taħriġ u taċ-ċertifikazzjoni, ibbażati fl-UE u barra minnha.

Il-kontribut miġbur matul dawn l-intervisti kkontribwixxa għall-iżvilupp ta' fehim ibbilanċjat u komprensiv tal-kwistjonijiet ewlenin dwar il-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku fl-Istati Membri tal-UE. Il-feedback tal-prattikanti dwar inizjattivi u prijoritajiet reċenti fil-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku f'livell nazzjonali u internazzjonali għen biex jiġi żgurat li ProcurComp^EU jqis l-aħħar żviluppi u jipprovdi soluzzjonijiet rilevanti.

Twettqu wkoll interazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati tal-akkwist pubbliku ta' ħafna tipi u minn ħafna kuntesti permezz ta' diversi diskussjonijiet madwar mejda u sessjonijiet ta' ħidma parteċipattivi. Il-kummenti, l-ideat u s-suġġerimenti li tqajmu matul dawn l-interazzjonijiet ġew inkorporati biex jiġi żgurat li l-ProcurComp^EU jolqot it-tħassib tal-udjenza fil-mira: il-prattikanti tal-akkwist pubbliku.

### *Rispons tal-utenti minn eżerċizzju pilota*

ProcurComp^EU għandu l-intenzjoni li jkun prattiku u, kemm jista' jkun, ibbażat fuq sitwazzjonijiet tal-ħajja reali. Uħud mill-aktar kontributi importanti ġejjin minn dawk li għandhom esperjenza diretta bl-użu tal-ProcurComp^EU, permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-eżerċizzju pilota. Għandu jingħata ringrazzjament speċjali lill-151 prattikant minn total ta' 33 organizzazzjoni, inklużi muniċipalitajiet, awtoritajiet reġjonali, aġenziji eżekuttivi, ministeri tal-gvern, korpi ċentrali għall-akkwisti f'14-il pajjiż, inklużi l-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja u l-Bank Ewropew tal-Investiment.

### *Koordinazzjoni tal-proġett*

ProcurComp^EU ġie żviluppat permezz ta' proċess kollaborattiv li jinvolvi firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati internazzjonali.

Twaqqaf Kumitat Konsultattiv iddedikat biex jipprovdi kontribut tekniku u rieżami espert għal kull wieħed mill-komponenti tal-ProcurComp^EU permezz ta' laqgħat regolari, kif ukoll indikazzjoni siewja tal-partijiet ikkonċernati rilevanti li għandha ssir konsultazzjoni magħhom fil-livell reġjonali jew nazzjonali. Il-Kumitat Konsultattiv inkluda rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet li ġejjin: OECD, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi ; CIPS, Chartered Institute of Procurement and Supply ; IFPSM, International Federation of Purchasing and Supply Management ; LOGY, l-

Assoċjazzjoni Finlandiża tax-Xiri u tal-Loġistika ; BBG, l-Aġenzija Federali Awstrijaka għall-Akkwisti ; il-Ministeru tal-Ekonomija, l-Intraprenditorija u l-Artiġjanat, il-Kroazja ; l-Awtorità għall-Kompetizzjoni u l-Konsumaturi, id-Danimarka ; HSPPA, Hellenic Single Public Procurement Authority, il-Greċja ; il-Ministeru tal-Finanzi, il-Finlandja ; il-Ministeru tal-Ekonomija, il-Finanzi, l-Azzjoni u l-Kontijiet Pubbliċi, Franza ; l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, l-Ungerija ; l-Uffiċċju tal-Akkwisti tal-Gvern, l-Irlanda ; Consip, il-Korp Ċentrali għall-Akkwisti, l-Italja ; il-Ministeru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, Malta ; eSPap, l-Entità għas-Servizzi Kondiviżi tal-Gvern, il-Portugall ; Difi, l-Aġenzija Norveġiża għall-Ġestjoni Pubblika u l-Gvern elettroniku ; ANAP, l-Aġenzija Nazzjonali għall-Akkwisti Pubbliċi, ir-Rumanija ; il-Ministeru tal-Finanzi, Spanja ; u esperti privati.

Il-proġett ġie ppreżentat u diskuss ukoll f'diversi gruppi ta' esperti u avvenimenti tal-Kummissjoni Ewropea u lil diversi udjenzi ta' partijiet ikkonċernati, inkluż il-Grupp ta' Esperti dwar l-Akkwisti Pubbliċi (EXPP), il-Grupp ta' Esperti tal-Partijiet Ikkonċernati dwar l-Akkwisti Pubbliċi (SEGPP), in-Netwerk Ewropew ta' Korpi Ċentrali għall-Akkwisti, kif ukoll għadd kbir ta' konferenzi u avvenimenti bħal, fl-2019, il-laqgħa tal-esperti tal-akkwist pubbliku fis-settur tas-saħħa u sessjoni ta' ħidma ddedikata għall-proġett matul il-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet (EWRC).

Il-ħidma fuq ProcurCompeu kienet ikkoordinata mit-Tim inkarigat mill-Professjonalizzazzjoni tal-Akkwist Pubbliku tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs (DĠ GROW — G1).

Il-ħidma fuq il-ProcurComp$^{EU}$ kienet ikkoordinata, fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, mit-Tim inkarigat mill-Professjonalizzazzjoni tal-Akkwist Pubbliku tad-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs (DĠ GROW-G1). Il-proġett kien issorveljat minn Grupp ta' Tmexxija intern tal-Kummissjoni magħmul mid-DĠ GROW, id-DĠ REGIO, id-DĠ TAXUD u d-DĠ EMPL. L-assistenza teknika għall-produzzjoni tal-Qafas ta' Kompetenzi ġiet ipprovduta minn konsulenti minn PwC.

Aħna grati ħafna lejn aktar minn 300 professjonist u partijiet ikkonċernati li ħadu l-ħin biex jikkondividu l-fehmiet tagħhom magħna permezz tal-Kumitat Konsultattiv, intervisti, sessjonijiet ta' ħidma, diskussjoni madwar mejda u laqgħat ta' gruppi ta' esperti, u li pparteċipaw fl-eżerċizzju pilota.

# 2. X'INHU L-PROCURCOMP^EU?

## 2.1. Il-komponenti ewlenin tal-ProcurComp^EU

Il-Pakkett ProcurComp^EU huwa sett ta' tliet għodod li jistgħu jintużaw kollha flimkien jew b'mod indipendenti. Il-komponenti tal-ProcurComp^EU ġew żviluppati biex jikkomplementaw u jibnu fuq xulxin, kif ukoll biex ikunu għodod awtonomi li jistgħu jintużaw b'mod indipendenti.

### *PARTI I. Il-Matriċi ta' Kompetenzi tal-ProcurComp^EU*

Il-Matriċi ta' Kompetenzi tal-ProcurComp^EU tiddeskrivi l-kompetenzi ewlenin (għarfien, ħiliet u attitudnijiet) li għandhom juru l-professjonisti tal-akkwist pubbliku sabiex iwettqu l-impjieg tagħhom b'mod effettiv u effiċjenti u jwettqu l-proċeduri tal-akkwist pubbliku li jrendu valur għall-flus minfuqa.

L-attivitajiet, il-kompiti u r-responsabbiltajiet ewlenin li ġeneralment iwettqu l-professjonisti tal-akkwist pubbliku huma deskritti u jistrutturaw madwar 30 kompetenza.

Il-kompetenzi huma miġbura f'**żewġ kategoriji ewlenin**: kompetenzi speċifiċi għall-akkwist u kompetenzi professjonali. Il-kategoriji huma mbagħad maqsuma f'**sitt raggruppamenti**, tlieta għal kull kategorija:

- Kompetenzi speċifiċi għall-akkwist:
    - Orizzontali
    - Qabel l-għotja
    - Wara l-għotja
- Kompetenzi interpersonali:
    - Personali
    - Nies
    - Prestazzjoni

Kull kompetenza hija deskritta fuq **erba' livelli ta' profiċjenza**: 1. Bażiku, 2. Intermedju, 3. Avvanzat, 4. Espert.

Il-Matriċi ta' kompetenzi tista' tintuża primarjament biex jiġu vvalutati l-kompetenzi tal-individwi u tal-organizzazzjonijiet fl-isfond tal-miri ddefiniti minn qabel. Abbażi ta' dan, hija tista' tintuża biex tappoġġja l-iżvilupp professjonali tal-persunal jew il-kisba tal-objettivi tal-akkwist tal-organizzazzjoni.

Flimkien mal-bqija tal-għodod tal-ProcurComp^EU, il-matriċi tista' tgħin biex:

- **Tidentifika u tistruttura d-diversi rwoli tal-akkwist** li huma meħtieġa f'tim tal-akkwist u f'organizzazzjoni, flimkien mal-kompiti li jeħtieġ li jitwettqu fi ħdan rwol speċifiku;
- **Twettaq analiżi tad-distakk individwali**, biex tivvaluta l-livell ta' profiċjenza attwali ta' individwu fil-kompetenzi rilevanti fl-isfond tal-livelli fil-mira ddefiniti minn qabel; u
- **Twettaq analiżi tad-distakk organizzazzjonali**, biex tidentifika l-punti ta' saħħa u d-dgħufijiet f'termini tal-kompetenzi disponibbli fi ħdan organizzazzjoni.
- **Tiddefinixxi miżuri** biex il-kompetenzi jiġu allinjati mal-miri meħtieġa għall-profili tal-impjiegi, pereżempju permezz ta' taħriġ jew reklutaġġ, u tappoġġja l-orjentazzjonijiet ta' politika tal-organizzazzjoni kollha kemm hi.

## *PARTI II. L-Għodda ta' Awtovalutazzjoni tal-ProcurComp^EU*

L-Għodda ta' Awtovalutazzjoni tal-ProcurComp^EU hija magħmula minn bosta elementi ewlenin:

- Kwestjonarju ta' awtovalutazzjoni
- Templates għall-profili tal-impjiegi
- Għodda ta' kalkolu għall-kalkolu tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-individwu u organizzazzjonali.

Il-matriċi tappoġġja lil dawk l-individwi li jużaw l-Għodda ta' Awtovalutazzjoni biex jivvalutaw b'mod korrett l-għarfien u l-ħiliet tagħhom f'kull waħda mill-kompetenzi ttestjati fl-għodda. Id-deskrizzjonijiet tal-kompetenzi fil-Matriċi ta' kompetenzi jirreferu għall-għarfien li għandu jkollhom l-individwi u, b'hekk, huma l-bażi biex jiġu mwieġba l-mistoqsijiet dwar l-għarfien. Il-livelli ta' profiċjenza ddefiniti għal kull kompetenza huma l-bażi biex jiġu mwieġba l-mistoqsijiet dwar il-ħiliet. L-individwi jistgħu jużaw l-Għodda ta' Awtovalutazzjoni biex jittestjaw il-livell ta' profiċjenza attwali tagħhom fl-isfond tal-profil tal-impjieg korrispondenti.

L-organizzazzjoni għandha tiddefinixxi l-livell mixtieq ta' għarfien u ħiliet mistennija mill-professjonisti tal-akkwist pubbliku, billi tistabbilixxi l-livelli ta' profiċjenza fil-mira għall-profili tal-impjiegi kollha li jeżistu fi ħdan l-organizzazzjoni. Eżempji ta' profili tal-impjiegi huma: xerrej pubbliku, skrivan tal-akkwist, speċjalist tal-akkwist, konsulent legali, speċjalista tal-kategorija, aġent tax-xiri, tekniku tal-akkwist, eċċ. Huma dejjem ikunu speċifiċi għal kull organizzazzjoni u jistgħu jinbidlu maż-żmien. Sabiex jagħmlu dan, l-organizzazzjonijiet jistgħu jużaw jew jadattaw il-profili tal-impjiegi komuni proposti fl-għodda ta' Awtovalutazzjoni tal-ProcurComp^EU jew joħolqu oħrajn ġodda, li jirreferu għad-deskrizzjonijiet tal-kompetenzi u l-livelli ta' profiċjenza fil-Matriċi ta' kompetenzi.

Abbażi tar-riżultati ta' valutazzjoni individwali, l-individwi jistgħu jidentifikaw malajr l-oqsma fejn il-livell ta' profiċjenza attwali tagħhom jilħaq il-mira, jaqbeż il-mira, jew ma jilħaqx il-livell fil-mira għall-profil tal-impjieg tagħhom.

L-organizzazzjonijiet jistgħu jikkompilaw u jaggregaw riżultati individwali u jiksbu valutazzjoni fil-livell tal-organizzazzjoni li tindika distakki ta' kompetenza fil-profil tal-impjieg u fil-livell tal-organizzazzjoni.

## *PARTI III. Il-Kurrikulu ta' Taħriġ ta' Referenza tal-ProcurComp^EU*

Il-Kurrikulu ta' Taħriġ ta' Referenza tal-ProcurComp^EU jelenka l-eżiti tat-tagħlim kollha li l-professjonisti tal-akkwist pubbliku għandhom ikunu jafu u jkunu kapaċi juru wara li jkunu attendew taħriġ għal ċertu livell ta' profiċjenza.

Abbażi tad-distakki ta' kompetenza identifikati fil-livell individwali, tal-profil u tal-organizzazzjoni, l-organizzazzjoni tista' tuża l-Matriċi ta' kompetenzi u, speċifikament, il-Kurrikulu tat-Taħriġ Ġeneriku biex tiddeċiedi kif għandha tindirizzahom bl-aħjar mod, inkluż permezz ta': tagħlim u żvilupp (taħriġ, tagħlim elettroniku, miżuri għall-bini tal-kapaċità, eċċ.), reklutaġġ ta' għarfien espert estern, jew bidliet fil-politika jew l-istrateġija ta' organizzazzjoni, bħal kooperazzjoni ma' awtoritajiet kontraenti oħrajn permezz ta' skambju ta' prattika tajba, akkwist konġunt jew delega lill-korpi ċentrali għall-akkwisti.

Barra minn hekk, l-organizzazzjoni tista', abbażi tal-ħarsa ġenerali lejn il-kompetenzi eżistenti, tippjana l-iżvilupp strateġiku tal-organizzazzjoni kollha kemm hi, skont il-prijoritajiet tal-politika tagħha fil-ġejjieni. Pereżempju, jekk l-organizzazzjoni tkun trid tiżviluppa akkwist sostenibbli jew innovattiv jew jekk tkun trid timplimenta proċessi avvanzati ta' akkwist elettroniku, hija tista' torjenta l-istrateġija tat-taħriġ u tar-reklutaġġ tagħha b'mod li tikseb it-taħlita ta' kompetenzi xierqa.

## 2.2. L-istqarrija tal-missjoni tal-ProcurComp^EU

Sabiex jiġu appoġġjati l-utenti tal-ProcurComp^EU u l-iżviluppaturi ta' gwida inkarigati mill-implimentazzjoni tal-għodod tal-ProcurComp^EU fil-livelli organizzazzjonali, reġjonali u nazzjonali, l-istqarrija tal-missjoni li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-filosofija u l-prinċipji sottostanti adottati matul l-elaborazzjoni tagħhom u r-reviżjonijiet sussegwenti tal-għodod tal-ProcurComp^EU.

### *ProcurComp^EU huwa għodda volontarja u li tintuża liberament*

ProcurComp^EU huwa komponent ewlieni tal-politika ta' professjonalizzazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Huwa jipprovdi struttura u kontenut għall-applikazzjoni minn ħafna tipi ta' utenti minn gvernijiet nazzjonali, awtoritajiet tal-akkwist

pubbliku, istituzzjonijiet edukattivi u tat-taħriġ, inklużi fornituri tal-edukazzjoni għolja u taċ-ċertifikazzjoni, u prattikanti. F'dan il-kuntest wiesa' ta' applikazzjoni, il-ProcurComp[EU] huwa mfassal biex jappoġġja inizjattivi u politiki għall-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku. Kwalunkwe individwu u organizzazzjoni involuti fi sforzi ta' professjonalizzazzjoni tal-akkwist, pjanar tar-riżorsi umani tal-akkwist u ġestjoni bbażata fuq il-kompetenzi huma mistiedna biex jużaw din l-għodda b'mod li jista' jwassal biex jintlaħqu l-miri tal-professjonalizzazzjoni tagħhom.

## *ProcurComp[EU] huwa faċilitatur*

ProcurComp[EU] huwa maħsub biex ikun qafas li jagħti s-setgħa u jivvalorizza lill-utenti, mhux jirrestrinġihom. L-applikazzjoni tal-ProcurComp[EU] ma għandhiex twassal għal xi restrizzjoni fil-proċess ta' reklutaġġ abbażi tan-nazzjonalità jew tar-residenza. Din lanqas ma għandha toħloq xi rekwiżiti sproporzjonati[10]. Il-kompetenzi jinftiehmu bħala kompetenzi "mixtieqa" jew "ottimali", iżda fl-ebda każ ma jfissru "rekwiżiti minimi" f'sens li jirrestrinġi l-aċċess għall-funzjonijiet tal-akkwist. Bl-istess mod, l-għodda ta' awtovalutazzjoni mhijiex maħsuba biss biex tipprovdi ħarsa lejn il-kapaċità attwali u l-livell tal-ħiliet u l-maturità organizzazzjonali tal-utenti tagħha, iżda wkoll biex tqajjem l-interess minnhom biex jinkisbu għarfien u ħiliet ġodda u biex b'mod konxju tibni l-progress fir-rwol tagħhom u tidderieġi l-kapaċità tal-organizzazzjoni kollha kemm hi lejn il-kisba tal-għanijiet strateġiċi tagħha.

## *ProcurComp[EU] jista' jiġi personalizzat*

ProcurComp[EU] jipprovdi sett komuni ta' kompetenzi, għarfien u ħiliet li jeħtieġu individwi u organizzazzjonijiet tal-akkwist pubbliku biex jagħmlu xogħolhom sewwa. Madankollu, minħabba li kull professjonista u organizzazzjoni tal-akkwist hija differenti, il-ProcurComp[EU] jista' jitfassal għal varjetà wiesgħa ta' kuntesti u ħtiġijiet organizzazzjonali. Il-kisba ta' valur mill-ProcurComp[EU] ma teħtieġx l-użu ta' kull komponent tal-qafas, u lanqas ma teħtieġ l-użu ta' kull kompetenza ddefinita fil-Matriċi ta' Kompetenzi tal-ProcurComp[EU]. Fil-fatt, il-mod kif jiġi implimentat il-ProcurComp[EU] f'kuntest partikolari għandu jiġi ddefinit b'mod ċar biex jiżgura li l-għodod ikunu jikkorrispondu għall-ħtiġijiet u l-objettivi tal-organizzazzjoni.

## *ProcurComp[EU] huwa referenza komuni għall-UE – u lil hinn*

Il-ProcurComp[EU] ġie stabbilit bħala qafas li jappoġġja l-fehim reċiproku u l-armonizzazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet tal-akkwist permezz tal-artikolazzjoni tal-kompetenzi meħtieġa u murija minn professjonisti tal-akkwist pubbliku. Huwa għandu l-għan li jipprovdi referenza komuni għal ġestjoni tar-riżorsi umani abbażi tal-kompetenza li tippermetti lill-organizzazzjonijiet jiġġestixxu l-prestazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-karriera f'konformità mal-pjan strateġiku ġenerali ta' organizzazzjoni. Bl-użu ta' lingwaġġ komuni għal kompetenzi, ħiliet u kapaċitajiet li jistgħu jinftiehmu madwar l-Ewropa u lil hinn minnha, il-ProcurComp[EU] jista' jiġi adottat direttament jew jiġi adattat biex jissodisfa l-kuntesti u l-ħtiġijiet speċifiċi. Id-dimensjoni Ewropea ser ittejjeb it-trasparenza, il-komparabbiltà u għandha l-potenzjal li tiffaċilita inizjattivi ta' taħriġ fil-livell Ewropew, kif ukoll l-iskambju ta' prattiki tajbin ma' reġjuni oħrajn lil hinn mill-Unjoni Ewropea.

[10] Direttiva (UE) 2018/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet, ĠU L 173, 9.7.2018

# 3. GĦAL XIEX JISTA' JINTUŻA L-PROCURCOMP^EU?

## 3.1. L-analiżi u l-iżvilupp ta' kompetenzi individwali

Filwaqt li l-ProcurComp^EU huwa maħsub biex jopera wkoll fil-livell organizzazzjonali, dan jiġi implimentat l-ewwel fil-livell individwali. Dan ifisser li kwalunkwe individwu jista' jagħmel użu mill-għodod tal-ProcurComp^EU għall-iżvilupp professjonali tagħhom, kemm bħala membru ta' tim kbir ta' prattikanti speċjalizzati, kif ukoll bħala membru tal-istaff ta' awtorità kontraenti żgħira li għalih l-akkwist pubbliku mhuwiex responsabbiltà primarja, jew esperti u konsulenti esterni. Tabilħaqq, dan jista' jintuża wkoll minn individwi li bħalissa mhumiex qed jaħdmu fl-akkwist pubbliku, bħal studenti jew uffiċjali oħrajn li jipprevedu li jaħdmu fl-akkwist pubbliku.

L-individwi jistgħu jużaw il-Matriċi ta' Kompetenzi u l-Għodda ta' Awtovalutazzjoni biex jesploraw il-kapaċità tal-akkwist pubbliku, l-għarfien u l-ħiliet tagħhom, il-miri professjonali tagħhom għall-ġejjieni u d-distakki prijoritarji bejniethom. Dan jista' jiġi ffaċilitat billi jintuża wieħed mill-profili tal-impjiegi ddefiniti minn qabel tal-ProcurComp^EU, profil adattat minn maniġer jew professjonist tar-riżorsi umani fl-organizzazzjoni tagħhom, jew profil li jkunu fasslu għall-miri personali tagħhom.

L-individwi jistgħu jużaw ir-riżultati tal-analiżi tal-kompetenzi tagħhom biex jidentifikaw oqsma li fihom jistgħu jtejbu l-ħiliet tagħhom stess biex jilħqu l-livell mixtieq ta' profiċjenza tagħhom, jew biex jidentifikaw il-kompetenzi li jkollhom bżonn jiżviluppaw sabiex jispeċjalizzaw f'ċertu profil ta' impjieg (eż. maniġer tal-kategorija). Il-Kurrikulu ta' Taħriġ Ġeneriku jista' jappoġġja lil tali individwi fl-identifikazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ li huma rilevanti biex jappoġġjaw il-miri ta' professjonalizzazzjoni tagħhom.

Bħala eżempju, iċ-Chartered Institute of Procurement and Supply (CIPS) stabbilixxa l-Istandard Globali għall-Akkwist u l-Provvista[11] li huwa qafas komprensiv ta' kompetenzi tal-akkwist użat minn prattikanti u organizzazzjonijiet pubbliċi u privati. Huwa strutturat madwar erba' pilastri (l-infrastruttura, il-proċess, il-prestazzjoni u l-iżvilupp tan-nies) u 11-il tema bħall-ġestjoni tal-infiq, il-metriċi u l-kejl, l-etika, u t-teknoloġija, maqsuma ulterjorment f'segmenti individwali bħall-kontroll tal-loġistika, l-amministrazzjoni tal-kuntratti, it-twassil ta' valur għall-flus, it-tim fl-akkwist. Kull segment huwa deskritt f'termini tal-għarfien u l-kapaċità meħtieġa f'ħames livelli ta' profiċjenza, jiġifieri: profiċjenza tattika, operattiva, maniġerjali, professjonali u avvanzata. Fil-livell individwali, l-Istandard Globali jista' jgħin biex jiġu identifikati l-livelli ta' kompetenza attwali u l-għarfien u l-kapaċitajiet meħtieġa biex isir l-avvanz għall-istadju tal-karriera li jmiss. Dan jista' jgħin ukoll lill-individwi jiżviluppaw pjan ta' żvilupp personali biex jindirizzaw id-distakki fl-għarfien u l-ħiliet identifikati permezz ta' korsijiet ta' taħriġ żviluppati minn CIPS għal kull wieħed mis-segmenti koperti fl-Istandard Globali u jissorveljaw il-progress tagħhom billi jirreferu għal livelli oħrajn ta' profiċjenza.

Ispirat mill-istandard ta' CIPS, il-Gvern Skoċċiż stabbilixxa qafas nazzjonali għall-iżvilupp tal-akkwist[12] magħmul minn matriċi ta' kompetenzi li tistabbilixxi l-ħiliet u l-livelli ta' kompetenza meħtieġa mill-persunal tas-settur pubbliku involuti fil-proċess tal-akkwist, u għodda ta' awtovalutazzjoni biex jivvalutaw il-ħiliet tagħhom stess, jidentifikaw il-ħtiġijiet ta' taħriġ u żvilupp u jgħinu fl-ippjanar tal-karriera u fl-iżvilupp personali tagħhom.

## 3.2. L-analiżi tad-distakk tal-kompetenza organizzazzjonali

L-organizzazzjonijiet, il-funzjonijiet u t-timijiet tal-akkwist jistgħu jużaw l-għodod tal-ProcurComp^EU biex jivvalutaw jekk il-membri tal-istaff tagħhom għandhomx il-livell xieraq ta' għarfien u ħiliet biex jilħqu l-miri tal-politika, kummerċjali u organizzazzjonali attwali tagħhom. Fi kliem ieħor, l-għodod tal-ProcurComp^EU jistgħu jintużaw biex issir analiżi tad-distakk tal-kompetenza organizzazzjonali li tqabbel il-livelli ta' kompetenza attwali tal-membri tal-istaff ma' miri ddefiniti minn qabel.

B'mod simili għall-każ tal-ewwel użu, il-Matriċi ta' Kompetenzi tista' tintuża biex tiddetermina s-sett ta' kompetenzi li huma rilevanti għal kull wieħed mill-profili tal-impjiegi preżenti fi ħdan l-organizzazzjoni, il-funzjoni jew it-tim, u biex tistabbilixxi l-livell ta' profiċjenza fil-mira xieraq għal dawk il-kompetenzi.

[11] Standard Globali għall-Akkwist u l-Provvista ta' CIPS: https://www.cips.org/en/knowledge/global-standard-for-procurement-and-supply/
[12] Il-qafas ta' żvilupp tal-akkwist nazzjonali tal-Gvern Skoċċiż: https://www.gov.scot/publications/scottish-procurement-competency-framework/

L-Għodda ta' Awtovalutazzjoni tista' tintuża biex tidentifika d-distakki bejn il-livell fil-mira u l-livell attwali ta' għarfien u ħiliet tal-individwi li jappartjenu għall-profil tal-impjieg fil-mira. Ir-riżultati kollha tal-valutazzjoni tal-membri tal-persunal jistgħu jkomplu jiġu aggregati biex tinkiseb ħarsa mill-għoli fuq il-punti ta' saħħa tal-kompetenza u d-distakki tal-kompetenza.

L-organizzazzjonijiet, il-funzjonijiet jew it-timijiet tal-akkwist li jidentifikaw distakki tal-kompetenza jistgħu jiddeċiedu wkoll l-aħjar mod kif jistgħu jindirizzaw dawk id-distakki. Dan jista' jinvolvi l-attendenza għal taħriġ, ir-reklutaġġ ta' profili ġodda bl-għarfien u l-ħiliet neqsin, jew permezz ta' kollaborazzjoni ma' esperti individwali oħrajn f'ċerti aspetti u għajnuna lil oħrajn biex itejbu l-għarfien u l-ħiliet tagħhom.

Il-qafas nazzjonali Skoċċiż għall-iżvilupp tal-akkwisti jintuża wkoll minn organizzazzjonijiet ta' tipi u daqsijiet differenti, inklużi ministeri, muniċipalitajiet, skejjel, universitajiet, jew il-korp tal-pulizija. Organizzazzjonijiet bħal dawn jużawh biex iwettqu eżerċizzji regolari ta' analiżi tad-distakki tal-kompetenza organizzazzjonali li jippermettulhom jiżguraw li jkollhom in-nies apposta bil-ħiliet u l-esperjenza adattati fil-post it-tajjeb u fil-ħin it-tajjeb biex iwasslu għall-aħjar eżitu tal-akkwist.

Eżempju ieħor huwa l-għodda 'Best in Class Procurement'[13] żviluppata mill-Assoċjazzjoni Finlandiża tax-Xiri u l-Loġistika (LOGY) imnedija fl-2015 bl-għan li jiġu appoġġjati l-organizzazzjonijiet membri mis-settur privat u dak pubbliku fl-iżvilupp tal-funzjoni ta' akkwist tagħhom. L-għodda taħdem bħala għodda ta' awtovalutazzjoni organizzazzjonali li tipprovdi lill-organizzazzjonijiet b'deskrizzjoni tal-funzjoni ta' akkwist tagħhom, tippermettilhom iqabblu lilhom infushom ma' organizzazzjonijiet membri oħrajn, u tindika oqsma fejn l-organizzazzjoni tista' ttejjeb il-prestazzjoni tal-attivitajiet ta' akkwist tagħha. L-għodda tirrikjedi li l-organizzazzjoni tipprovdi informazzjoni ta' sfond dwar l-attivitajiet tagħha (eż. il-fergħa tan-negozju, in-nefqa fuq l-akkwist, eċċ.) u twieġeb sett ta' 14-il mistoqsija relatati mal-prestazzjoni tal-akkwist tagħha u l-użu ta' prattiki tajbin f'kategoriji differenti (eż. dwar jekk il-funzjoni tal-akkwist għandhiex u tużax mudell iddokumentat biex tevalwa l-kompetenzi tagħha). Ir-riżultati tal-valutazzjoni jindikaw il-punteġġ medju tal-organizzazzjoni (fuq skala ta' 1-5) fil-kategoriji differenti vvalutati, il-punteġġ medju ta' organizzazzjonijiet oħrajn ta' daqs u settur simili, id-distakk (jekk hemm) bejn dawn iż-żewġ punteġġi, u indikazzjoni tal-punteġġi medji tal-aqwa tliet xhur.

Meta jiġu identifikati distakki tal-kompetenza u jiġu mmirati l-ħtiġijiet għall-iżvilupp jew għar-reklutaġġi, l-organizzazzjonijiet jistgħu jużaw il-qafas biex jiżguraw li jattiraw, jiżviluppaw u jżommu t-talent, u jippermettu kultura ta' tagħlim u ambjent fejn il-membri tal-persunal jiġu offruti l-opportunità li jiżviluppaw u jitjiebu skont il-miri professjonali tagħhom stess.

## 3.3. It-twettiq ta' valutazzjoni tal-maturità għal miri futuri

Filwaqt li analiżi tad-distakki tal-kompetenza tista' tintuża biex tiġi vvalutata l-kapaċità ta' individwu jew organizzazzjoni li jissodisfaw il-ħtiġijiet attwali, valutazzjoni tal-maturità tintuża biex tiġi vvalutata l-adegwatezza għal tkabbir jew speċjalizzazzjoni fil-ġejjieni. F'dan il-kuntest, l-approċċ li għandha tieħu l-organizzazzjoni biex tiddefinixxi l-profili tal-impjiegi għall-membri tal-persunal tagħha għandu jinbidel minn sitwazzjoni ta' "kif inhi" biex ikun jirrifletti sitwazzjoni mixtieqa ta' "li tkun", sabiex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni biex jinkisbu l-objettivi ta' tkabbir, titjib jew speċjalizzazzjoni.

Il-Matriċi ta' Kompetenzi u l-Għodda ta' Awtovalutazzjoni jistgħu jgħinu biex jiddefinixxu l-kompetenzi ġodda meħtieġa biex organizzazzjoni tilħaq objettivi ġodda tal-politika tal-akkwist, u l-mezzi biex dawn jintlaħqu. Billi jimmappjaw il-kompetenzi eżistenti, l-organizzazzjonijiet, il-funzjonijiet jew it-timijiet tal-akkwist jistgħu jistabbilixxu b'mod realistiku miri għall-ġejjieni, u jidentifikaw l-għarfien u l-ħiliet rilevanti li jservu biex dawn jintlaħqu. B'mod partikolari, din tista' tgħin biex jiġu identifikati profili ta' impjiegi ġodda fil-qasam tal-akkwist li jistgħu jimtlew permezz ta' reklutaġġ, jew biex jiġi identifikat liema mill-membri tal-persunal tagħha għandhom ħiliet u għarfien espert li jistgħu jisfruttaw biex jgħinu lill-oħrajn jikbru u jiżviluppaw ħiliet ġodda.

Pereżempju, l-amministrazzjoni tal-belt Olandiża ta' Haarlem kienet qed tfittex li tespandi l-użu tagħhom ta' akkwist pubbliku u akkwist ta' innovazzjoni ambjentalment sostenibbli u li taqleb għal akkwist ċirkolari. Bħala parti minn dan il-proċess, huma fasslu l-kompetenzi rilevanti u l-livelli fil-mira għal kull wieħed mill-profili tal-impjiegi ewlenin tagħhom

[13] L-għodda 'Best in Class Procurement' tal-Assoċjazzjoni Finlandiża tax-Xiri u l-Loġistika: https://www.logy.fi/tietoa/best-in-class-tyokalut.html

fil-qasam tal-akkwisti, u mbagħad użaw dawn il-miri biex jiddefinixxu l-istrateġija ta' tagħlim u żvilupp tal-organizzazzjoni.

Bl-istess mod, l-Aġenzija Norveġiża għall-Ġestjoni Pubblika u l-Gvern elettroniku (Difi) żviluppat għodda ta' strateġija ta' akkwist[14] li tipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet kontraenti li jkunu jridu jiddefinixxu u jaġġustaw l-istrateġija tal-akkwist tagħhom fit-tul. L-għodda ta' strateġija hija komplementarja għall-għodda ta' awtovalutazzjoni organizzazzjonali pprovduta minn Difi u tgħin lill-awtoritajiet kontraenti janalizzaw l-istat attwali tal-istrateġija tal-akkwist tagħhom, jippjanaw attivitajiet għas-sena li jmiss u jkejlu l-iżviluppi billi jqabblu mar-riżultati preċedenti. Barra minn hekk, Difi twettaq regolarment stħarriġ tal-maturità tal-awtoritajiet kontraenti. Ir-riżultati jipprovdu bażi ta' għarfien dwar l-istat ta' maturità tal-funzjonijiet tal-akkwist fis-settur pubbliku u jintużaw biex jiżviluppaw u jtejbu l-ħidma fil-qasam.

Il-ProcurComp^EU jista' jintuża għal dan l-iskop, billi dan jipprovdi qafas għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u tal-prijoritajiet u għodod għall-indirizzar tad-distakki ta' maturità identifikati permezz ta' taħriġ jew reklutaġġ.

## 3.4. Il-valutazzjoni konġunta tal-kompetenzi minn bosta organizzazzjonijiet tal-akkwist

Bosta organizzazzjonijiet, funzjonijiet jew timijiet tal-akkwist mill-istess reġjun ġeografiku, jew organizzazzjonijiet b'funzjoni simili (korpi ċentrali għall-akkwisti, assoċjazzjonijiet professjonali) jew kamp ta' applikazzjoni (li jaħdmu fl-istess settur ta' attività bħas-saħħa jew l-innovazzjoni) jistgħu jkunu jridu jikkoordinaw l-isforzi tagħhom fit-twettiq tal-analiżijiet tad-distakki organizzazzjonali u jużaw ir-riżultati bħala bażi biex jinkisbu benefiċċji komuni. Ir-riżultati ta' valutazzjoni konġunta tal-kompetenzi, pereżempju ta' muniċipalitajiet fl-istess reġjun, jistgħu jintużaw biex jappoġġjaw talbiet għal rispons ta' politika jew investiment fil-professjonalizzazzjoni tal-akkwist mill-awtoritajiet reġjonali.

Xi organizzazzjonijiet tal-akkwist jistgħu jkunu jridu jidentifikaw oqsma għall-kooperazzjoni sabiex jikkomplementaw il-ħiliet ta' xulxin u/jew jappoġġjaw lil xulxin fl-indirizzar tad-distakki tal-kompetenza. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-awtoritajiet kontraenti żgħar li jista' ma jkollhomx il-kapaċità u r-riżorsi biex jimpjegaw speċjalisti tal-akkwist fuq bażi full-time. It-twettiq ta' valutazzjoni konġunta tal-kompetenzi bl-użu tal-Matriċi ta' Kompetenzi u tal-Għodda ta' Awtovalutazzjoni b'modi komparabbli (eż. bl-użu tal-istess profili ta' impjiegi), jista' jwassal biex tali organizzazzjonijiet jiġu infurmati dwar il-punti ta' saħħa u d-dgħufijiet rispettivi tagħhom u jappoġġja aħjar l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konġunti biex jinkisbu s-sinerġiji.

L-organizzazzjonijiet tal-akkwist jistgħu jkunu interessati wkoll li jagħmlu valutazzjoni komparattiva tal-prestazzjoni tagħhom ma' xulxin u jidentifikaw oqsma għal titjib, li jistgħu jiġu indirizzati, pereżempju, billi jiskambjaw esperjenzi u jikkooperaw fl-iżvilupp ta' offerta konġunta ta' taħriġ b'rispons għad-distakki tal-kompetenza komuni identifikati abbażi tal-Kurrikulu ta' Taħriġ Ġeneriku.

Tali kooperazzjoni tista' tintwera mill-Istandard Globali fil-Ġestjoni tal-Katina tal-Provvista u x-Xiri[15] żviluppat mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ġestjoni tal-Katina tal-Provvista u x-Xiri (IFPSM) għat-48 membru tagħha madwar id-dinja. Bl-għan li jiġu servuti l-professjonisti fil-qasam tal-ġestjoni tal-provvista u x-xiri u l-organizzazzjonijiet li għalihom jaħdmu madwar id-dinja, l-IFPSM ħolqot l-Istandard Globali li jirrifletti taħlita ta' għarfien, tagħlim u ħiliet xierqa għall-professjoni u li fl-isfond tagħhom jistgħu jiġu vvalutati jew akkreditati l-programmi tal-edukazzjoni (tipikament b'tul ta' tliet snin sa erba' snin, bħall-programmi ta' lawrja ta' Baċellerat). L-Istandard Globali jipprovdi dikjarazzjonijiet/deskritturi ġeneriċi ta' attributi li għandu juri professjonist fil-qasam, bħal għarfien komprensiv, fehim u dehen fl-oqsma tal-ġestjoni strateġika tal-katina tal-provvista jew għarfien u fehim tal-għodod, it-tekniki, il-mudelli u l-metodoloġiji differenti tal-ġestjoni tal-provvista u tax-xiri. L-Istandard Globali għandu l-għan li jiggarantixxi lil dawk li jħaddmu li l-impjegati prospettivi li jkunu ggradwaw minn programm akkreditat ikollhom il-livell minimu meħtieġ ta' għarfien u ħiliet fil-qasam. Fl-istess ħin, huwa jiggarantixxi lill-istudenti li l-programm edukattiv li jkunu qed jirreġistraw għalih jipprovdilhom l-għarfien rilevanti għall-ħtiġijiet ta' dawk li jħaddmu, flimkien ma' kwalifika rikonoxxuta madwar id-dinja.

## 3.5. It-tfassil ta' profili ta' impjiegi uffiċjali

Bħala parti mill-ġestjoni tar-riżorsi umani ġenerali tal-amministrazzjoni pubblika, xi Stati Membri jżommu bażi ta' data jew reġistru tal-profili tal-impjiegi tas-servizz ċivili, inklużi l-profili tal-impjiegi tal-akkwist pubbliku. L-entrati individwali

[14] Għodda ta' strateġija ta' akkwist tal-Aġenzija Norveġiża għall-Ġestjoni Pubblika u l-Gvern elettroniku: https://www.anskaffelser.no/verktoy/analyseverktoy/selvevalueringsverktoy&usg=ALkJrhiA628FDoDAnxnjBiJXndX-ydwSXA

[15] Standard Globali tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ġestjoni tal-Katina tal-Provvista u l-Akkwist: https://www.ifpsm.org/global-standard

jinkludu deskrizzjonijiet tal-impjiegi tat-tipi ta' kompetenzi li l-professjonisti tal-akkwist pubbliku għandu jkollhom u t-tipi ta' kompiti li għandhom ikunu kapaċi jwettqu. Il-Matriċi ta' Kompetenzi tista' tkun għodda ta' appoġġ siewja f'dan ir-rigward, minħabba li tiżgura l-armonizzazzjoni tat-titoli tal-profili tal-impjiegi, u tappoġġja d-definizzjoni tal-kontenut tal-profili tal-impjiegi abbażi tal-istess punt ta' referenza.

Il-profili tal-impjiegi jintużaw ukoll biex jitħejjew deskrizzjonijiet tal-impjiegi għar-reklutaġġ (ara l-każ tal-użu 6). Meta l-organizzazzjonijiet, ir-reġjuni u l-gvernijiet jużaw il-ProcurComp^EU bħala referenza biex jiddefinixxu l-profili tal-impjiegi tagħhom, huma jikkontribwixxu wkoll għar-rikonoxximent tal-funzjoni tal-akkwist pubbliku bħala professjoni.

L-organizzazzjonijiet u t-timijiet tal-akkwist li jkunu jridu jużaw l-għodod tal-ProcurComp^EU għandhom jinvestu ftit ħin minn qabel biex ifasslu bir-reqqa u jiżviluppaw il-profili tal-impjiegi tagħhom, minħabba li dan jagħmilha aktar faċli għall-membri tal-istaff biex jużawhom aktar tard. Il-membri kollha tal-persunal (full-time u part-time) involuti f'mill-inqas attività waħda ta' akkwist għandu jkollhom profil ta' impjieg imfassal għar-rwol tagħhom u li jirrifletti l-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħhom. Dawn il-profili tal-impjiegi jippermettu lill-membri tal-persunal jagħmlu x-xogħol speċifiku tagħhom fl-organizzazzjoni speċifika tagħhom u jivvalutaw biss dawk il-kompetenzi li huma meħtieġa biex jagħmlu xogħolhom.

Eżempju tal-użu tal-profili tal-impjiegi jista' jinstab fir-reġistru uffiċjali tal-profili tal-impjiegi tas-servizz ċivili tal-Istat (RIME[16]) stabbiliti mid-Direttorat tal-Akkwist tal-Istat Franċiż. Ir-reġistru jiddefinixxi familja tal-impjiegi tax-xiri li jkun fiha ħames profili tal-impjiegi li tuża l-amministrazzjoni tal-Istat Franċiż għall-finijiet ta' reklutaġġ u valutazzjoni tal-prestazzjoni. Kull profil ta' impjieg jinkludi elementi speċifiċi ta' 'know-what' u 'know-how' simili fil-kontenut għal-livelli ta' profiċjenza fil-Matriċi ta' Kompetenzi.

Eżempju ieħor huwa l-bażi ta' data tar-rwoli tax-xogħol tal-akkwist żviluppata mill-awtoritajiet kontraenti Skoċċiżi bl-użu tal-qafas nazzjonali ta' żvilupp tal-kompetenzi tal-akkwist. [17] Ir-rwoli inklużi jvarjaw minn xerrej, maniġer tal-kuntratti, mexxej ta' tim, amministratur, maniġer ta' kategorija, uffiċjal tal-akkwist korporattiv, kap tal-akkwist, uffiċjal ewlieni tal-akkwist, assistent uffiċjal tal-akkwist, sa maniġer tal-akkwist elettroniku, speċjalista superjuri tal-akkwist, koordinatur tal-akkwist u sieħeb fin-negozju tal-akkwist.

## 3.6. Ir-reklutaġġ tal-persunal tal-akkwist

Ir-reklutaġġ jista' jkun l-approċċ ippreferut meta d-distakki tal-kompetenza identifikati fil-valutazzjoni tad-distakki tal-kompetenza organizzazzjonali (ara l-każ tal-użu 2) ikunu aktar sostanzjali u ma jkunux jistgħu jiġu ssodisfati minn profili ta' titjib tal-ħiliet diġà preżenti fl-organizzazzjoni.

L-użu tal-Matriċi ta' Kompetenzi u ta' profili ta' impjiegi fil-proċess ta' reklutaġġ jista' jwassal għal proċess ta' reklutaġġ aktar rapidu, immirat u aktar effiċjenti. Id-definizzjoni tal-profili tal-impjiegi abbażi tal-Matriċi ta' Kompetenzi ser iġġib konsistenza u komprensività fid-deskrizzjonijiet tal-impjiegi. Din ser tiżgura wkoll li l-individwi rreklutati bl-użu tal-istess referenza jkollhom il-kompetenza adattata u l-livell xieraq ta' għarfien u ħiliet, biex b'hekk jiġi żgurat li l-pożizzjoni tax-xogħol timtela aħjar. Hija tista' tgħin ukoll biex ir-reklutaġġ jiġi allinjat aħjar mal-miri organizzazzjonali.

Il-kontenut tal-Matriċi ta' Kompetenzi u tal-Għodda ta' Awtovalutazzjoni jista' jintuża wkoll biex isiru intervisti bbażati fuq il-kompetenzi li jevalwaw l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa.

Pereżempju, l-Aġenzija Federali għall-Akkwisti (BBG), li hija l-korp ċentrali għall-akkwisti prinċipali fl-Awstrija, żviluppat qafas ta' kompetenzi intern għall-akkwisti u kurrikulu ta' taħriġ komprensiv għall-professjonalizzazzjoni tal-persunal tagħha u għar-reklutaġġ u l-integrazzjoni b'mod effettiv ta' impjegati ġodda. L-ewwel nett, id-deskrizzjoni tal-impjieg tiġi elaborata bl-użu tal-kompetenzi elenkati fil-qafas tagħhom. Matul il-proċess ta' reklutaġġ, il-qafas ta' kompetenzi jintuża biex jivvaluta jekk l-applikant fil-fatt għandux l-għarfien u l-ħiliet fil-kompetenzi li jeħtieġ li tikseb jew issaħħaħ il-BBG. Ladarba l-pożizzjoni timtela, l-impjegat il-ġdid jieħu sehem fil-programm ta' integrazzjoni effettiva tal-BBG u jsegwi serje ta' korsijiet ta' taħriġ li tikkunsidra l-BBG biex tipprovdi l-għarfien u l-ħiliet minimi li għandu jkollu impjegat ġdid biex ikun jista' jibda jaħdem.

[16] https://www.fonction-publique.gouv.fr/biep/repertoire-interministeriel-des-metiers-de-letat
[17] https://www.gov.scot/publications/scottish-procurement-competency-framework/

## 3.7. L-esternalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' akkwist

Ħafna awtoritajiet kontraenti jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' terminu qasir għal appoġġ fl-attivitajiet ta' akkwist tagħhom billi jesternalizzaw ċerti rwoli jew kompiti lil membri tal-persunal minn dipartimenti oħrajn fl-organizzazzjoni tagħhom jew lil esperti esterni. Dan il-proċess jista' jiġi ffaċilitat permezz tal-użu tal-għodod tal-ProcurComp^EU.

Ir-riżultati tal-analiżi tad-distakki tal-kompetenza organizzazzjonali jistgħu jintużaw biex jiġu identifikati l-oqsma fejn ikun meħtieġ għarfien espert addizzjonali abbażi tal-pjan ta' akkwist tal-organizzazzjoni, filwaqt li l-profili tal-impjiegi tal-ProcurComp^EU u l-Matriċi ta' Kompetenzi jistgħu jintużaw biex jiġu ddefiniti l-livelli ta' għarfien u ħiliet li huma mfittxija mill-organizzazzjoni u biex tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-kandidati (simili għall-każ tal-użu 6).

B'mod konkret, l-organizzazzjonijiet tal-akkwist jistgħu, pereżempju, ikunu jridu jinvolvu esperti esterni fil-kumitat għall-evalwazzjoni tal-offerti sabiex jibbenefikaw mill-għarfien u l-għarfien espert kummerċjali jew settorjali tagħhom meta janalizzaw l-offerti rċevuti. Il-Matriċi ta' Kompetenzi tista' tintuża biex tiddefinixxi l-ħiliet u l-għarfien meħtieġa minn tali individwi sabiex iwettqu dan il-kompitu.

## 3.8. L-iżvilupp ta' kurrikulu ta' taħriġ dwar l-akkwist u l-kontenut tiegħu

Meta d-distakki tal-kompetenzi identifikati abbażi tal-użu tal-Għodda ta' Awtovalutazzjoni għal analiżi tad-distakki ta' kompetenzi organizzazzjonali jkunu limitati, it-taħriġ jista' jkun l-approċċ ippreferut għat-titjib tal-ħiliet tal-membri tat-tim tal-akkwist għal-livell immirat ta' profiċjenza tagħhom.

Il-gvernijiet u l-organizzazzjonijiet tal-akkwist jistgħu jużaw il-Kurrikulu ta' Taħriġ Ġeneriku bħala l-bażi għall-istabbiliment ta' kurrikulu edukattiv komprensiv għall-iżvilupp tal-akkwist, għal korsijiet ta' taħriġ immirati jew għall-iżvilupp ta' Akkademja tal-Akkwist.

Bl-istess mod, l-organizzazzjonijiet tal-akkwist kbar jistgħu jużaw il-Kurrikulu biex jagħmlu evalwazzjoni strutturata ta' kif l-offerta ta' taħriġ eżistenti tagħhom tista' tindirizza d-distakki tal-kompetenzi identifikati. Abbażi ta' dan ir-rieżami, jista' jkun li jkunu jridu jaġġornaw il-kontenut tal-korsijiet eżistenti biex jiżguraw il-komprensività u l-allinjament tagħhom mal-Kurrikulu ta' Taħriġ Ġeneriku jew biex joħolqu moduli ta' taħriġ ġodda.

Organizzazzjonijiet żgħar li ma għandhomx il-kapaċità u r-riżorsi biex jibnu l-korsijiet ta' taħriġ tagħhom stess jistgħu jkunu jridu jużaw il-Kurrikulu ta' Taħriġ Ġeneriku biex jidentifikaw il-korsijiet ta' taħriġ disponibbli fis-suq li jkunu rilevanti biex jiġu indirizzati d-distakki tal-kompetenzi identifikati. Il-fornituri tat-taħriġ eżistenti (eż. universitajiet u fornituri tas-settur privat) jistgħu jużaw il-Kurrikulu biex jiżguraw li l-offerta ta' taħriġ tagħhom tkun komprensiva u tinkludi l-kontenut rilevanti għall-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-organizzazzjonijiet tal-akkwist.

Eżempju tal-iżvilupp ta' kurrikulu ta' taħriġ dwar l-akkwist jista' jinstab fin-Norveġja, fejn fl-2017 l-Aġenzija Norveġiża għall-Ġestjoni Pubblika u l-Gvern elettroniku (Difi) waqqfet l-Akkademja tal-Akkwist Pubbliku[18]. L-Akkademja twaqqfet bl-għan li żżid il-professjonalizzazzjoni ġenerali tal-persunal tal-akkwist fin-Norveġja u ssaħħaħ ir-reklutaġġ ta' professjonisti fil-qasam tal-akkwist biex jissodisfaw il-ħtiġijiet futuri tal-awtoritajiet kontraenti. L-Akkademja toffri programmi ta' Riċerka u Edukazzjoni. Il-kurrikulu tal-edukazzjoni jkopri diversi oqsma relatati mal-akkwist, inklużi l-ekonomija u l-liġi, il-ġestjoni tal-proġetti, id-djalogu tas-suq, l-analiżi tas-suq, il-ħiliet tan-negozjati, il-psikoloġija organizzazzjonali, l-innovazzjoni u r-responsabbiltà soċjali korporattiva.

L-Aġenzija Federali għall-Akkwist tal-Awstrija (BBG) reċentement żviluppat ukoll kurrikulu ta' taħriġ komprensiv għall-istaff tagħha. Il-kurrikulu huwa offrut ukoll lil korpi ċentrali għall-akkwisti (CPBs) oħrajn. It-tfassil tal-kurrikulu beda bl-identifikazzjoni tal-kompetenzi ewlenin u l-eżiti tat-tagħlim meħtieġa mill-professjonisti fil-qasam tal-akkwist tal-organizzazzjoni. Abbażi ta' dan, il-BBG żviluppat xogħol tal-korsijiet li għandu jwassal biex il-membri tal-persunal b'livelli differenti ta' għarfien u ħiliet jilħqu l-livell ta' profiċjenza fil-mira tagħhom.

## 3.9. L-iżvilupp ta' skemi ta' ċertifikazzjoni

Xejra li qed tikber fil-professjonalizzazzjoni tal-akkwist hija l-introduzzjoni ta' ċertifikazzjonijiet uffiċjali għall-esperti fil-qasam tal-akkwist. L-iskema ta' ċertifikazzjoni tiddelinja lista ta' suġġetti li kandidat għandu jkollu ħakma fihom biex

[18] L-Akkademja tal-Akkwist Pubbliku tan-Norveġja: https://anskaffelsesakademiet.no/om-anskaffelsesakademiet/

jikseb iċ-ċertifikat. Sabiex jiġi żgurat li jagħmlu dan, l-iskema ta' ċertifikazzjoni tista' tkun akkumpanjata minn kurrikulu ta' taħriġ irrakkomandat u tirrikjedi li l-kandidati jgħaddu minn eżami bil-miktub.

L-iskemi ta' ċertifikazzjoni jippromwovu l-professjonalizzazzjoni billi jivvalorizzaw is-sett usa' ta' ħiliet li jeħtieġ li jkollu l-prattikant tal-akkwist biex jagħmel xogħolu tajjeb, u billi jirrikjedu li l-professjonisti kkwalifikati jkunu involuti fi proċeduri ta' akkwist, speċjalment dawk li jkunu ogħla minn valur minimu partikolari.

Tali skema ta' ċertifikazzjoni ġiet stabbilita fil-Kroazja bħala parti mill-adeżjoni tagħha mal-UE. Din tirrikjedi li l-kandidati jattendu 50 siegħa ta' taħriġ u li jgħaddu minn eżami bil-miktub sabiex isiru esperti ċċertifikati fl-akkwist pubbliku. Iċ-ċertifikazzjoni hija valida għal 3 snin u tista' tiġġedded wara t-tlestija ta' kors ta' aġġornament ta' 32 siegħa. Il-kurrikulu taċ-ċertifikazzjoni jkopri għadd ta' suġġetti, inklużi l-leġiżlazzjoni, l-istrateġiji ta' implimentazzjoni, l-evalwazzjoni, u l-prevenzjoni ta' frodi u korruzzjoni. Madankollu, l-iskema ma timponix iċ-ċertifikazzjoni fuq ix-xerrejja pubbliċi kollha biex jiżguraw li l-membri tal-persunal tagħhom ikunu ċċertifikati. Minflok, hija tirrikjedi li kull proċedura ta' akkwist tiġi vverifikata minn xerrej iċċertifikat, fejn ix-xerrej iċċertifikat jista' jkun membru tal-persunal tal-organizzazzjoni, membru tal-persunal ta' organizzazzjoni oħra, jew fornitur ta' servizz privat bħal konsulent jew avukat.

L-għodod tal-ProcurComp^EU jistgħu jintużaw biex jappoġġjaw l-iżvilupp ta' skema ta' ċertifikazzjoni, b'mod partikolari biex jiżguraw il-komprensività tal-kurrikulu u biex jimmiraw il-livelli ta' profiċjenza xierqa għal kompetenzi differenti. Il-Matriċi ta' Kompetenzi tista' tintuża biex tappoġġja d-definizzjoni tal-kompetenzi, l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa mill-iskema ta' ċertifikazzjoni, filwaqt li l-Kurrikulu ta' Taħriġ Ġeneriku jista' jgħin biex jinħoloq il-kontenut tal-moduli ta' taħriġ li ser tkun meħtieġa l-attendenza għalihom bħala parti mill-iskema ta' ċertifikazzjoni. Madankollu, għandu jiġi ċċarat li kwalunkwe skema ta' ċertifikazzjoni ma għandhiex twassal għal xi restrizzjoni fil-proċess ta' reklutaġġ abbażi tan-nazzjonalità jew tar-residenza. Din lanqas ma għandha toħloq xi rekwiżiti sproporzjonati[19].

[19] Ara d-Direttiva (UE) 2018/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet, ĠU L 173, 9.7.2018. Disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2018/958/oj

# *ProcurComp^EU*

# Il-Qafas Ewropew ta' Kompetenzi għall-Professjonisti tal-Akkwist Pubbliku

# PARTI I. IL-MATRIĊI TA' KOMPETENZI

# PARTI I. IL-MATRIĊI TA' KOMPETENZI TAL-PROCURCOMP[EU]

## 1. KIF GĦANDEK TAQRA L-MATRIĊI TA' KOMPETENZI TAL-PROCURCOMP[EU]?

### 1.1. Struttura tal-Matriċi ta' Kompetenzi

Il-Matriċi ta' Kompetenzi tiddeskrivi l-kompetenzi ewlenin li għandhom juru l-professjonisti tal-akkwist pubbliku sabiex iwettqu l-impjieg tagħhom b'mod effettiv u effiċjenti u jwettqu l-proċeduri tal-akkwist pubbliku li jrendu valur għall-flus.

Hemm **30 kompetenza** fil-Matriċi ta' Kompetenzi miġbura f'**żewġ kategoriji**:

- **Kompetenzi speċifiċi għall-akkwist**, li jinkludu l-kompetenzi meħtieġa f'kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist pubbliku. Dawn jinkisbu mill-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti u l-attivitajiet ewlenin ta' stadju ta' akkwist.
- **Kompetenzi interpersonali**, li jirrappreżentaw il-ħiliet interpersonali li għandu jkollhom il-professjonisti tal-akkwist pubbliku sabiex jakkwistaw kompetenzi speċifiċi għall-akkwist. B'hekk, il-kompetenzi interpersonali jikkomplementaw il-kompetenzi speċifiċi tal-akkwist. Min-natura tagħhom, il-kompetenzi interpersonali huma kompetenzi trasversali.

Fi ħdan kull kategorija, il-kompetenzi jkomplu jinġabru f'**raggruppamenti ta' kompetenzi**, kif deskritti fil-Figura ta' hawn taħt.

**Figura 1: Raggruppamenti ta' kompetenzi**




**Kompetenzi speċifiċi għall-akkwist:**

- **Ir-raggruppament "orizzontali"** jinkludi l-kompetenzi applikabbli għall-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist pubbliku;
- **Ir-raggruppament "qabel l-għotja"** jinkludi l-kompetenzi kollha meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti u l-attivitajiet kollha li jseħħu qabel ma jingħata kuntratt pubbliku;

- **Ir-raggruppament "wara l-għotja"** fih il-kompetenzi meħtieġa għall-ġestjoni tal-kuntratt ta' akkwist wara l-għoti ta' kuntratt pubbliku.

**Kompetenzi Interpersonali:**

- **Ir-raggruppament "personali"** jaqbad l-imġiba, il-ħiliet u l-attributi li għandu jkollhom il-professjonisti tal-akkwist pubbliku, kif ukoll il-mentalità li għandhom juru skont il-profil tal-impjiegi tagħhom;
- **Ir-raggruppament "nies"** jinkludi dawk il-kompetenzi li jippermettu lill-professjonisti tal-akkwist pubbliku jinteraġixxu u jikkooperaw ma' professjonisti oħrajn, u li jagħmlu dan bl-aktar mod professjonali;
- **Ir-raggruppament "prestazzjoni"** jinkludi l-kompetenzi kollha li jeħtieġ li jkollhom il-professjonisti tal-akkwist pubbliku sabiex iżidu l-valur għall-flus fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku.

## 1.2. Ħarsa ġenerali tat-30 kompetenza tal-ProcurComp[EU]

Ħarsa ġenerali tat-**30 kompetenza** li hemm fil-Matriċi ta' Kompetenzi hija disponibbli fit-tabella ta' hawn taħt.

**Tabella 1 : Ħarsa ġenerali tal-kompetenzi**

| Tip ta' kompetenza | Raggruppament ta' kompetenza | Kompetenza |
|---|---|---|
| SPEĊIFIKA GĦALL-AKKWIST | Orizzontali | 1. Ippjanar |
| | | 2. Ċiklu tal-ħajja |
| | | 3. Leġiżlazzjoni |
| | | 4. Akkwist elettroniku u għodod oħrajn tal-IT |
| | | 5. Akkwist sostenibbli |
| | | 6. Akkwist tal-innovazzjoni |
| | | 7. Speċifiku għall-kategorija |
| | | 8. Ġestjoni tal-fornituri |
| | | 9. Negozjati |
| | Qabel l-għotja | 10. Valutazzjoni tal-ħtiġijiet |
| | | 11. Analiżi u impenn tas-suq |
| | | 12. Strateġija tal-akkwist |
| | | 13. Speċifikazzjonijiet tekniċi |
| | | 14. Dokumentazzjoni tal-offerta |
| | | 15. Evalwazzjoni tal-offerta |
| | Wara l-għotja | 16. Ġestjoni tal-kuntratti |
| | | 17. Ċertifikazzjoni u ħlas |
| | | 18. Rapportar u evalwazzjoni |
| | | 19. Riżoluzzjoni u medjazzjoni tal-kunflitti |
| INTERPERSONALI | Personali | 20. Adattabbiltà u modernizzazzjoni |
| | | 21. Ħsieb analitiku u kritiku |
| | | 22. Komunikazzjoni |
| | | 23. Etika u konformità |
| | Nies | 24. Kollaborazzjoni |
| | | 25. Ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati |
| | | 26. Ġestjoni tat-tim u Tmexxija |
| | Prestazzjoni | 27. Għarfien organizzazzjonali |
| | | 28. Ġestjoni tal-proġetti |
| | | 29. Orjentazzjoni tal-prestazzjoni |
| | | 30. Ġestjoni tar-riskju u kontroll intern |

## 1.3. Struttura tal-livelli ta' profiċjenza

Il-Matriċi ta' Kompetenzi hija strutturata madwar **id-deskrizzjonijiet tal-kompetenzi** u **d-deskrizzjonijiet tal-livelli ta' profiċjenza**.

Id-**deskrizzjonijiet tal-kompetenzi** jipprovdu spjegazzjoni dettaljata ta' kull kompetenza, il-kunċetti u l-politiki sottostanti tagħha. Fejn rilevanti, id-deskrizzjonijiet tal-kompetenzi jindikaw ukoll l-**għarfien** meħtieġ biex tiġi akkwistata din il-kompetenza, jiġifieri l-informazzjoni fattwali dwar kull kompetenza li jistgħu jiksbu l-professjonisti tal-akkwist permezz tal-edukazzjoni jew it-taħriġ.

Filwaqt li t-tip ta' għarfien għal kompetenza partikolari jibqa' l-istess, il-firxa ta' għarfien u ħiliet tiżdied f'**erba' livelli ta' profiċjenza**: 1. Bażiku, 2. Intermedju, 3. Avvanzat, 4. Espert.

Id-**deskrizzjonijiet tal-livelli ta' profiċjenza** jiddefinixxu l-**ħiliet u r-responsabbiltajiet** li għandhom ikunu kapaċi juru l-professjonisti tal-akkwist f'livell speċifiku. Bħala regola ġenerali, il-ħakma tal-ħiliet meħtieġa f'livell speċifiku timplika l-ħakma tal-ħiliet meħtieġa fil-livelli kollha ta' profiċjenza preċedenti.

L-erba' livelli ta' profiċjenza huma spjegati fit-tabella ta' hawn taħt.

**Tabella 2: Deskrizzjonijiet tal-livelli ta' profiċjenza**

| ***LIVELLI TA' PROFIĊJENZA TAL-ECF ProcurComp^EU*** | ***DESKRIZZJONI TAL-LIVELLI TA' PROFIĊJENZA*** |
|---|---|
| *1. Bażiku* | 2. Inti turi **għarfien fattwali bażiku/għarfien ġenerali** tal-qasam tal-akkwist;<br>3. Inti għandek **ħiliet prattiċi bażiċi**, meħtieġa biex tuża l-informazzjoni rilevanti biex twettaq kompiti u attivitajiet sempliċi ta' proċessi tal-akkwist pubbliku;<br>4. Inti twettaq xogħol ta' kwalità u tikseb ħiliet ġodda **taħt superviżjoni diretta** u fi ħdan kuntest strutturat. |
| *5. Intermedju* | 6. Inti turi **għarfien fattwali u teoretiku** tal-akkwist pubbliku u tal-oqsma relatati;<br>7. Int għandek **firxa ta' ħiliet konjittivi u prattiċi** meħtieġa biex tuża l-informazzjoni rilevanti sabiex twettaq kompiti ta' akkwist rikorrenti u ssolvi problemi sempliċi;<br>8. Inti tista' twettaq **proċessi u kompiti tal-akkwist pubbliku** bi ftit superviżjoni. |
| *9. Avvanzat* | 10. Inti turi **għarfien prattiku u teoretiku avvanzat** tal-qasam tal-akkwist pubbliku;<br>11. Inti turi firxa ta' **ħiliet prattiċi avvanzati** meħtieġa biex tindirizza **kompiti u problemi kumplessi u inqas frekwenti** bl-użu ta' metodi u approċċi innovattivi;<br>12. Inti terfa' r-**responsabbiltà u s-sjieda** għat-twettiq tal-kompiti tal-akkwist pubbliku, **tiġġestixxi l-kontribuzzjonijiet minn speċjalisti tal-akkwist oħrajn** u **tieħu deċiżjoni ewlenija** fi stadji differenti tal-proċess tal-akkwist pubbliku. Inti taf kif tadatta malajr l-imġiba tiegħek għaċ-ċirkostanzi tal-oħrajn u għal ċirkostanzi speċifiċi. |
| ***13. Espert*** | 14. Inti turi **għarfien komprensiv, speċjalizzat, prattiku u teoretiku** tal-qasam tal-akkwist pubbliku fil-livell tal-esperti;<br>15. Inti għandek **firxa estensiva ta' tekniki, metodi u ħiliet** meħtieġa biex tindirizza kwistjonijiet kumplessi, tiżviluppa soluzzjonijiet innovattivi u tikkontribwixxi għall-espansjoni tal-għarfien tal-akkwist pubbliku tal-organizzazzjoni tiegħek;<br>16. Inti teżerċita **tmexxija** u **żżomm ruħek aġġornat(a) bl-aħħar żviluppi** fil-qasam tal-akkwist pubbliku billi tattendi u tipparteċipa f'avvenimenti ewlenin relatati mal-akkwisti ma' udjenzi esperti u mhux esperti, li abbażi tagħhom inti **ssawwar il-politika u l-viżjoni tal-organizzazzjoni tiegħek**. |

# 2. Il-Matriċi ta' Kompetenzi tal-ProcurComp^EU

## 2.1. Kompetenzi speċifiċi għall-akkwist

### *Raggruppament ta' kompetenzi Orizzontali*

### Kompetenza nru 1: Pjanar

**Deskrizzjoni**

Il-formulazzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-**ippjanar tal-akkwist** jittraduċu l-għażliet ta' politika tal-organizzazzjoni f'fejn u kif għandu jintuża l-akkwist pubbliku biex jinxtraw b'mod kosteffettiv il-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet meħtieġa f'konformità mal-impatt ta' politika mixtieq. L-ippjanar għandu jqis:

- Il-prijoritajiet politiċi u ta' politika tal-organizzazzjoni;
- Il-politiki rilevanti fil-livell nazzjonali;
- Il-pjanijiet tal-baġit adottati u r-riżorsi disponibbli;
- Jekk l-akkwist huwiex l-għażla t-tajba biex tintlaħaq il-ħtieġa identifikata;
- Il-ħtieġa li l-iskedi ta' żmien jiġu pprijoritizzati u ġestiti;
- L-opportunitajiet u r-riskji potenzjali fil-proċess tal-implimentazzjoni.

**GĦARFIEN DWAR: l-ippjanar tal-akkwist u l-prijoritajiet ta' politika tal-organizzazzjoni, inklużi l-pjanijiet tal-baġit u l-għażliet għall-implimentazzjoni, kif ukoll il-politiki rilevanti fil-livell nazzjonali.**

**Bażiku**

**Kapaċi:**

- Iwettqu kompiti bażiċi ta' ppjanar tal-akkwist, bħall-ġbir u l-konsolidazzjoni ta' kontribuzzjonijiet minn diversi dipartimenti;
- Jimplimentaw l-ippjanar tal-akkwist fil-ħidma tagħhom ta' kuljum.

**Intermedju**

**Kapaċi:**

- Jipprovdu riċerka u jiġbru kontribut għall-ippjanar tal-akkwist f'konformità mal-għanijiet politiċi u ta' politika tal-organizzazzjoni;
- Jgħinu fl-implimentazzjoni tal-ippjanar tal-akkwist tal-organizzazzjoni f'konformità mal-baġit u l-iskeda ta' żmien;
- Jiżguraw li l-ħidma tagħhom ta' kuljum tkun allinjata mal-ippjanar tal-akkwist u tikkontribwixxi għalih f'konformità mal-prijoritajiet politiċi u ta' politika.

**Avvanzat**

**Kapaċi:**

- Jikkoordinaw it-tħejjija tal-pjan tal-akkwist tal-organizzazzjoni, u jagħmlu rakkomandazzjonijiet għall-ippjanar finali u għall-iskeda ta' żmien;
- Jantiċipaw l-opportunitajiet u l-isfidi potenzjali u jtaffu r-riskji fil-proċess tal-implimentazzjoni;
- Jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-pjan biex jiżguraw is-suċċess tal-politika;
- Jipprovdu feedback lil dawk li jfasslu l-politika dwar l-implimentazzjoni tal-pjan

| Espert |
|---|

**Kapaċi:**

- Jistabbilixxu l-viżjoni għall-akkwist tal-organizzazzjoni u l-politiki kontigwi;
- Jistabbilixxu l-pjan ta' akkwist u l-baġit li jiffokaw fuq l-eżiti u l-benefiċċji tal-politika;
- Jaġixxu bħala punt ta' referenza għal dawk li jfasslu l-politika ta' livell għoli dwar kwistjonijiet ta' akkwist, inkluż billi jagħtu feedback lil-livell politiku;
- Jippromwovu l-funzjoni tal-akkwist fl-istrateġija ġenerali tal-organizzazzjoni.

# KOMPETENZA NRU 2: ĊIKLU TAL-ĦAJJA

## Deskrizzjoni

Iċ-**ċiklu tal-ħajja tal-akkwist** jinkludi d-diversi fażijiet mill-ippjanar u l-fażi ta' qabel il-pubblikazzjoni sa wara l-għotja u l-ġestjoni tal-kuntratti. Kull stadju jaffettwa n-natura tal-istadji sussegwenti. Il-fehim taċ-ċiklu tal-ħajja kollu u tal-interazzjonijiet bejn l-istadji, fuq għadd ta' proċeduri, huwa meħtieġ għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' proċeduri tal-akkwist robusti. Dan jippermetti li jiġu antiċipati r-riskji u l-opportunitajiet, biex b'hekk jittejbu l-effiċjenza u l-valur għall-flus.

**GĦARFIEN DWAR: iċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist mill-fażi ta' qabel il-pubblikazzjoni sa wara l-għotja, u kif il-fażijiet differenti jinteraġixxu ma' xulxin.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Jgħinu fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istadji differenti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist, b'fehim tal-interazzjonijiet bejn il-fażijiet, kif ukoll ir-riskji.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Jimplimentaw il-fażijiet differenti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist, b'fehim tal-interazzjonijiet bejn il-fażijiet, ir-riskji u l-opportunitajiet li jippreżentaw.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Jiġġestixxu l-implimentazzjoni tal-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist, jifhmu kif kull waħda tinteraġixxi mal-oħrajn;
- Japplikaw b'mod konsistenti l-għarfien tagħhom dwar iċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist biex jimmassimizzaw l-effiċjenza u l-valur għall-flus;
- Jantiċipaw l-isfidi, ir-riskji u l-impatti potenzjali tad-diversi fażijiet taċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist;
- Jiggwidaw lill-oħrajn fl-implimentazzjoni tal-proċeduri biex jikkapitalizzaw fuq ir-rabtiet bejn il-fażijiet.

## Espert

**Kapaċi:**

- Jissorveljaw il-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist f'bosta tipi ta' kuntratti;
- Isawru politiki u għodod interni biex jisfruttaw ir-rabtiet bejn il-fażijiet tal-akkwist bl-għan li jimmassimizzaw l-effiċjenza u l-valur għall-flus;
- Jaġixxu bħala punt ta' referenza fuq il-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist għal dawk ġewwa u barra l-organizzazzjoni.

# Kompetenza nru 3: Leġiżlazzjoni

## Deskrizzjoni

Jeħtieġ li l-professjonisti tal-akkwist pubbliku jifhmu u jkunu jistgħu japplikaw l-**oqfsa ġuridiċi rilevanti fil-livelli nazzjonali u tal-UE** u l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, tat-trattament ugwali, tat-trasparenza, tal-proporzjonalità u tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Dan jinkludi oqsma kontigwi tal-liġi u tal-politika, eż.:

- Il-liġijiet dwar il-kompetizzjoni, dawk amministrattivi, kuntrattwali, ambjentali, soċjali u tax-xogħol, l-obbligi ta' aċċessibbiltà u d-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali;
- Ir-regoli tal-UE dwar il-finanzjament, l-affarijiet baġitarji u l-kontabbiltà;
- Rimedji;
- Miżuri kontra l-korruzzjoni u kontra l-frodi;
- Kwalunkwe obbligu internazzjonali rilevanti.

L-għarfien tal-leġiżlazzjoni huwa essenzjali wkoll biex jinftiehem u jiġi żgurat l-impatt mixtieq fuq is-sistema tal-akkwist u fuq il-ktajjen tal-provvista.

**GĦARFIEN DWAR: Il-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist fil-livelli nazzjonali u tal-UE, kif ukoll l-oqsma kontigwi tal-liġi u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-akkwist pubbliku.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Jissorveljaw l-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali biex jappoġġaw id-deċiżjonijiet tal-organizzazzjoni dwar l-akkwist;
- Japplikaw il-proċeduri tal-akkwist f'konformità mal-qafas ġuridiku u mal-aħjar prattiki.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Jifhmu l-implikazzjonijiet u l-impatti tal-liġi tal-akkwist fuq is-sistema tal-akkwist u l-katina tal-provvista;
- Jieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-akkwist f'konformità mar-rekwiżiti ta' politika u jipprovdu pariri u soluzzjonijiet ċari;
- Iwettqu riċerka u analiżi tal-impatt tar-regolamentazzjoni nazzjonali jew tal-UE fuq l-akkwist.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Japplikaw aspetti diversi tal-leġiżlazzjoni tal-akkwist, kif ukoll oqfsa legali oħrajn li jħallu impatt fuq l-akkwist;
- Jieħdu passi maħsuba biex jiżguraw impatt speċifiku tal-liġi tal-akkwist fuq il-ktajjen tal-provvista;
- Jgħinu fl-iżvilupp tal-prattiki tal-akkwist tal-organizzazzjoni f'konformità mal-kwistjonijiet ewlenin u l-kuntest usa' tal-politika tal-akkwist.

## Espert

**Kapaċi:**

- Jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' politika dwar l-akkwist pubbliku tal-organizzazzjoni;
- Jaġixxu bħala aġent għall-kondiviżjoni tal-għarfien dwar il-liġi tal-akkwist nazzjonali u tal-UE;
- Jippromwovu l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet legali mhux vinkolanti u innovattivi li jirrappreżentaw opportunitajiet ġodda;
- Jieħdu sehem fi gruppi ta' ħidma esperti dwar il-liġi tal-akkwist.

# Kompetenza nru 4: Akkwist elettroniku u għodod oħrajn tal-IT

## Deskrizzjoni

**L-Akkwist elettroniku u sistemi u għodod oħrajn tal-IT** jappoġġjaw iċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist, mill-pubblikazzjoni tal-offerti sal-pagament finali. Huma jnaqqsu l-piż amministrattiv, itejbu l-effiċjenza u jsaħħu t-trasparenza u r-responsabbiltà tal-proċeduri tal-akkwist. L-għodod ewlenin jinkludu:

- Għodod tal-fażi ta' tħejjija, eż. TED u pjattaformi tal-akkwist nazzjonali, notifika elettronika, dokumenti u mudelli standardizzati tal-offerti,
- Għodod tal-fażi ta' sottomissjoni, eż. Sottomissjoni elettronika, id-Dokument Ewropew Uniku għall-Akkwist, e-Certis,
- Għodod tal-fażi ta' sejħiet għall-offerti, eż. katalogi elettroniċi, pjattaformi għall-akkwist elettroniku, sistemi dinamiċi tax-xiri, sistemi ta' rkant u fatturazzjoni elettronika;
- Għodod oħrajn tal-IT għat-trasparenza tad-*data*, il-ġlieda kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni, bħar-reġistri tan-negozji u tal-kuntratti pubbliċi.

It-trasformazzjoni diġitali tal-akkwist pubbliku teħtieġ approċċ proattiv kontinwu biex jittieħed vantaġġ mill-aqwa għodod disponibbli. Dan jeħtieġ ukoll taħriġ kontinwu.

**GĦARFIEN DWAR: Il-pjattaformi u l-funzjonalitajiet tal-Akkwist elettroniku użati fi ħdan l-organizzazzjoni, inklużi sistemi ta' akkwist nazzjonali u tal-UE, kif ukoll sistemi u għodod tal-IT rilevanti oħrajn.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Iwettqu operazzjonijiet bażiċi bl-użu tas-sistemi u l-għodod ta' akkwist disponibbli, bħal dħul tad-*data*;
- Jiġbru u jiċċentralizzaw il-mudelli tad-dokumenti meħtieġa biex iħejju d-dokumentazzjoni tas-sejħiet għall-offerti.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Jużaw is-sistemi u l-għodod disponibbli biex jappoġġjaw il-proċeduri tal-akkwist u jwettqu l-proċeduri ewlenin tal-akkwist elettroniku;
- Jużaw mudelli ta' dokumenti, il-pjattaforma nazzjonali tal-akkwist elettroniku u r-reġistri tal-kuntratti pubbliċi;
- Jużaw sistemi u għodod tal-akkwist rilevanti sabiex jiżguraw it-trasparenza tal-proċess tal-akkwist;
- Jużaw id-*data* disponibbli mis-sistemi sabiex jivvalutaw ir-riskju ta' prattiki antikompetittivi mill-fornituri (bħal kollużjoni).

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Jimplimentaw l-użu ta' firxa wiesgħa ta' sistemi u għodod tal-akkwist;
- Janalizzaw id-*data* tal-akkwist għall-monitoraġġ tal-baġit u l-previżjoni tal-akkwisti li jmiss;
- Jidentifikaw l-ineffiċjenzi fl-użu mill-organizzazzjoni tas-sistemi u l-għodod u jagħmlu suġġerimenti għal titjib;
- Jiżguraw li l-utenti kollha jkollhom aċċess u taħriġ xieraq u jaġixxu bħala aġent għall-ġestjoni tal-bidla waqt l-implimentazzjoni ta' sistema jew għodda li tkun għadha kif ġiet adottata.

## Espert

**Kapaċi:**

- Jippromwovu s-sistemi u l-għodod tal-akkwist u jinkoraġġixxu kultura ta' professjonalizzazzjoni fi ħdan l-organizzazzjoni;
- Jużaw id-*data* tal-akkwist biex jidentifikaw ix-xejriet tal-akkwist u jtejbu l-proċeduri tal-akkwist tal-organizzazzjoni;
- Jikkontribwixxu għall-introduzzjoni u/jew l-iżvilupp ta' sistemi u għodod tal-akkwist ġodda, jew għat-titjib ta' dawk eżistenti, kif ukoll jiddefendu fil-livell politiku l-adozzjoni tal-aħħar sistemi u għodod disponibbli;
- Jieħdu sehem fi gruppi ta' ħidma esperti mmirati lejn l-iżvilupp u t-trawwim tal-adozzjoni tas-sistemi u l-għodod tal-akkwist fil-livelli nazzjonali u internazzjonali

# Kompetenza nru 5: Akkwist sostenibbli

## Deskrizzjoni

**Akkwist pubbliku sostenibbli** jinkorpora l-għanijiet strateġiċi ta' politika pubblika fil-proċeduri tal-akkwist, bħal akkwist pubbliku ekoloġiku (APE), akkwist pubbliku soċjalment responsabbli (APSR), u jiżgura kompetizzjoni ġenwina u parteċipazzjoni ta' SMEs. Huwa jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impatt ambjentali tal-akkwist, għall-kisba ta' għanijiet soċjali u għat-titjib tal-valur għall-flus għall-organizzazzjoni u għas-soċjetà b'ġenerali.

L-objettivi sostenibbli jistgħu jiġu implimentati b'ħafna modi:

- Kriterji ta' esklużjoni li jirrikjedu livell minimu ta' konformità mal-liġi ambjentali u soċjali mill-kuntratturi u mis-sottokuntratturi;
- Kriterji tal-għażla li jivverifikaw il-kwalifiki tal-offerent biex jilħaq l-għanijiet ambjentali u soċjali; Speċifikazzjonijiet tekniċi li jinkludu kunsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali bħar-rekwiżiti tat-tikketta jew il-proċessi ta' produzzjoni sostenibbli;
- Tekniki ta' evalwazzjoni bħall-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja u l-użu ta' kriterji tal-għoti ambjentali jew soċjali;
- Klawżoli għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt sabiex jiġu mmonitorjati u infurzati standards għoljin ta' sostenibbiltà;
- Leġiżlazzjoni speċifika għas-settur li tirrikjedi, pereżempju, standards minimi ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija, kif ukoll regoli orizzontali bħall-obbligi ta' aċċessibbiltà;
- Pjanijiet ta' azzjoni ekoloġiċi jew soċjali fil-livell tal-Istati Membri li jiddeskrivu miżuri ta' appoġġ jew jistabbilixxu miri.

**GĦARFIEN DWAR: L-objettivi ta' sostenibbiltà tal-organizzazzjoni (ambjentali u soċjali) u l-politiki nazzjonali relatati, kif ukoll tal-għodod, l-istandards u t-tekniki disponibbli għall-inkorporazzjoni ta' dawn fil-proċess tal-akkwist.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Jifhmu l-kamp ta' applikazzjoni u l-benefiċċji tal-akkwist sostenibbli biex jinkisbu l-objettivi ta' sostenibbiltà tal-organizzazzjoni;
- Jifhmu kif jiġu implimentati aspetti ta' akkwist sostenibbli u r-riżorsi disponibbli biex jimplimentawhom; Jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' approċċi ta' akkwist sostenibbli fi ħdan l-organizzazzjoni;
- Jiġbru d-*data* biex jissorveljaw il-prestazzjoni ta' proġetti ta' akkwist sostenibbli.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Jimplimentaw aspetti ta' akkwist sostenibbli fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-kriterji tal-għażla u tal-għoti, il-klawżoli tal-kuntratti u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni;
- Jużaw għodod u metodi ta' akkwist sostenibbli, bħal standards, spejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja u tikketti;
- Iwettqu attivitajiet ta' riċerka, analiżi u netwerking li jappoġġjaw deċiżjonijiet ta' akkwist sostenibbli;
- Jissorveljaw l-impatt tas-sostenibbiltà u l-prestazzjoni tal-proġett, inklużi l-impenji magħmula mill-kuntratturi u mis-sottokuntratturi.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Jimplimentaw l-istrateġija tal-akkwist sostenibbli tal-organizzazzjoni f'termini tal-miri, il-prijoritajiet u l-perjodi ta' żmien biex jintlaħqu l-objettivi ta' sostenibbiltà tal-organizzazzjoni;
- Jieħdu deċiżjonijiet dwar l-integrazzjoni ta' aspetti ta' akkwist sostenibbli, pereżempju, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fil-kriterji tal-għażla u tal-għoti, fil-klawżoli tal-kuntratti u fl-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni;
- Jippromwovu u jinkoraġġixxu l-użu ta' għodod u tekniki ta' akkwist sostenibbli, bħal standards, tekniki tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja u tikketti;
- Jiksbu ħarsa ġenerali tal-prodotti u s-servizzi disponibbli fis-suq billi jinvolvu lill-fornituri u jagħmlu argument għall-vijabbiltà għal akkwist sostenibbli abbażi tal-ikkostjar tul iċ-ċiklu tal-ħajja u tal-impatt soċjali;
- Jilħqu lill-partijiet ikkonċernati li jwasslu għall-iżvilupp ta' swieq u opportunitajiet ta' akkwist sostenibbli;

- Jiżguraw li jkun hemm sistema għall-monitoraġġ tal-impatt tas-sostenibbiltà tal-kuntratti, inklużi l-impenji magħmula mill-kuntratturi u mis-sottokuntratturi.

| Espert |
|---|

**Kapaċi:**

- Jakkwistaw il-kunċetti u l-applikazzjoni ta' aspetti ta' akkwist sostenibbli u jagħtu prijorità abbażi tal-impatt, l-importanza baġitarja u l-influwenza fuq is-suq;
- Jiggarantixxu l-appoġġ politiku u jippromwovu l-istrateġija u l-prijoritajiet tal-akkwist sostenibbli tal-organizzazzjoni;
- Ifasslu l-istrateġija tal-akkwist sostenibbli tal-organizzazzjoni, jistabbilixxu kamp ta' applikazzjoni, miri, prijoritajiet u perjodi ta' żmien ċari, u jiżguraw li din tiġi implimentata b'mod effettiv;
- Jiddefinixxu setturi ta' prijorità b'impatt għoli u jidentifikaw approċċi għas-sejħiet għall-offerti fis-setturi magħżula, bħall-kostruzzjoni, l-ikel u l-forniment tal-ikel, il-vetturi u l-ICT;
- Jintegraw il-prattiki tajbin tal-akkwist sostenibbli għall-organizzazzjoni u fost l-organizzazzjonijiet bejn il-pari;
- Jiddefendu l-iżvilupp u l-użu mifrux ta' akkwist sostenibbli fi ħdan l-organizzazzjoni u lil hinn minnha, jieħdu sehem fi gruppi ta' esperti u netwerks u joħolqu sħubiji ma' awtoritajiet pubbliċi u partijiet ikkonċernati oħrajn (eż. is-soċjetà ċivili u NGOs) biex jippromwovu u jtejbu l-implimentazzjoni ta' akkwist pubbliku sostenibbli.

# Kompetenza nru 6: Akkwist tal-innovazzjoni

## Deskrizzjoni

**Akkwist tal-innovazzjoni** jirreferi għal akkwist pubbliku li jinvolvi:

- Ix-xiri tal-proċess tal-innovazzjoni (eż. ix-xiri ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp), jew
- Ix-xiri tal-eżiti tal-innovazzjoni maħluqa minn oħrajn (jiġifieri x-xiri ta' soluzzjonijiet innovattivi).

Akkwist tal-innovazzjoni jgħin fl-immodernizzar tas-servizzi pubbliċi, filwaqt li joħloq opportunitajiet għall-kumpaniji biex jiżviluppaw swieq ġodda. Billi jiżviluppaw strateġija tal-akkwist tal-innovazzjoni li tħares 'il quddiem u wara li jikkunsidraw soluzzjonijiet kompetittivi alternattivi, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jixprunaw l-innovazzjoni min-naħa tad-domanda biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet fiż-żmien medju sa twil. Strateġija tal-akkwist tal-innovazzjoni mfassla sewwa ser tnaqqas ir-riskju ta' eżekuzzjoni baxxa jew nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-innovazzjonijiet mixtrija billi tipprovdi approċċ pass pass mid-disinn ta' soluzzjonijiet, il-prototipar u l-iżvilupp għall-iżvilupp u l-ittestjar ta' prodotti.

**GĦARFIEN DWAR: L-objettivi tal-innovazzjoni tal-organizzazzjoni u l-politiki nazzjonali relatati, kif ukoll l-għodod u t-tekniki disponibbli għall-inkorporazzjoni ta' dawn fil-proċess tal-akkwist.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Jifhmu għaliex u kif jiġu implimentati l-aspetti tal-akkwist tal-innovazzjoni u kif dawn jistgħu jżidu l-valur għall-proċess tal-akkwist għall-organizzazzjoni.
- Jappoġġjaw il-proċess ta' implimentazzjoni tal-akkwist tal-innovazzjoni fi ħdan organizzazzjoni;
- Iwettqu kompiti bażiċi għat-twettiq ta' akkwisti tal-innovazzjoni bl-użu tal-għodod disponibbli (eż. mudelli ta' dokumenti);
- Jiġbru d-*data* għall-monitoraġġ tal-livell tal-infiq u l-impatt tal-akkwist tal-innovazzjoni.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Iħejju argument għall-vijabbiltà biex jinbeda akkwist tal-innovazzjoni (inkluża analiżi tal-ispejjeż/benefiċċji);
- Jifhmu kif l-aspetti tal-akkwist tal-innovazzjoni, inklużi t-teknoloġiji emerġenti ewlenin, jiġu implimentati u kif jistgħu jżidu l-valur għall-objettivi tal-organizzazzjoni;
- Iwettqu konsultazzjonijiet preliminari tas-suq sabiex jivvalutaw id-distakk bejn il-ħtiġijiet tal-akkwist u l-iżviluppi kontinwi tas-suq, l-analiżi u l-attivitajiet ta' netwerking li jappoġġaw soluzzjonijiet ta' akkwist innovattivi;
- Jistabbilixxu l-parametri tal-proċedura tal-akkwist pubbliku (eż. billi jużaw rekwiżiti funzjonali jew ibbażati fuq il-prestazzjoni minflok rekwiżiti preskrittivi, billi jeżaminaw l-użu ta' varjanti, il-kriterji tal-għażla u tal-għoti li jiffavorixxu l-innovazzjoni, l-istandards, iċ-ċertifikazzjonijiet, it-tikketti tal-kwalità, l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-IPR) sabiex jippermettu li soluzzjonijiet innovattivi jikkompetu ma' dawk stabbiliti;
- Jissorveljaw l-impatt tal-innovazzjoni u l-prestazzjoni tal-proġett.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Jimplimentaw l-istrateġija tal-akkwist tal-innovazzjoni tal-organizzazzjoni f'konformità mal-objettivi tal-organizzazzjoni;
- Jieħdu deċiżjonijiet dwar l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex jiġu integrati fi ħdan l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerti u l-kuntratti;
- Jiżguraw li jkun hemm sistema għall-monitoraġġ tal-infiq fuq l-akkwisti tal-innovazzjoni u l-impatti miksuba;
- Iżommu ħarsa ġenerali tajba tal-prodotti u s-servizzi disponibbli fis-suq billi jikkollaboraw mal-fornituri u l-gruppi tal-partijiet ikkonċernati involuti fl-innovazzjoni;
- Jinċentivaw lill-industrija biex tinvesti fir-riċerka u l-iżvilupp u tespandi l-kummerċjalizzazzjoni biex tressaq soluzzjonijiet innovattivi, inklużi teknoloġiji emerġenti ewlenin, fis-suq bil-kwalità u l-prezz meħtieġa għall-iskjerament fis-suq tal-massa;
- Jippromwovu u jinkoraġġixxu l-użu ta' għodod u tekniki għall-akkwist tal-innovazzjoni.

| Espert |
|---|

**Kapaċi:**

- Jakkwistaw il-kunċetti u l-applikazzjoni ta’ akkwist tal-innovazzjoni u jagħtu prijorità abbażi tal-impatt tal-innovazzjoni, l-importanza baġitarja u l-influwenza potenzjali fuq is-suq;
- Ifasslu u jimplimentaw strateġija li tħares ’il quddiem għall-akkwist tal-innovazzjoni għall-organizzazzjoni abbażi ta’ opportunitajiet ta’ impatt kbir (eż. ICTs u teknoloġiji abilitanti essenzjali) u tal-impatti miksuba mill-akkwisti tal-innovazzjoni li jkunu tlestew;
- Jixprunaw l-organizzazzjoni u oħrajn biex jadottaw prattiki tajbin f’konformità mal-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku nazzjonali u tal-UE u mal-pjanijiet ta’ azzjoni settorjali tat-teknoloġija emerġenti;
- Jiddefendu l-iżvilupp u l-użu mifrux tal-akkwist tal-innovazzjoni fi ħdan l-organizzazzjoni u lil hinn minnha, jieħdu sehem f’avvenimenti ewlenin relatati mal-akkwist tal-innovazzjoni, fi gruppi ta’ esperti u netwerks biex jippromwovu u jtejbu l-implimentazzjoni ta’ akkwist tal-innovazzjoni;
- Jistabbilixxu ftehimiet strateġiċi u strutturi ta’ kooperazzjoni ma’ xerrejja oħrajn li jippermettu akkwisti kkoordinati jew konġunti regolari.

# Kompetenza nru 7: Speċifika għall-kategorija

| Deskrizzjoni |
|---|

**Il-kompetenza speċifika għall-kategorija** tinsab fil-qalba tal-proċedura tal-akkwist. Jeħtieġ li l-karatteristiċi tal-kategorija ta' provvisti, servizzi jew xogħlijiet li għandhom jinkisbu jkunu jinftiehmu sewwa, inkluż bl-involviment ta' esperti u partijiet ikkonċernati (professjonisti u utenti finali). L-istrateġija tal-akkwist u d-dokumenti għandhom jitfasslu apposta biex jissodisfaw il-ħtieġa identifikata u jimmassimizzaw il-valur għall-flus.

**GĦARFIEN DWAR: Il-karatteristiċi u l-ispeċifiċitajiet rilevanti għal kategorija waħda jew aktar ta' provvisti, servizzi jew xogħlijiet, inklużi l-fornituri, il-parametri tekniċi u l-kundizzjonijiet tas-suq.**

| Bażiku |
|---|

**Kapaċi:**

- Iwettqu riċerka u jipprovdu informazzjoni rilevanti dwar kategorija ta' provvisti, servizzi jew xogħlijiet biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar ix-xiri.

| Intermedju |
|---|

**Kapaċi:**

- Jivverifikaw jekk hemmx xi rekwiżiti legali u regolatorji li japplikaw għall-kategorija ta' provvisti, servizzi jew xogħlijiet tagħhom (eż. jiżguraw livell minimu ta' ħażniet għall-provvisti tal-kura tas-saħħa, ir-rekwiżiti tat-trasport u tal-ħażna għal materjali perikolużi);
- Jikkontribwixxu għad-definizzjoni tar-rekwiżiti tekniċi tal-prodott fit-tħejjija tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

| Avvanzat |
|---|

**Kapaċi:**

- Jirranġaw u jikkategorizzaw l-infiq ippjanat skont ix-xejriet tas-swieq, filwaqt li jżommu f'moħħhom il-kwalità, is-servizz, ir-riskju u l-kost.

| Espert |
|---|

**Kapaċi:**

- Jaġixxu bħala punt ta' referenza għall-professjonisti tal-akkwist u l-utenti fil-livell organizzazzjonali u anki f'dak nazzjonali;
- Isawru politika organizzazzjonali jew nazzjonali għall-akkwist jew l-użu tal-provvisti, tas-servizzi jew tax-xogħlijiet fil-kategorija tagħhom;
- Iħejju gwida tematika mmirata u jxerrdu l-aħjar prattiki żviluppati minn organizzazzjonijiet simili.

# KOMPETENZA NRU 8: IL-ĠESTJONI TAL-FORNITURI

## Deskrizzjoni

**Il-ġestjoni tal-fornituri** tinvolvi l-bini u ż-żamma ta' relazzjonijiet effettivi mal-fornituri attwali u ma' dawk futuri potenzjali. Huwa essenzjali li tiġi żgurata l-konsenja b'suċċess tal-kuntratti attwali u tas-sejħiet għall-offerti futuri. Barra minn hekk, fehim akbar tal-fornituri jista' jgħin lill-professjonisti tal-akkwist jixprunaw ktajjen tal-provvista aktar robusti, etiċi, responsabbli u ekonomikament vantaġġużi permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni miftuħa mal-fornituri, speċjalment SMEs. L-għoti ta' informazzjoni, gwida u potenzjalment appoġġ u taħriġ lill-fornituri (eż. dwar l-użu tal-akkwist elettroniku) huma modi effiċjenti kif jintlaħqu dawn l-objettivi, filwaqt li jiġi żgurat li l-komunikazzjoni mal-operaturi ekonomiċi matul il-fażi tas-sejħa għall-offerti ssir f'konformità mal-prinċipji tal-akkwist pubbliku (jiġifieri n-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza u t-trattament ugwali) u mal-istandards etiċi.

**GĦARFIEN DWAR: l-istrateġiji u l-proċessi biex jiġu żviluppati u ġestiti relazzjonijiet mal-fornituri f'konformità mal-prinċipji tal-akkwist pubbliku.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Iwieġbu għal mistoqsijiet sempliċi mill-fornituri;
- Jappoġġjaw il-ħidma ta' professjonisti oħrajn tal-akkwist f'laqgħat u komunikazzjoni oħra mal-fornituri.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Jinteraġixxu direttament mal-fornituri fuq kuntratti ta' kumplessità baxxa;
- Jagħtu pariri lill-operaturi ekonomiċi u lill-fornituri dwar it-twettiq tal-proċeduri ta' akkwist elettroniku;
- Jissorveljaw il-prestazzjoni tal-fornituri, jidentifikaw ix-xejriet u jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa;
- Jiżviluppaw relazzjonijiet tax-xogħol tajbin mal-fornituri abbażi tal-fiduċja, l-impenn, l-integrità u għarfien tal-obbligi reċiproċi.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Iżommu relazzjonijiet strutturati u strateġiċi mal-fornituri u mal-fornituri potenzjali abbażi tal-fiduċja, l-impenn, l-integrità u għarfien tal-obbligi reċiproċi;
- Jipprovdu appoġġ lill-fornituri, b'mod partikolari dwar l-użu tas-sistema tal-akkwist elettroniku;
- Janalizzaw ix-xejriet tal-fornituri u jaslu għal konklużjonijiet f'termini tal-opportunitajiet għal titjib;
- Jittrattaw każijiet ta' tilwim mal-fornituri;
- Jidentifikaw u jrawmu ktajjen ta' provvista etiċi u ekonomikament vantaġġużi.

## Espert

**Kapaċi:**

- Iżommu relazzjonijiet ta' livell għoli mal-fornituri strateġiċi;
- Jesploraw opportunitajiet għal valur miżjud akbar fi proġetti kumplessi b'implikazzjonijiet politiċi;
- Jiddefinixxu s-suġġetti u jfasslu l-kontenut ta' appoġġ lill-fornituri;
- Isawru u jisfruttaw ktajjen ta' provvista etiċi u ekonomikament vantaġġużi.

# KOMPETENZA NRU 9: NEGOZJATI

## Deskrizzjoni

**In-negozjati** jistgħu jintużaw biex jiggarantixxu u jmexxu 'l quddiem l-interessi tal-organizzazzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, tal-benefiċjarju finali, biex jinkiseb l-aħjar valur għall-flus. Huma għandhom l-għan li jilħqu ftehim reċiproku bejn l-awtorità kontraenti u l-fornitur, minkejja interessi potenzjalment opposti, dwar kif jistgħu jittejbu l-offerti sottomessi biex jissodisfaw aħjar it-termini u l-kundizzjonijiet iddikjarati fid-dokumenti tal-akkwist. In-negozjati jridu jirrispettaw il-prinċipji ġenerali tal-akkwist (jiġifieri n-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza u t-trattament ugwali), kif ukoll l-istandards ta' etika u integrità.

**GĦARFIEN DWAR: l-istrateġiji ta' negozjati matul il-fażijiet tal-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti, f'konformità mal-prinċipji tal-akkwist pubbliku.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Iwettqu kompiti bażiċi relatati mal-proċess tan-negozjati;
- Jappoġġaw il-proċess tan-negozjati bi ġbir tad-*data* u tal-kontribuzzjonijiet u analiżi tad-*data*.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Jiġbru kontribuzzjonijiet, *data* u informazzjoni, inklużi dawk minn esperti interni, biex jgħinu fit-tħejjija ta' strateġiji tan-negozjati;
- Jattendu u jipparteċipaw b'mod attiv fil-laqgħat tan-negozjati;
- Imexxu n-negozjati u jsolvu kwistjonijiet sempliċi għal proġetti ta' rutina b'kumplessità baxxa;
- Jipprovdu appoġġ fin-negozjati għal proġetti b'kumplessità ogħla.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Iħejju strateġiji ta' negozjati u jelaboraw il-pożizzjonijiet tan-negozjati abbażi tar-riċerka u l-analiżi, u l-kontribut minn partijiet ikkonċernati interni;
- Jattendu għan-negozjati u jsolvu kwistjonijiet kumplessi li jinqalgħu għal tipi differenti ta' akkwisti u kuntratti;
- Imexxu l-maġġoranza tan-negozjati ta' proġetti b'kumplessità għolja (f'termini ta' riskju, ta' teknikalità u/jew ta' aspetti proċedurali).

## Espert

**Kapaċi:**

- Imexxu negozjati operazzjonali u strateġiċi kumplessi fuq firxa wiesgħa ta' tipi ta' kuntratti, kwistjonijiet u partijiet ikkonċernati;
- Imexxu negozjati kumplessi għal akkwisti politikament sensittivi b'kumplessità għolja u b'riskju għoli;
- Jiksbu l-aħjar valur għall-flus u l-aħjar soluzzjoni f'termini tal-kontribut għall-kisba tal-objettivi ta' politika.

# Raggruppament ta' kompetenzi ta' Qabel l-għotja

## KOMPETENZA NRU 10: VALUTAZZJONI TAL-ĦTIĠIJIET

### Deskrizzjoni

Il-**valutazzjoni tal-ħtiġijiet** hija l-proċess li jiddetermina l-ħtiġijiet, inklużi l-impatti possibbli f'termini ta' valur għall-flus jew impatti ambjentali, fir-rigward tas-suġġett tal-akkwist b'diversi mezzi, inklużi:

- Il-kollegament mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni, fi ħdan l-organizzazzjoni nnifisha jew ma' partijiet terzi, biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet tagħhom;
- It-trasformazzjoni tal-ħtiġijiet identifikati fl-ippjanar tal-akkwist ta' provvisti, ta' servizzi, jew f'konformità mal-pjan tal-baġit tal-organizzazzjoni;
- Il-kunsiderazzjoni tal-aggregazzjoni tal-ħtiġijiet relatati mal-istess suġġett.

**GĦARFIEN DWAR: Tekniki u għodod tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għad-determinazzjoni tal-ħtiġijiet sottostanti tal-organizzazzjoni u tal-utenti finali rigward is-suġġett tal-akkwist.**

### Bażiku

**Kapaċi:**

- Jiġbru l-informazzjoni rilevanti minn bosta sorsi b'mod strutturat (eż. bl-użu ta' mudelli);
- Jinteraġixxu ma' partijiet ikkonċernati interni u esterni biex jifhmu l-ħtiġijiet organizzazzjonali;
- Jabbozzaw l-ewwel valutazzjoni tal-ħtiġijiet.

### Intermedju

**Kapaċi:**

- Jinteraġixxu ma' partijiet ikkonċernati interni u esterni biex jifhmu l-firxa ta' ħtiġijiet attwali u prevedibbli;
- Janalizzaw u jinterpretaw id-*data* miġbura u jaslu għal konklużjonijiet fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet potenzjali;
- Jidentifikaw każijiet simili u jagħmlu suġġerimenti għall-aggregazzjoni tal-ħtiġijiet biex jiġġeneraw tfaddil;
- Jaġixxu b'mod awtonomu fl-identifikazzjoni tal-ħtieġa għal u t-tmexxija ta' proċeduri ta' akkwist standard.

### Avvanzat

**Kapaċi:**

- Jiġġestixxu l-proċess sħiħ tal-analiżi tal-ħtiġijiet u l-interpretazzjoni tad-*data*;
- Jikkontribwixxu għarfien espert tekniku kif meħtieġ għal proċeduri ta' akkwist kumplessi;
- Jikkollaboraw mal-kollegi biex jiġbru għarfien teknoloġiku avvanzat għall-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi;
- Jipproponu għażliet u soluzzjonijiet alternattivi biex jindirizzaw aħjar il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet sottostanti u jagħmlu rakkomandazzjonijiet;
- Jimplimentaw soluzzjonijiet u strateġiji li jgħinu sabiex jantiċipaw u joħolqu modi innovattivi biex jissodisfaw il-ħtiġijiet interni u esterni (eż. aggregazzjoni tal-ħtiġijiet);
- Jikkomunikaw b'mod konvinċenti mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni dwar l-approċċ irrakkomandat.

### Espert

**Kapaċi:**

- Jissorveljaw il-proċess sħiħ tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet b'attenzjoni għall-opportunitajiet biex jiżdiedu l-valur għall-flus u l-impatt fuq l-objettivi ta' politika fl-organizzazzjoni kollha;
- Jagħtu pariri dwar id-distinzjonijiet possibbli bejn l-ispejjeż tal-investiment u n-nefqa kurrenti għal baġit speċifiku;
- Jinfluwenzaw il-partijiet ikkonċernati ewlenin biex jimplimentaw l-istrateġija usa' tal-akkwist tal-organizzazzjoni, li tinkludi l-identifikazzjoni ta' sinerġiji bejn l-organizzazzjonijiet;
- Imexxu u jikkontestaw l-istrateġija ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni u joħolqu kultura ta' prestazzjoni u innovazzjoni.

# KOMPETENZA NRU 11: ANALIŻI TAS-SUQ U IMPENN TAS-SUQ

## Deskrizzjoni

**Analiżi tas-suq** tipprovdi ħarsa fil-fond lejn liema provvisti u servizzi jistgħu jew ma jistgħux jiġu pprovduti mis-suq, u taħt liema kundizzjonijiet. Hija tinvolvi l-ġbir ta' informazzjoni dwar l-ixprunaturi ewlenin tas-suq (eż. politiċi, ambjentali, teknoloġiċi, soċjali) u dwar l-offerenti potenzjali. Din l-informazzjoni tista' tintuża biex tiġi definita l-istrateġija tal-akkwist (eż. il-qsim f'lottijiet), il-prezz ta' referenza, u l-kriterji tal-għażla u tal-għoti biex jitmexxew 'il quddiem aħjar l-objettivi tal-organizzazzjoni.

**Impenn tas-suq** huwa proċess ta' konsultazzjoni li jgħin biex jiġu identifikati l-offerenti u s-soluzzjonijiet potenzjali, jiġi identifikat id-distakk bejn il-ħtieġa tal-akkwist u dak li s-suq jista' joffri, jew inkella biex is-suq jiġi informat dwar akkwist li jmiss. Jistgħu jintużaw tekniki differenti ta' impenn tas-suq, bħal kwestjonarji, djalogu tekniku, jiem miftuħa għall-pubbliku, u ittri elettroniċi diretti lill-fornituri, sakemm isiru f'konformità mal-prinċipji tal-akkwist pubbliku (jiġifieri n-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza u t-trattament ugwali), u standards ta' etika, privatezza, kunfidenzjalità u integrità, sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġenwina u ġusta.

**GĦARFIEN DWAR: Analiżi tas-suq u tekniki u għodod għall-impenn tas-suq li jistgħu jintużaw biex jinftiehmu l-karatteristiċi tas-suq tal-fornituri, kif ukoll il-kundizzjonijiet u x-xejriet tas-suq, sabiex tiġi definita l-istrateġija tal-akkwist.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Japplikaw il-prinċipji tat-trasparenza, tan-nondiskriminazzjoni u tat-trattament ugwali, kif ukoll l-istandards tal-etika, tal-privatezza, tal-kunfidenzjalità u tal-integrità japplikaw għall-konsultazzjonijiet tas-suq;
- Jiġbru l-informazzjoni mis-sorsi disponibbli mingħajr ma jinvolvu lill-fornituri, sabiex jappoġġjaw il-valutazzjoni tas-suq dwar rekwiżiti sempliċi;
- Iħejju dokumentazzjoni ta' sostenn.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Japplikaw il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, tat-trasparenza u tat-trattament ugwali, kif ukoll l-istandards tal-etika u tal-integrità għall-konsultazzjonijiet tas-suq;
- Janalizzaw u jinterpretaw ir-riċerka tas-suq biex jagħmlu stima tal-ispejjeż u previżjoni tal-baġits;
- Jevalwaw l-impatt potenzjali tal-fatturi tas-suq bl-użu tal-għodod rilevanti.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Jirrevedu l-analiżi tas-suq u jiżguraw il-kompletezza; iwettqu riċerka tas-suq dwar ħtiġijiet organizzazzjonali kumplessi f'konformità mal-prinċipji;
- Jidentifikaw l-opportunitajiet tas-suq u jipproponu miżuri ta' mitigazzjoni għal kwalunkwe riskju identifikat;
- Jistabbilixxu proċessi li jippermettu lil numru rilevanti ta' fornituri jieħdu sehem fil-konsultazzjonijiet tas-suq u fil-proċeduri ta' djalogu kompetittiv;
- Jiżguraw li l-istrateġiji ta' akkwist ikunu mfassla biex jirriflettu l-kundizzjonijiet tas-suq, l-għanijiet ta' politika u l-opportunitajiet identifikati;
- Jidentifikaw ir-riskji għal kompetizzjoni ġenwina fil-każ ta' offerta tas-suq limitata, minħabba l-għadd ta' fornituri attivi jew in-natura tas-servizz jew tal-provvista.

| Espert |
|---|

**Kapaċi:**

- Jieħdu vantaġġ mill-kundizzjonijiet u l-opportunitajiet tas-suq biex jallinjaw l-istrateġija tal-akkwist max-xejriet tas-suq emerġenti u jsawruha biex tilħaq bl-aħjar mod l-għanijiet ta' politika tal-organizzazzjoni;
- Jagħtu pariri dwar l-aqwa tekniki għall-impenn tas-suq u jipproponu modi kif jistgħu jittaffew ir-riskji assoċjati magħhom;
- Jissorveljaw il-proċess tal-analiżi tas-suq u jieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti abbażi tal-valutazzjoni;
- Jantiċipaw l-iżviluppi futuri u r-riskji potenzjali fil-katina tal-provvista;
- Jippromwovu kultura li tissodisfa u teċċedi l-ħtiġijiet interni u timmassimizza l-valur għall-flus fil-livell organizzazzjonali;
- Jifhmu u jiftħu s-swieq billi jinfluwenzaw il-ktajjen tal-provvista (eż. jikkonsultaw mal-SMEs) permezz tal-impenn tas-suq.

# KOMPETENZA NRU 12: STRATEĠIJA TAL-AKKWIST

## Deskrizzjoni

It-tfassil tal-**istrateġija tal-akkwist** huwa l-użu intenzjonat ta' elementi differenti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist biex jirriflettu u jisfruttaw il-kundizzjonijiet tas-suġġett tal-akkwist u jiddefinixxu l-aktar proċess xieraq u li jħalli impatt sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-organizzazzjoni u tiġi żgurata kompetizzjoni ġenwina. Dan jinkludi l-identifikazzjoni tal-aktar għażla xierqa bejn:

- It-tipi ta' proċeduri ta' akkwist;
- Akkwist awtonomu jew konġunt;
- Il-karatteristiċi tal-proċedura, bħall-kamp ta' applikazzjoni, it-tul ta' żmien u l-qsim f'lottijiet;
- It-tekniki u l-istrumenti għas-sottomissjoni elettronika (irkanti u katalogi elettroniċi, u sistemi dinamiċi tax-xiri);
- It-tipi ta' kuntratti (eż. ftehim dirett jew ftehim qafas) u klawżoli dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

**GĦARFIEN DWAR: Il-firxa ta' strateġiji ta' akkwist disponibbli u l-komponenti tagħhom (eż. f'termini ta' għażla u karatteristiċi tal-proċeduri, strumenti għas-sottomissjoni, tipi ta' kuntratti) sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-organizzazzjoni.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Jifhmu l-proċeduri ta' akkwist, it-tekniki għas-sottomissjoni elettronika ta' offerti u t-tipi ta' kuntratti użati b'mod komuni;
- Jappoġġaw ir-riċerka dwar il-proċeduri, it-tekniki u l-istrumenti ta' akkwist għall-istrateġija tal-akkwist;
- Jipprovdu kontribut biex jappoġġjaw il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-istrateġija tal-akkwist; eż. jiġbru fil-qosor u jirrapportaw l-informazzjoni miġbura dwar l-għażliet ta' akkwist.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Jifhmu l-istadji differenti tal-istrateġija tal-akkwist;
- Jiġbru l-informazzjoni meħtieġa biex jieħdu deċiżjonijiet u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar l-istrateġija tal-akkwist li jkunu xprunati mid-*data*;
- Jagħmlu użu effettiv mill-firxa sħiħa ta' proċeduri tal-akkwist, tekniki għas-sottomissjoni elettronika ta' offerti, tipi ta' kuntratti u klawżoli dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratti, fejn xieraq.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Jagħmlu suġġerimenti għall-użu ta' diversi proċeduri u tekniki tal-akkwist sabiex ifasslu l-istrateġija tal-akkwist;
- Jissorveljaw il-proċess tar-riċerka u tal-analiżi u jieħdu d-deċiżjoni finali dwar l-aktar proċess ta' akkwist xieraq;
- Jiżguraw li jkunu disponibbli r-riżorsi addattati għall-proċess tar-riċerka u tal-analiżi;
- Jużaw ir-riżultati tal-analiżi tas-suq, jivvalutaw u jieħdu azzjoni biex jittaffa kwalunkwe riskju ta' mġiba anti-kompetittiva mill-fornituri b'rabta ma' diversi għażliet;
- Jiddeċiedu dwar it-tfassil tal-istrateġija tal-akkwist billi jużaw il-firxa sħiħa ta' proċeduri u tekniki tal-akkwist.

## Espert

**Kapaċi:**

- Jipprovdu pariri esperti lill-prattikanti dwar il-proċess tat-tfassil tal-akkwist u jappoġġaw l-użu ta' proċeduri alternattivi ta' akkwist;
- Jgħinu biex tissawwar politika organizzazzjonali u nazzjonali li tappoġġja strateġija tal-akkwist tajba;
- Janalizzaw u jimplimentaw is-sejbiet tal-analiżi tas-suq u l-impenn tas-suq biex tissawwar l-istrateġija tal-akkwist.

# KOMPETENZA NRU 13: SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI

## Deskrizzjoni

**L-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi** jinvolvi t-trasformazzjoni tas-sejbiet tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-analiżi tas-suq fi speċifikazzjonijiet konkreti u kriterji ta' evalwazzjoni li jistgħu jintużaw fil-valutazzjoni tal-offerti u fl-għoti tal-kuntratt. Dan jinkludi l-iffissar ta' rekwiżiti minimi oġġettivi u mhux preskrittivi żżejjed għas-suġġett sabiex jiġi evitat li l-kompetizzjoni tkun limitata bla bżonn. L-iżgurar li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jkunu ffokati fuq l-eżiti u li jkunu jgħoddu għall-futur huwa fundamentali biex jippermetti l-innovazzjoni u t-titjib kontinwu. Meta jkunu qed jiġu abbozzati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, ix-xerrejja pubbliċi għandhom diġà jiddefinixxu l-kriterji ta' esklużjoni, għażla u għoti li ser jintużaw biex jiġu evalwati l-offerti sabiex tiġi identifikata l-Aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża (MEAT). L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jistgħu jinkludu wkoll referenzi għal standards u tikketti sabiex ikunu żgurati fehim komuni, trasparenza u trattament ugwali.

**GĦARFIEN DWAR: L-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi li jippermettu lil offerenti potenzjali jissottomettu offerti realistiċi li jindirizzaw direttament il-ħtieġa sottostanti tal-organizzazzjoni.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Jikkontribwixxu għat-tħejjija ta' speċifikazzjonijiet tekniċi ċari;
- Jadattaw l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħiet għall-offerti standardizzati jew użati preċedentement għall-ħtiġijiet attwali.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Jiġbru l-informazzjoni u l-analiżi dwar il-kontenut tekniku biex jappoġġjaw l-iżvilupp tal-ispeċifikazzjoni;
- Japplikaw il-kriterji tal-għażla u tal-għoti u l-influwenza tagħhom fuq is-suq;
- Jiżguraw li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jkunu konformi mal-prinċipji tal-akkwist pubbliku, l-obbligi orizzontali bħall-aċċessibbiltà kif ukoll rekwiżiti legali speċifiċi għas-settur;
- Jagħmlu użu minn kriterji mhux tal-prezz għall-proċeduri ta' akkwist ta' rutina, inkluża l-ponderazzjoni xierqa biex jiġi żgurat l-aħjar bilanċ bejn il-prezz u l-kwalità;
- Jirreferu għal standards u tikketti biex iżidu l-fehim komuni tad-dokumenti tal-akkwist bejn ix-xerrejja u l-fornituri;
- Jinvolvu ruħhom mal-esperti biex jifhmu l-pjanijiet direzzjonali teknoloġiċi li jappoġġjaw l-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għal akkwisti tal-innovazzjoni.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Jabbozzaw speċifikazzjonijiet li jieħdu vantaġġ minn swieq li qed jevolvu u jżommu l-pass mal-ħtiġijiet li jinbidlu;
- Jikkollaboraw mal-kollegi u s-servizzi rilevanti biex jiġbru għarfien teknoloġiku avvanzat għall-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi;
- Jiddefinixxu l-kriterji tal-għażla u tal-għoti biex jagħtu valur għall-flus b'fehim tal-implikazzjonijiet tas-suq u r-rekwiżiti legali kif ukoll għall-użu potenzjali tal-istandards u tat-tikketti;
- Jipprovdu gwida dwar l-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi lill-membri tat-tim;
- Jifhmu u jinkorporaw il-pjanijiet direzzjonali teknoloġiċi meta jabbozzaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

## Espert

**Kapaċi:**

- Jipprovdu pariri jew imexxu l-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet kumplessi ħafna;
- Jixprunaw l-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet innovattivi u li jħarsu 'l quddiem mal-ispeċjalisti u l-esperti rilevanti, inkluż l-użu ta' rekwiżiti funzjonali;
- Jirrevedu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal akkwisti kumplessi u bi profil għoli.

# KOMPETENZA NRU 14: DOKUMENTAZZJONI TAL-OFFERTA

## Deskrizzjoni

Sabiex titnieda proċedura ta' akkwist, għandha titħejja **dokumentazzjoni tal-offerta** u jridu jiġu definiti l-kriterji ta' esklużjoni, għażla u għoti li huma l-bażi għad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-kuntratt. Id-dokumentazzjoni tal-offerta (minbarra l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi) tispjega r-rekwiżiti amministrattivi tal-proċedura, tiġġustifika l-valur stmat tal-kuntratt, u tispeċifika t-termini u l-kundizzjonijiet li taħthom l-offerti għandhom jiġu sottomessi, evalwati u mogħtija. Dawn jistgħu jinkludu elementi oħrajn bħal abbozzi ta' dispożizzjonijiet tal-kuntratt, kundizzjonijiet ta' kanċellazzjoni għall-offerta, kif ukoll modifiki, dispożizzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni u t-terminazzjoni, eċċ.

**GĦARFIEN DWAR: Il-kontenut tad-dokumentazzjoni tal-offerta, inklużi l-kriterji ta' esklużjoni, għażla u għoti li huma l-bażi għad-deċiżjoni dwar l-għoti ta' kuntratt, sabiex proċedura ta' akkwist titmexxa b'suċċess.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Jappoġġjaw it-tħejjija ta' dokumenti ta' akkwist, bħal struzzjonijiet, lill-offerenti, l-annessi li għandhom jimtlew, u l-abbozzi ta' kuntratti, abbażi ta' linji gwida u mudelli;
- Jiżguraw il-kwalità tal-proċess tad-dokumentazzjoni tal-offerti billi japplikaw il-metodoloġija u l-istandards addattati.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Jabbozzaw id-dokumentazzjoni tal-akkwist f'konformità mal-politika tal-organizzazzjoni u mar-regolamenti nazzjonali u tal-UE;
- Jippubblikaw avviżi ta' sejħiet għall-offerti u jirrispondu għall-mistoqsijiet tal-operaturi ekonomiċi dwar ir-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni tal-offerti;
- Ifasslu kemm termini kuntrattwali standard kif ukoll dawk mhux standard b'kollaborazzjoni mal-konsulenti legali;
- Jivverifikaw il-konformità u l-kompletezza tad-dokumentazzjoni tal-akkwist imħejjija.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Ifasslu u jimlew id-dokumentazzjoni tas-sejħa għall-offerti li tirrifletti l-għanijiet ta' politika u tgħin biex timmassimizza l-valur għall-flus;
- Jiżguraw li tiġi applikata l-metodoloġija korretta għas-sejħiet għall-offerti tal-akkwist pubbliku maħruġa;
- Jipprevedu u jindirizzaw ir-riskji marbuta mal-aspetti finanzjarji u legali tad-dokumenti kkonċernati;
- Japprovaw id-dokumentazzjoni finali u deċiżjonijiet maniġerjali oħrajn relatati mal-proċess.

## Espert

**Kapaċi:**

- Jikkontribwixxu għall-politika tal-organizzazzjoni fir-rigward tad-dokumentazzjoni tal-offerti, u jaġixxu bħala punt ta' referenza għar-rieżami u l-verifika tal-konformità għal oħrajn;
- Ifasslu u jimplimentaw strateġija trasparenti u xierqa għad-dokumentazzjoni tal-offerti għall-organizzazzjoni f'konformità sħiħa mal-limitazzjonijiet u l-possibbiltajiet legali.

# KOMPETENZA NRU 15: EVALWAZZJONI TAL-OFFERTA

## Deskrizzjoni

Il-proċess tal-**evalwazzjoni tal-offerti** jrid jiżgura li l-offerti jiġu vvalutati b'mod oġġettiv u legalment konformi u fl-isfond tal-kriterji tal-esklużjoni, tal-għażla u tal-għoti definiti fis-sejħa għall-offerti, sabiex tiġi identifikata l-Aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża (MEAT). Il-kumitat tal-evalwazzjoni għandu jitmexxa minn amministraturi b'esperjenza li jkunu mħarrġin sewwa fir-rwoli, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi proċedurali tagħhom, appoġġjati minn esperti tekniċi rilevanti fil-qasam tas-suġġett, inkluża l-valutazzjoni tal-istandards u tat-tikketti. Il-proċess għandu jkun iddokumentat biex jipprovdi l-evidenza u r-raġuni fundamentali għall-għotja.

**GĦARFIEN DWAR: Il-proċess ta' evalwazzjoni xieraq skont it-tip ta' proċeduri ta' akkwist, inklużi r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-kumitat tal-evalwazzjoni, sabiex jiġi żgurat li l-offerti kollha jiġu vvalutati b'mod oġġettiv u trasparenti abbażi ta' kriterji definiti minn qabel.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Jappoġġaw il-proċess ta' evalwazzjoni, inkluża t-tħejjija ta' dokumentazzjoni għall-kumitat tal-evalwazzjoni;
- Jiġġestixxu d-dokumentazzjoni tal-offerti, inklużi l-wasla tal-offerti u l-arkivjar;
- Jipparteċipaw fil-valutazzjoni tal-offerti u jiżguraw li l-proċess jiġi ddokumentat.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Iwettqu evalwazzjoni abbażi tal-kriterji definiti u jagħmlu rakkomandazzjonijiet biex jappoġġjaw it-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-għoti;
- Jipparteċipaw bħala membru votanti fil-kumitati tal-evalwazzjoni għal kuntratti ta' rutina;
- Jindividwaw każijiet possibbli ta' mġiba anti-kompetittiva u korrotta, bħall-kollużjoni fost il-fornituri, abbażi tal-offerta;
- Iħejju u jipprovdu feedback lill-offerenti;
- Jiddokumentaw il-proċess tal-evalwazzjoni użat biex jiġu kklassifikati l-offerti sabiex jiġu żgurati rapportar u rendikont tal-entrati xierqa.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Jippresiedu l-kumitati tal-evalwazzjoni għal ħafna mit-tipi ta' proċeduri;
- Jiżguraw li l-proċess tal-evalwazzjoni jitwettaq b'mod konsistenti, trasparenti u ġust;
- Jiżguraw li l-għadd, il-ħiliet u l-għarfien tal-membri tal-bord tal-evalwazzjoni jkunu xierqa, u li jkunu ħielsa minn kunflitt ta' interess;
- Jikkomunikaw l-eżiti tal-bord tal-evalwazzjoni lill-partijiet ikkonċernati.

## Espert

**Kapaċi:**

- Jiffaċilitaw ir-riżoluzzjoni ta' każijiet kumplessi fejn ikun diffiċli li l-offerti jiġu evalwati jew fejn jinqala' kunflitt ta' interess;
- Jipprovdu suġġerimenti għall-mobilizzazzjoni tal-esperti rilevanti biex jieħdu sehem fil-kumitati tal-evalwazzjoni.

## *Raggruppament ta' kompetenzi ta' Wara l-għotja*

# KOMPETENZA NRU 16: ĠESTJONI TAL-KUNTRATTI

### Deskrizzjoni

**Il-ġestjoni tal-kuntratti** tinvolvi l-iżgurar li s-suġġett tal-akkwist jiġi kkonsenjat skont it-termini, il-kundizzjonijiet fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kuntratt, u f'konformità mar-rekwiżiti legali u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha. Dan jinkludi aspetti relatati mal-governanza, ir-riskju, il-prestazzjoni (u l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs)), ir-regoli dwar il-modifiki tal-kuntratti u l-ġestjoni finanzjarja tal-kuntratti.

Fil-każ tal-kuntratti ta' provvista, il-ġestjoni tal-kuntratti tkopri wkoll il-loġistika u l-ġestjoni tal-inventarju. Dan ifisser li jiġi żgurat li l-oġġetti jiġu kkonsenjati fil-ħin u jilħqu l-istandards tal-kwalità, u li d-disponibbiltà tal-ħażniet tinżamm b'mod konsistenti u kosteffettiv.

**GĦARFIEN DWAR: Il-prinċipji tal-ġestjoni tal-kuntratti għall-iżgurar ta' konsenja xierqa, f'konformità mar-rekwiżiti legali u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha, kif ukoll il-loġistika u l-kunsiderazzjonijiet tal-ġestjoni tal-inventarju.**

### Bażiku

**Kapaċi:**

- Jiġbru d-*data* għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-kuntratti;
- Jaġġornaw u jżommu bażijiet tad-*data* u reġistri tal-kuntratti;
- Jappoġġaw il-funzjonijiet ta' kunsinna tal-kuntratti f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni, il-kwalità, iż-żmien u l-baġit;
- Jirrapportaw dwar l-istadji importanti u l-eżiti kuntrattwali;
- Jappoġġjaw il-ġestjoni tal-inventarju u jinformaw meta jinqalgħu kwistjonijiet b'rabta mal-loġistika jew mal-inventarju.

### Intermedju

**Kapaċi:**

- Jiddefinixxu u jimplimentaw il-pjan ta' ġestjoni tal-kuntratt;
- Jissorveljaw l-eżekuzzjoni tal-kuntratti abbażi tal-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni ddefiniti minn qabel;
- Iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju regolari fuq il-kuntratti ta' akkwist;
- Japplikaw it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti f'ċirkostanzi varji;
- Jagħtu pariri dwar il-modifiki fil-kuntratti;
- Iħejju r-raġuni għat-terminazzjoni tal-kuntratt;
- Japplikaw miżuri korrettivi fil-każ ta' devjazzjonijiet mit-termini tal-kuntratt;
- Japplikaw l-esperjenza diretta bil-loġistika u jwettqu l-ġestjoni tal-inventarju.

### Avvanzat

**Kapaċi:**

- Jiġġestixxu portafoll ta' kuntratti għall-akkwist ta' provvisti, xogħlijiet u servizzi;
- Jantiċipaw l-implimentazzjoni tal-kuntratt diġà matul il-fażi ta' qabel l-għotja biex jiġu minimizzati l-modifiki fil-kuntratti aktar 'il quddiem;
- Jadattaw il-prattiki ta' ġestjoni f'sitwazzjonijiet diffiċli;
- Jieħdu deċiżjoni dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt;
- Jifhmu u jipprovdu pariri dwar l-aspetti kollha relatati mad-dritt kuntrattwali u l-istrateġiji ta' ġestjoni tal-kuntratti;
- Ifasslu l-loġistika u l-ġestjoni tal-inventarju għall-kunsinna ta' oġġetti kumplessi.

## Espert

**Kapaċi:**

- Jissorveljaw il-ġestjoni ta' kuntratti kumplessi u jipprovdu pariri dwar ir-riżoluzzjoni tal-kuntratti bi kwistjonijiet ta' sfida;
- Isawru l-politika ta' ġestjoni tal-kuntratti fil-livell organizzazzjonali jew nazzjonali;
- Jiżguraw l-allinjament ġenerali mar-rekwiżiti legali jew ta' politika nazzjonali f'termini ta' loġistika u ġestjoni tal-inventarju;
- Imexxu l-politika tal-loġistika u tal-inventarju fl-organizzazzjoni kollha b'effiċjenza u effettività.

# KOMPETENZA NRU 17: ĊERTIFIKAZZJONI U ĦLAS

**Deskrizzjoni**

Qabel ma tipproċedi bi ħlas lil kuntrattur għall-forniment ta' provvisti, xogħlijiet jew servizzi, l-organizzazzjoni akkwirenti għandha bżonn **twettaq kontroll tal-verifika** biex tiżgura l-allinjament mal-ispeċifikazzjonijiet tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt u r-regoli finanzjarji u ta' kontabbiltà kollha applikabbli.

**GĦARFIEN DWAR: Il-prinċipji ta' verifika u l-qafas ta' kontroll finanzjarju li jiżguraw li l-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet rilevanti jiġu pprovduti f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt u r-regoli finanzjarji u ta' kontabbiltà kollha applikabbli sabiex isir il-pagament.**

**Bażiku**

**Kapaċi:**

- Jiġbru fatturi u dokumenti oħrajn li jappoġġjaw il-proċess ta' verifika tal-akkwist;
- Jgħinu biex jiġi żgurat rendikont ċar tal-entrati għall-pagamenti kollha magħmula.

**Intermedju**

**Kapaċi:**

- Jirrevedu d-dokumentazzjoni meħtieġa għall-proċess taċ-ċertifikazzjoni tal-pagamenti;
- Jużaw it-tekniki u l-għodod rilevanti biex jivverifikaw jekk sarux pagamenti doppji;
- Jivvalutaw il-konformità tal-provvisti, tax-xogħlijiet jew tas-servizzi mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti ta' rutina;
- Iħejju rakkomandazzjonijiet għall-approvazzjoni jew ir-rifjut tal-pagament;

**Avvanzat**

**Kapaċi:**

- Jivvalutaw il-konformità tal-provvisti, tax-xogħlijiet jew tas-servizzi mat-termini u l-kundizzjonijiet ta' kuntratti kumplessi;
- Jiżviluppaw miżuri ta' mitigazzjoni għall-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' frodi tal-ħlas, bħal pagamenti doppji;
- Jawtorizzaw jew jirrifjutaw it-talbiet għall-ħlas.

**Espert**

**Kapaċi:**

- Joħolqu kultura ta' twettiq ta' kontrolli ta' verifika fl-organizzazzjoni kollha;
- Isolvu l-kwistjonijiet ta' ħlas relatati man-nuqqas ta' konformità tal-provvisti, tax-xogħlijiet jew tas-servizzi ta' kuntratti ta' valur għoli mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

# Kompetenza nru 18: Rapportar u evalwazzjoni

## Deskrizzjoni

**Ir-rapportar u l-evalwazzjoni** huma l-valutazzjoni *ex post* tar-riżultati u l-eżiti ta' proċess ta' akkwist biex jiġu vvalutati l-punti ta' saħħa u d-dgħufijiet u biex jinkisbu l-lezzjonijiet għas-sejħiet għall-offerti futuri. Dan isir billi tinġabar id-*data* rilevanti f'konformità mal-obbligi ta' rapportar nazzjonali u fil-livell organizzazzjonali.

**GĦARFIEN DWAR: Għodod u tekniki ta' monitoraġġ għall-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-kuntratti**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Jappoġġjaw l-analiżi tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti, inkluż bil-ġbir ta' *data* mill-proċess tal-ġestjoni tal-akkwist;
- Jiżguraw iż-żamma tar-reġistri tat-tranżazzjonijiet kollha u jiżguraw li jinżamm rendikont tal-entrati;
- Jiġbru d-*data* rilevanti li tgħin biex jiġu indirizzati l-obbligi ta' rapportar nazzjonali u fil-livell organizzazzjonali.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Iwettqu l-proċess ta' rapportar u evalwazzjoni tal-kuntratti biex jiżguraw li l-organizzazzjoni tkun qed tieħu tagħlimiet mill-esperjenza tagħhom;
- Janalizzaw id-*data* dwar il-prestazzjoni u jifformulaw sejbiet u rakkomandazzjonijiet ċari;
- Iwettqu l-verifika *ex post* u jabbozzaw rapporti dwar każijiet standard ta' prestazzjoni insuffiċjenti.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Janalizzaw każijiet kumplessi ta' prestazzjoni insuffiċjenti biex jidentifikaw il-kawżi sottostanti u jirrakkomandaw miżuri ta' mitigazzjoni;
- Jiżguraw it-trasparenza tad-*data* u s-sejbiet f'konformità mal-politiki u l-istandards organizzazzjonali u nazzjonali;
- Jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u r-rapporti ta' verifika *ex post*;
- Jinvolvu lill-fornituri f'diskussjonijiet dwar it-titjib tal-prestazzjoni.

## Espert

**Kapaċi:**

- Janalizzaw ir-rapportar dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratti biex jivvalutaw il-kontribut għall-objettivi tal-organizzazzjoni;
- Jirrevedu r-rapporti dwar każijiet kumplessi ta' prestazzjoni insuffiċjenti;
- Jissorveljaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u r-rapporti ta' verifika *ex post*;
- Jiżviluppaw kultura ta' impenn tal-fornituri fi ħdan l-organizzazzjoni biex joħolqu mezzi ta' komunikazzjoni ċara għal feedback u titjib.

# KOMPETENZA NRU 19: IR-RIŻOLUZZJONI U L-MEDJAZZJONI TAL-KUNFLITTI

## Deskrizzjoni

**Riżoluzzjoni jew medjazzjoni tal-kunflitti** tirreferi għall-proċess ta':

- Il-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' punti ta' differenza, in-nuqqas ta' qbil u l-kunflitti bejn il-partijiet, matul il-fażijiet kollha tal-proċess tal-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti, sabiex jintlaħaq ftehim għall-interess komuni taż-żewġ partijiet;
- Il-ġestjoni tal-ilmenti mressqa kontra l-organizzazzjoni skont is-sistema tal-evalwazzjoni nazzjonali;
- Il-fehim tas-sistema tal-evalwazzjoni u tas-sistema tar-rimedji nazzjonali, u l-mekkaniżmi ta' soluzzjoni tal-kunflitti f'livelli differenti.

**GĦARFIEN DWAR: Ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u l-proċessi ta' medjazzjoni, inkluż il-ġestjoni tal-ilmenti u l-proċeduri fil-kuntest tas-sistema tal-evalwazzjoni nazzjonali.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Jidentifikaw kunflitti potenzjali u jirreferuhom lill-ġerarkija skont il-politika organizzazzjonali;
- Jiġbru informazzjoni biex jappoġġjaw il-ġesjtjoni tal-ilmenti.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Jantiċipaw u jieħdu passi biex jipprevjenu kunflitti potenzjali;
- Janalizzaw b'mod oġġettiv il-fatti ta' sitwazzjoni u jippreżentaw sejbiet u rakkomandazzjonijiet ċari għal soluzzjonijiet potenzjali;
- Jipparteċipaw fil-proċess ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti;
- Jgħinu biex jindirizzaw l-ilmenti, eż. billi jabbozzaw ir-rispons xieraq.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Jiġġestixxu l-kwistjonijiet proċedurali u kuntrattwali, bħal pretensjonijiet u tilwim, eċċ.;
- Jiġġestixxu l-proċess ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti bl-użu ta' tekniki differenti ta' riżoluzzjoni, arbitraġġ u medjazzjoni tal-kunflitti;
- Jipprovdu rakkomandazzjonijiet biex jittejbu l-proċeduri organizzazzjonali biex jiġu evitati u riżolti l-kunflitti u l-ilmenti.

## Espert

**Kapaċi:**

- Imexxu l-attivitajiet f'każ ta' eskalazzjoni ta' kunflitt;
- Jipprovdu l-approvazzjoni finali tar-rispons għall-ilmenti;
- Jimplimentaw it-tagħlimiet meħuda mill-każijiet ta' rieżami fil-livell nazzjonali u Ewropew, kif ukoll minn prattiki tajbin u każijiet li ssolvew mingħajr ma jintlaħaq il-livell ta' ilment uffiċjali;
- Joħolqu kultura ta' riżoluzzjoni u medjazzjoni tal-kunflitti mal-offerenti u mal-fornituri.

## 2.2. Kompetenzi Interpersonali

### *Raggruppament ta' kompetenzi personali*

### KOMPETENZA NRU 20: ADATTABBILTÀ U MODERNIZZAZZJONI

**Deskrizzjoni**

Jeħtieġ li l-professjonisti tal-akkwist pubbliku **jirrispondu u jadattaw** għall-kompiti u ċ-ċirkostanzi li qegħdin jinbidlu. Dawn il-bidliet jistgħu jseħħu f'termini tal-metodi ta' ħidma (eż. id-diġitalizzazzjoni), l-aspettattivi taċ-ċittadini (eż. is-sikurezza tal-ikel), is-soluzzjonijiet u l-isfidi teknoloġiċi (eż. il-"big *data*" u ċ-ċibersigurtà), ix-xenarji ta' emerġenza (eż. pandemiji, diżastri naturali), u l-isfidi tal-politika (eż. it-tibdil fil-klima).

Il-professjonisti tal-akkwist pubbliku jridu iżommu ruħhom aġġornati dwar il-bidliet rilevanti fl-ambjent regolatorju, politiku u teknoloġiku tal-akkwist pubbliku. Huma jridu jżommu moħħhom miftuħ għall-kundizzjonijiet li qegħdin jinbidlu, għal ideat u perspettivi u metodi ta' ħidma ġodda. Huma jridu jadattaw, ikunu reżiljenti għall-bidla, u anki jħaddnu l-bidla billi jfittxu soluzzjonijiet moderni u innovattivi biex jegħlbu l-isfidi ġodda tal-akkwist. Huma għandhom ikunu kapaċi jevalwaw mill-ġdid l-approċċ tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza biex jiżguraw konformità filwaqt li jagħmlu użu sħiħ mill-flessibbiltajiet disponibbli. Huma għandhom jidentifikaw opportunitajiet ta' tagħlim u żvilupp li jappoġġjaw l-adattament aġili għall-bidla u għodod ġodda.

**GĦARFIEN DWAR: Tekniki u għodod għall-ġestjoni tal-bidla.**

**Bażiku**

**Kapaċi:**

- Jaċċettaw prijoritajiet ġodda b'mod pożittiv u japplikaw għodod u proċessi ġodda;
- Jissuġġerixxu modi kif jagħmlu bidla taħdem b'mod effettiv u juru mentalità pożittiva.

**Intermedju**

**Kapaċi:**

- Jimplimentaw tekniki u approċċi ġodda ta' akkwist f'konformità mal-istrateġiji ta' modernizzazzjoni tal-akkwist;
- Jikkontribwixxu għal ambjent li jiffaċilita l-bidliet kollettivi u individwali u l-proċessi tat-tagħlim.

**Avvanzat**

**Kapaċi:**

- Jiġġestixxu l-isforzi tal-innovazzjoni u l-bidliet biex jimmassimizzaw l-effettività, il-veloċità tar-rispons u l-adattament;
- Jaġġustaw il-proċeduri interni u l-flussi tax-xogħol skont l-inizjattivi ta' bidla implimentati;
- Iħejju t-tim u l-organizzazzjoni tal-akkwist biex jittrattaw, jirreaġixxu u jadattaw għall-bidla;
- Irawmu ambjent li jwassal għall-innovazzjoni, it-tagħlim u l-iżvilupp u jiżguraw li l-ħtiġijiet tat-tagħlim u l-iżvilupp jiġu indirizzati.

**Espert**

**Kapaċi:**

- Ifittxu modi innovattivi u effettivi biex itejbu l-proċessi tal-akkwist tal-organizzazzjoni, f'konformità max-xejriet tal-innovazzjoni fis-servizz pubbliku;
- Jidentifikaw il-kompetenzi u l-għarfien espert futuri meħtieġa mill-organizzazzjoni biex tirreaġixxi u tadatta malajr;
- Jistabbilixxu l-kuntest organizzazzjonali għat-tagħlim u l-iżvilupp u l-professjonalizzazzjoni billi jtejbu l-ħiliet tal-persunal tal-akkwist;

Jinkoraġġixxu kultura ta' bidla u ta' innovazzjoni sabiex jitwasslu eżiti aħjar għaċ-ċittadini.

# KOMPETENZA NRU 21: ĦSIEB ANALITIKU U KRITIKU

## Deskrizzjoni

Il-professjonisti tal-akkwist jeħtieġu **ħsieb analitiku u kritiku** biex jevalwaw l-informazzjoni bi preċiżjoni u oġġettività. Meta jagħmlu dan, huma jużaw ġudizzju tajjeb, jantiċipaw l-opportunitajiet u t-theddid u jsolvu l-problemi b'mod effiċjenti u kreattiv.

**GĦARFIEN DWAR: Approċċi u għodod tal-ħsieb analitiku u kritiku.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Jiġbru u janalizzaw id-*data* rilevanti, filwaqt li japplikaw l-approċċi kwalitattivi u kwantitattivi eżistenti b'mod konsistenti;
- Jidentifikaw u jissuġġerixxu soluzzjonijiet alternattivi meta jsolvu l-problemi;
- Juru għarfien dwar l-opportunitajiet u r-riskji matul iċ-ċiklu kollu tal-akkwist.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Jinterpretaw ix-xejriet u l-mudelli meta jipproċessaw id-*data*;
- Janalizzaw id-dokumenti b'għajn kritika, filwaqt li jiżguraw li jiġu kkunsidrati l-implikazzjonijiet u r-riskji;
- Janalizzaw u jżidu l-għarfien fost il-kollegi u l-partijiet ikkonċernati dwar riskji potenzjali u jissuġġerixxu approċċi adegwati għall-mitigazzjoni tar-riskji.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Jiżviluppaw proċessi analitiċi biex jiżguraw li jiġu kkunsidrati l-fatturi rilevanti kollha;
- Jistabbilixxu l-kriterji għall-evalwazzjoni tad-*data*, filwaqt li jqisu kemm il-ħtiġijiet attwali kif ukoll dawk futuri;
- Jadattaw l-approċċ tal-akkwist abbażi tas-sitwazzjoni u r-rekwiżiti.

## Espert

**Kapaċi:**

- Jiddeterminaw in-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-analiżi;
- Jinterpretaw ir-riżultati tal-analiżi biex jappoġġjaw u jimmotivaw id-deċiżjonijiet strateġiċi;
- Imexxu l-monitoraġġ tat-theddid emerġenti.

# KOMPETENZA NRU 22: KOMUNIKAZZJONI

## Deskrizzjoni

**Il-komunikazzjoni** għandha l-għan li tiżgura li l-għanijiet u l-proċessi tal-politika tal-akkwist b'mod ġenerali, kif ukoll il-proċeduri tal-akkwist individwali, jinftiehmu sewwa mill-partijiet ikkonċernati. Hija tiddependi fuq l-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni xierqa (bil-fomm, bil-kitba, b'mod elettroniku) sabiex twassal informazzjoni rilevanti u preċiża f'konformità mal-prinċipji tal-akkwist pubbliku tan-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza u t-trattament ugwali. Meta jagħmlu dan, il-professjonisti tal-akkwist pubbliku għandhom bżonn jadattaw il-mezz ta' komunikazzjoni u l-messaġġ għall-udjenza fil-mira.

**GĦARFIEN DWAR: Għodod u tekniki ta' komunikazzjoni u kif il-prinċipji tal-akkwist pubbliku japplikaw għal diversi sitwazzjonijiet ta' komunikazzjoni.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Jisimgħu b'mod attiv, jitkellmu u jiktbu b'mod ċar, loġiku u konċiż;
- Jiżguraw ir-rilaxx effiċjenti ta' informazzjoni permezz ta' diversi mezzi ta' komunikazzjoni;
- Jappoġġjaw lit-tim fit-tfassil ta' riżultati ta' komunikazzjoni ċari u tajbin.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Jużaw ħiliet ta' smigħ u komunikazzjoni attivi fil-konverżazzjonijiet u l-laqgħat;
- Iħejju riżultati ta' komunikazzjoni dettaljati u preċiżi, biex jippreżentaw il-prijoritajiet tal-akkwist permezz tal-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-organizzazzjoni.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Iwasslu komunikazzjoni strateġika, attraenti u persważiva b'messaġġ konsistenti dwar il-valuri u l-objettivi;
- Jimplimentaw l-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-organizzazzjoni b'rabta ma' proġetti ta' akkwist speċifiċi billi jiddefinixxu r-riżultati rilevanti, jissorveljaw it-tfassil u l-kunsinna tagħhom, u joħolqu struttura li tiżgura fluss tajjeb ta' komunikazzjoni.

## Espert

**Kapaċi:**

- Joħolqu u jippromwovu ambjent miftuħ u trasparenti għall-komunikazzjoni fi ħdan l-organizzazzjoni;
- Jiddefinixxu strateġija ta' komunikazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-organizzazzjoni, li tippromwovi l-prijoritajiet tal-akkwist tal-organizzazzjoni;
- Jippromwovu metodi ta' komunikazzjoni kreattivi, innovattivi u li jħallu impatt;
- Jittrattaw talbiet kumplessi għall-informazzjoni u kwistjonijiet kontroversjali ta' komunikazzjoni kemm ġewwa kif ukoll barra l-organizzazzjoni.

# KOMPETENZA NRU 23: L-ETIKA U L-KONFORMITÀ

## Deskrizzjoni

Il-partijiet ikkonċernati fl-akkwist pubbliku jridu jiżguraw il-**konformità** mar-regoli, il-kodiċijiet ta' kondotta u l-linji gwida kollha applikabbli u l-aderenza mal-prinċipji tal-akkwist pubbliku: it-trattament ugwali, in-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza u l-proporzjonalità.

Il-partijiet ikkonċernati kollha involuti fl-akkwist pubbliku jridu jiżguraw il-verifika matul il-firxa sħiħa ta' kompiti konkreti, billi jagħmlu użu mill-għodod disponibbli biex jivvalutaw ir-riskji ta' kunflitt ta' interess, il-korruzzjoni minn naħa waħda, u l-prattiki antikompetittivi mill-fornituri, bħall-kollużjoni u l-immanuvrar tal-offerti, jew problemi potenzjali fir-rigward tal-konformità fix-xogħol tagħhom min-naħa l-oħra.

**GĦARFIEN DWAR: Ir-regoli u l-prinċipji proċedurali applikabbli, kif ukoll l-għodod, il-kodiċijiet u d-dokumenti ta' gwida li jgħinu biex tiġi żgurata l-aderenza magħhom.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Jadottaw imġiba etika u professjonali f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta u l-istandards etiċi tal-organizzazzjoni;
- Juru mentalità ta' konformità meta jħejju r-riżultati tal-akkwist.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Jifhmu u jirrispettaw il-politiki ta' konformità tal-organizzazzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u r-rekwiżiti u r-riskji relatati magħhom;
- Jifhmu u jivvalutaw l-impatt u l-konsegwenzi ta' ksur tal-istandards etiċi u tal-politiki ta' konformità;
- Jikkonsultaw ma' esperti legali u esperti fis-suġġett rilevanti meta jkollhom dubju dwar il-prattiki relatati mal-konformità.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Jippromwovu l-kodiċi ta' kondotta u l-istandards etiċi tal-organizzazzjoni fost il-persunal;
- Janalizzaw u jissorveljaw il-proġetti ta' akkwist u jiżguraw li l-proċessi tal-katina tal-provvista jkunu konformi mal-politiki etiċi nazzjonali;
- Jipprovdu rakkomandazzjonijiet prattiċi għat-titjib tal-aderenza mal-politiki ta' konformità u regolatorji tal-organizzazzjoni.

## Espert

**Kapaċi:**

- Ifasslu l-kodiċi ta' kondotta u etika tal-organizzazzjoni u joħolqu l-kundizzjonijiet għall-osservanza tiegħu mill-persunal, permezz ta' gwida u taħriġ u tmexxija;
- Joħolqu l-kultura ta' konformità tal-organizzazzjoni u jallinjawha mar-regolamenti u l-politiki tal-gvern;
- Jissorveljaw l-azzjonijiet u l-pjanijiet li jixprunaw konformità effettiva u titjib kostanti;
- Janalizzaw u jidentifikaw kwistjonijiet ta' konformità li jistgħu jheddu l-kwalità tax-xogħol u l-iżvilupp organizzazzjonali.

## *Raggruppament ta' Kompetenzi ta' Nies*

# KOMPETENZA NRU 24: KOLLABORAZZJONI

**Deskrizzjoni**

L-ebda professjonist tal-akkwist pubbliku ma jaħdem b'mod iżolat. Sabiex jiksbu suċċess, il-professjonisti tal-akkwist għandhom bżonn jikkollaboraw ma' xulxin u mal-ambjent tagħhom. Dan ifisser ħidma f'timijiet u inkoraġġiment għall-kondiviżjoni ta' ideat u strateġiji u l-ġbir ta' kontribut u għarfien espert. Dan huwa applikabbli bl-istess mod għal organizzazzjoni żgħira, fejn ix-xerrej pubbliku jkollu jiddependi fuq il-partijiet ikkonċernati interni u esterni, kif ukoll fuq organizzazzjonijiet akbar u korpi ċentrali għall-akkwisti, fejn ikun hemm strateġija konxja għall-bini ta' timijiet tal-akkwist multidixxiplinarji għal proċeduri speċifiċi ta' akkwist (eż. avukat, ekonomista, speċjalista jew espert fis-suġġett).

**GĦARFIEN DWAR: Għodod u tekniki kollaborattivi.**

**Bażiku**

**Kapaċi:**

- Jerfgħu r-responsabbiltà għar-rwol tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv biex jintlaħqu l-objettivi tat-tim tal-akkwist;
- Jifhmu l-importanza li jinbnew relazzjonijiet li jkunu bbażati fuq il-fiduċja u l-affidabbiltà;
- Japplikaw ħiliet interpersonali meta jaħdmu mal-membri tat-tim;
- Jaġixxu b'onestà u ġustizzja mal-oħrajn, billi juru kunsiderazzjoni u rispett.

**Intermedju**

**Kapaċi:**

- Jikkontribwixxu għad-dinamika tat-tim biex jiżguraw relazzjonijiet tax-xogħol pożittivi u kooperattivi għas-suċċess tat-tim;
- Jiżviluppaw u jsaħħu r-relazzjonijiet fi ħdan dipartimenti differenti, u mal-partijiet ikkonċernati, maċ-ċittadini, mal-fornituri, eċċ.

**Avvanzat**

**Kapaċi:**

- Jippromwovu l-importanza u l-benefiċċji tad-diversità u tal-inklużjoni fi ħdan it-timijiet tal-akkwist;
- Jikkondividu l-għarfien tagħhom mal-oħrajn, filwaqt li jirrikonoxxu l-esperjenza u l-ħiliet tal-oħrajn;
- Jiffaċilitaw il-kondiviżjoni ta' għarfien espert u riżorsi mat-timijiet u bejniethom, filwaqt li jqisu d-dimensjonijiet strutturali, funzjonali u kulturali tagħhom;
- Jibnu timijiet b'saħħithom li jikkapitalizzaw fuq id-differenzi fl-għarfien espert, fil-kompetenzi u fl-isfond.

**Espert**

**Kapaċi:**

- Jiżviluppaw spirtu ta' tim u kultura għal ħidma f'tim u kollaborazzjoni effettivi;
- Jippromwovu ambjent li jwassal għal ħidma f'tim biex jinkisbu r-riżultati;
- Jimmassimizzaw il-benefiċċji ta' timijiet differenti u l-kollaborazzjoni tal-partijiet ikkonċernati biex jinkisbu riżultati organizzazzjonali;
- Jaġixxu bħala mudell eżemplari u juru eżempji b'saħħithom ta' kooperazzjoni fl-organizzazzjoni.

# KOMPETENZA NRU 25: ĠESTJONI TAR-RELAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

## Deskrizzjoni

**Il-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati** tfisser il-ħolqien u ż-żamma ta' relazzjonijiet interni u esterni sodi bbażati fuq fiduċja reċiproka u kredibbiltà. Il-professjonisti tal-akkwist pubbliku spiss ikollhom bżonn jikkollaboraw mal-partijiet ikkonċernati sabiex jilħqu l-għanijiet organizzazzjonali u jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.

**GĦARFIEN DWAR: Il-kunċetti u l-metodi ewlenin tal-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Jidentifikaw il-partijiet ikkonċernati interni u esterni u jifhmu l-ħtiġijiet tagħhom;
- Iżommu relazzjonijiet tax-xogħol tajbin mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni f'livell operazzjonali;
- Jikkunsidraw il-perspettivi kollha tal-partijiet ikkonċernati meta janalizzaw il-problemi u l-opportunitajiet;
- Ifittxu soluzzjonijiet li jibbilanċjaw il-ħtiġijiet ta' diversi partijiet ikkonċernati u jfittxu soluzzjonijiet favorevoli għal kulħadd.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Jiżguraw li l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati jinstemgħu u jiġu indirizzati b'mod effettiv;
- Jiżviluppaw relazzjonijiet tax-xogħol tajbin u komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni bbażati fuq fiduċja reċiproka;
- Janalizzaw il-konsegwenzi pożittivi u negattivi potenzjali biex jagħżlu l-aktar metodi xierqa għall-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati;
- Jibnu u jiġġestixxu r-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati fis-suġġetti biex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-istrateġiji tal-partijiet ikkonċernati.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Jimmassimizzaw ir-relazzjonijiet tax-xogħol tajbin ibbażati fuq il-fiduċja, l-impenn u l-integrità;
- Jimmotivaw lill-partijiet ikkonċernati interni u esterni sabiex jinkisbu l-eżiti mixtieqa;
- Jiffaċilitaw ambjent fejn ikunu jistgħu jinkisbu soluzzjonijiet favorevoli għal kulħadd;
- Jaħdmu b'mod proattiv biex jantiċipaw u jtaffu l-isfidi potenzjali ta' komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati;
- Jiżviluppaw u jimmassimizzaw ir-relazzjonijiet strateġiċi tal-partijiet ikkonċernati.

## Espert

**Kapaċi:**

- Jippromwovu relazzjonijiet tax-xogħol tajbin u effettivi f'livell għoli;
- Joħolqu kultura ta' ġestjoni eċċezzjonali tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati fi ħdan l-organizzazzjoni;
- Jiżguraw strateġiji organizzazzjonali li jinkorporaw il-ġestjoni b'saħħitha tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati;
- Jidentifikaw u jipprijoritizzaw ir-relazzjonijiet strateġiċi mal-partijiet ikkonċernati;
- Jerfgħu r-responsabbiltà biex itejbu l-orjentazzjoni u l-impenn tal-partijiet ikkonċernati fil-livell organizzazzjonali.

# KOMPETENZA NRU 26: IL-ĠESTJONI U T-TMEXXIJA TAT-TIM

## Deskrizzjoni

**Il-ġestjoni u t-tmexxija tat-tim** huma fundamentali għall-iffissar ta' direzzjoni ċara u objettivi li jistgħu jintlaħqu għat-timijiet u l-funzjonijiet ta' akkwist. Dawn għandhom jintużaw biex jippromwovu ambjent kollaborattiv u jaħdmu lejn għanijiet komuni. Dan jimplika l-użu ta' metodi u tekniki li huma mfassla apposta għat-tim biex jappoġġjaw lill-membri tiegħu, billi jiddefinixxu b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet; jistabbilixxu l-aspettattivi tal-prestazzjoni individwali u tal-grupp; u jinkoraġġixxu lit-tim biex jaħdem flimkien biex jintlaħqu l-miri stabbiliti.

**GĦARFIEN DWAR: Il-kunċetti u l-metodi ewlenin tal-ġestjoni tat-tim.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Jifhmu u jadattaw għal diversi stili ta' tmexxija;
- Jinkoraġġixxu komunikazzjoni miftuħa fi ħdan it-tim;
- Jagħtu feedback kostruttiv biex jiġi żgurat titjib kontinwu fi ħdan it-tim, l-organizzazzjoni u s-servizz;
- Jagħmlu suġġerimenti kostruttivi għat-titjib.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Jifhmu l-ħtieġa li l-ħidma f'tim tiġi allinjata mat-twettiq tal-għanijiet tal-organizzazzjoni u jaġixxu kif xieraq;
- Jagħtu lill-membri tat-tim feedback regolari dwar il-punti ta' saħħa u d-dgħufijiet tagħhom;
- Jisimgħu u jivvalutaw il-kontribut minn membri oħrajn tat-tim.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Juru l-assertività, il-fiduċja u l-intelliġenza emozzjonali meta jkunu qed imexxu tim;
- Jippjanaw, jiġġestixxu, jipprijoritizzaw u jiddelegaw ir-responsabbiltajiet, f'konformità mal-kapaċitajiet tat-tim;
- Jinkoraġġixxu u jappoġġjaw inizjattivi ta' bidla u jinvolvu lill-membri tat-tim.

## Espert

**Kapaċi:**

- Jiżviluppaw kultura tal-aħjar prattiki u ta' innovazzjoni fi ħdan it-tim tal-akkwist u l-organizzazzjoni;
- Jippromwovu u jappoġġjaw prattiki pożittivi tal-ġestjoni tat-tim u tat-tmexxija;
- Imexxu inizjattivi ta' bidla biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' politika.

## *Raggruppament ta' Kompetenzi ta' Prestazzjoni*

# KOMPETENZA NRU 27: GĦARFIEN ORGANIZZAZZJONALI

### Deskrizzjoni

**L-għarfien organizzazzjonali** huwa l-fehim tal-istruttura amministrattiva, tal-kultura organizzazzjonali, kif ukoll tal-qafas ġuridiku u ta' politika, li jħalli impatt fuq l-organizzazzjoni. Dan jippermetti li wieħed jifhem l-ixprunaturi u l-motivazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati differenti, u li jieħu azzjonijiet xierqa li jwasslu biex jinkiseb valur għall-flus u l-aħjar eżitu għall-organizzazzjoni.

**GĦARFIEN DWAR: L-istruttura, il-proċeduri u l-proċessi amministrattivi tal-organizzazzjoni, il-kultura interna u l-qafas ġuridiku u ta' politika.**

### Bażiku

**Kapaċi:**

- Joperaw skont il-viżjoni, il-missjoni u l-valuri tal-organizzazzjoni;
- Jidentifikaw l-opportunitajiet ta' taħriġ rilevanti biex jappoġġjaw l-iżvilupp professjonali tagħhom stess;
- Jifhmu l-istruttura u l-proċessi tal-organizzazzjoni, u kif dipartimenti differenti jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ta' akkwist.

### Intermedju

**Kapaċi:**

- Jidentifikaw l-interessi u l-motivazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati interni u jindikaw ir-riskji assoċjati;
- Jifhmu u jirrispettaw l-ambjent legali tal-organizzazzjoni;
- Ifittxu gwida u pariri mill-esperti fl-organizzazzjoni biex isolvu l-problemi.

### Avvanzat

**Kapaċi:**

- Ifasslu u jagħtu taħriġ rilevanti sabiex iwasslu l-valuri u l-metodi ta' ħidma tal-organizzazzjoni;
- Jippromwovu l-valuri u l-aspetti soċjali tal-organizzazzjoni biex jappoġġjaw il-ħidma f'tim b'suċċess;
- Jipprovdu l-aktar livell profond ta' għarfien tal-proċessi u l-proċeduri interni tal-organizzazzjoni, kif ukoll is-sistema u l-għodod.

### Espert

**Kapaċi:**

- Imexxu u jsawru diskussjonijiet ta' politika interna ta' livell għoli;
- Jiddefinixxu prospetti ċari ta' karriera u l-opportunitajiet ta' tagħlim u żvilupp tal-persunal;
- Imexxu l-istrateġija tal-organizzazzjoni lejn il-kisba ta' valur għall-flus.

# Kompetenza nru 28: Ġestjoni tal-proġetti

## Deskrizzjoni

It-twettiq effettiv ta' proġett ta' akkwist jeħtieġ il-fehim u l-applikazzjoni ta' kunċetti, prattiki u għodod ewlenin għall-ġestjoni tal-proċeduri tal-akkwist. Dawn il-kunċetti ta' **ġestjoni tal-proġetti** jistgħu jintużaw biex jiġi żgurat li l-proġetti ta' akkwist jitwettqu f'konformità mal-iskeda ta' żmien, il-baġit, il-kwalità, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u l-mitigazzjoni tar-riskji mistennija.

**GĦARFIEN DWAR: Il-kunċetti u l-għodod ewlenin tal-ġestjoni tal-proġetti rilevanti għall-amministrazzjoni pubblika.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Iwettqu kompiti sempliċi u jappoġġjaw it-tħejjija tar-riżultati;
- Jirrispettaw il-linji gwida u l-iskeda ta' żmien għar-riżultati u l-attivitajiet tal-proġett.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Jieħdu deċiżjonijiet infurmati u xierqa li jappoġġjaw l-avvanz tal-proġett;
- Jorganizzaw u jikkoordinaw l-attivitajiet f'konformità mal-objettivi u l-istrateġija tal-proġett;
- Jirrapportaw dwar il-progress u r-riżultati tal-proġett, inkluża l-valutazzjoni tal-kwalità;
- Jiġġestixxu b'suċċess proġett individwali mill-fażi tad-definizzjoni tal-ambitu sal-għeluq tal-proġett;
- Jidentifikaw il-kompiti u jiddelegawhom bl-użu tar-riżorsi addattati.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Jiżguraw li jintlaħqu l-istadji importanti u r-riżultati ewlenin tal-proġett biex jitwasslu l-objettivi tal-proġett;
- Jissorveljaw u jwasslu bosta proġetti kumplessi f'ambjent inċert;
- Jittrattaw kwistjonijiet kumplessi tal-baġit u l-komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati;
- Jistabbilixxu qafas u approċċ għall-proġett, filwaqt li jiżguraw l-allinjament korrett tal-objettivi tal-proġett mal-istrateġija ġenerali.

## Espert

**Kapaċi:**

- Jippromwovu s-sistema u l-għodod rilevanti tal-ġestjoni tal-proġetti għall-organizzazzjoni;
- Jerfgħu r-responsabbiltà għall-effettività tal-proġett u l-iskjerament tal-approċċ magħżul;
- Jirregolaw l-istrateġija ta' ġestjoni tal-proġett tal-organizzazzjoni u jantiċipaw riskji kbar u sitwazzjonijiet mhux mistennija u jtaffuhom.

# Kompetenza nru 29: Orjentazzjoni tal-prestazzjoni

## Deskrizzjoni

Jeħtieġ li l-professjonisti tal-akkwist pubbliku jiffokaw l-isforzi tagħhom u jagħtu prijorità lix-xogħol **biex jingħata valur għall-flus**, f'konformità mal-linji gwida u l-politiki tas-servizz pubbliku. Ir-rwol tagħhom huwa li jiksbu l-iffrankar tal-ispejjeż u jilħqu għanijiet strateġiċi u sostenibbli, jidentifikaw b'mod proattiv l-ineffiċjenzi, jegħlbu l-ostakoli u jadattaw l-approċċ tagħhom sabiex b'mod konsistenti jwasslu eżiti tal-akkwist sostenibbli u bi prestazzjoni għolja.

**GĦARFIEN DWAR: Strateġiji u metodi għall-ġestjoni tal-prestazzjoni li jgħinu biex jiġu identifikati l-ineffiċjenzi u jiġu mmonitorjati l-prestazzjoni tal-akkwist u l-mod li bih jingħata valur għall-flus.**

## Bażiku

**Kapaċi:**

- Jiġġestixxu l-ħin b'mod effettiv u jipprijoritizzaw ix-xogħol biex josservaw l-iskadenzi;
- Janalizzaw u jtejbu l-prestazzjoni tagħhom stess;
- Isegwu miri individwali b'enerġija u persistenza, billi jiffissaw standards għoljin ta' prestazzjoni;
- Jiżviluppaw fehim fattwali bażiku tal-ixprunaturi organizzazzjonali.

## Intermedju

**Kapaċi:**

- Juru perseveranza u impenn biex jilħqu l-miri tat-tim u tal-organizzazzjoni;
- Jistabbilixxu miri tat-tim li jappoġġjaw miri organizzazzjonali u Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni;
- Iżommu lit-tim iffokat billi jistabbilixxu pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir u fit-tul;
- Jiġġestixxu b'mod effettiv il-prestazzjoni tat-tim biex jiksbu r-riżultati ta' valur għall-flus;
- Ikejlu l-punt sa fejn intlaħqu l-miri.

## Avvanzat

**Kapaċi:**

- Jistabbilixxu miri li jappoġġjaw il-prestazzjoni u miri relatati mal-valur għall-flus;
- Jixprunaw lit-tim tal-akkwist biex jikseb standards u riżultati f'konformità mal-valuri u l-missjoni tal-organizzazzjoni;
- Jissorveljaw u janalizzaw il-prestazzjoni, inkluż billi jużaw tekniki ta' analiżi statistika, biex jistabbilixxu miri ġodda.

## Espert

**Kapaċi:**

- Juru għarfien strateġiku dwar ir-rwol tat-timijiet interni u tal-partijiet ikkonċernati esterni fit-twassil ta' akkwisti b'suċċess;
- Jixprunaw il-motivazzjoni u jsawru l-imġiba tal-partijiet ikkonċernati biex jinkisbu objettivi organizzazzjonali;
- Jinħolqu kultura ta' prestazzjoni u jsawru struttura organizzazzjonali li tappoġġja l-kisba tal-miri;
- Jistabbilixxu valur għoli għall-miri tal-prestazzjoni monetarja u tal-akkwist.

# Kompetenza nru 30: Il-ġestjoni tar-riskji u l-kontroll intern

| Deskrizzjoni |
| --- |

L-akkwist pubbliku jseħħ f'intersezzjoni ta' interessi pubbliċi u privati. Huwa soġġett għal bosta saffi ta' **sorveljanza interna u esterna**, anki bl-inklużjoni tal-attenzjoni tal-midja, u huwa identifikat b'mod wiesa' bħala qasam ta' riskju ewlieni għall-frodi u l-korruzzjoni. Bħala tali, parti kbira mix-xogħol ta' professjonist tal-akkwist hija l-ġestjoni ta' għadd ta' riskji sovrapposti. Dan jirrikjedi applikazzjoni rigoruża u maħsuba ta' miżuri u kontrolli ta' mitigazzjoni, kif ukoll approċċ proattiv għall-ħarsien tal-interessi tal-organizzazzjoni u tal-ġid pubbliku.

**GĦARFIEN DWAR: It-tipi differenti ta' riskju fil-proċessi tal-akkwist pubbliku u l-miżuri ta' mitigazzjoni, il-funzjonijiet ta' kontroll intern u verifika mill-perspettiva tal-akkwist.**

| Bażiku |
| --- |

**Kapaċi:**

- Jifhmu li l-akkwist huwa miftuħ għal riskji, bħall-frodi u l-korruzzjoni, u jikkontribwixxu għall-identifikazzjoni tagħhom;
- Jimplimentaw proċessi ta' ġestjoni tar-riskji bħall-ġestjoni tal-bidla u l-kontroll tal-verżjoni.

| Intermedju |
| --- |

**Kapaċi:**

- Jimplimentaw b'mod effettiv il-funzjonijiet differenti ta' kontroll intern u verifika;
- Japplikaw u jfasslu l-proċessi ta' kontroll intern għall-akkwist.

| Avvanzat |
| --- |

**Kapaċi:**

- Jiġġestixxu r-riskji b'mod proattiv biex iżidu l-valur lill-attivitajiet tal-akkwist;
- Jimplimentaw proċessi u għodod avvanzati għall-ġestjoni u l-kontroll tar-riskji, inklużi dawk ibbażati fuq l-IT;
- Jintegraw il-kontribuzzjonijiet mill-eżerċizzji tal-valutazzjoni tar-riskju bħala kontribut għat-tfassil tal-istrateġiji u l-politiki tal-akkwist;
- Jissuġġerixxu titjib fis-sistema ta' kontroll intern tal-attività ta' akkwist.

| Espert |
| --- |

**Kapaċi:**

- Jużaw attivitajiet avvanzati ta' ġestjoni u kontroll tar-riskji kemm fil-livell operazzjonali kif ukoll fil-livell strateġiku;
- Jakkwistaw il-funzjonijiet ta' assigurazzjoni interni u esterni kollha u jużawhom biex iżidu l-valur lill-attività ta' akkwist;
- Jintegraw bis-sħiħ il-kontroll u l-proċessi ta' ġestjoni tar-riskju fis-sistemi ta' governanza u ta' akkwist operazzjonali bl-użu ta' kanali ta' komunikazzjoni stabbiliti mal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u ta' kontra l-korruzzjoni;
- Jużaw il-benefiċċji tas-sistema u l-għodod ta' akkwist biex itejbu t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-kontrolli.

# *ProcurComp$^{EU}$*
## *Il-Qafas Ewropew ta' Kompetenzi għall-Professjonisti tal-Akkwist Pubbliku*

# PARTI II. L-GĦODDA TA' AWTOVALUTAZZJONI

# PARTI II. L-GĦODDA TA' AWTOVALUTAZZJONI TA' PROCURCOMP[EU]

Il-**parti ta' Awtovalutazzjoni tal-ProcurComp[EU]** hija maqsuma f'**erba' taqsimiet**, b'kull waħda minnhom li tikkorrispondi għal stadju fil-proċess tal-Għodda ta' Awtovalutazzjoni tal-ProcurComp[EU] .

L-**ewwel taqsima** tiddeskrivi s-sekwenza kollha tal-istadji biex titlesta l-Għodda ta' Awtovalutazzjoni tal-ProcurComp[EU], u kif f'kull stadju jidħlu l-elementi tal-pakkett tal-ProcurComp[EU].

It-**tieni taqsima** tispjega l-kunċett tal-profili tal-impjiegi fil-kuntest tal-ProcurComp[EU], l-għażliet varji biex jiġu ddefiniti l-profili tal-impjiegi u r-rwol tagħhom fil-proċess ta' awtovalutazzjoni.

It-**tielet taqsima** tipprovdi ħarsa ġenerali tal-Kwestjonarju dwar l-Awtovalutazzjoni tal-ProcurComp[EU], tispjega t-tip ta' mistoqsijiet inklużi u l-approċċ li jintuża sabiex jiġi mwieġeb il-kwestjonarju.

Ir-**raba' taqsima** tispjega l-output tal-proċess tal-Għodda ta' Awtovalutazzjoni tal-ProcurComp[EU], jiġifieri t-tip ta' riżultati ta' valutazzjoni li jistgħu jinkisbu u kif dawn jistgħu jinftiehmu u jiġu interpretati minn perspettiva individwali u organizzazzjonali.

## 1. IL-PROĊESS TA' AWTOVALUTAZZJONI

L-**Għodda ta' Awtovalutazzjoni** tal-ProcurComp[EU] hija għodda professjonali ta' żvilupp organizzazzjonali li tipprovdi opportunità lill-professjonisti tal-akkwist pubbliku biex jivvalutaw il-ħakma tagħhom tal-attivitajiet ewlenin fir-rwol u l-profil tal-impjieg tagħhom fl-organizzazzjoni u biex jirriflettu l-iżvilupp professjonali futur tagħhom. L-Għodda ta' Awtovalutazzjoni tista' tintuża kemm minn organizzazzjonijiet kif ukoll minn individwi, kemm-il darba jkun meħtieġ.

Il-**Gwida għall-Utenti ta' Awtovalutazzjoni** tal-ProcurComp[EU] tipprovdi gwida dettaljata fi stadji dwar kif għandu jitwettaq il-proċess tal-Għodda ta' Awtovalutazzjoni.

Sekwenza indikattiva tal-istadji biex jitlesta l-proċess ta' awtovalutazzjoni hija deskritta hawn taħt, għalkemm is-sekwenza tista' tiġi adattata għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull organizzazzjoni jew individwu:

**Figura 1: il-proċess ta' awtovalutazzjoni**




### 1.1. Stadju 1– Tiġi adattata l-Matriċi ta' Kompetenzi

L-ewwel stadju fit-twettiq tal-proċess ta' awtovalutazzjoni huwa li wieħed jiffamiljarizza ruħu mal-Matriċi ta' Kompetenzi tal-ProcurComp[EU] u jivvaluta kemm din hija tajba għas-sitwazzjoni tal-organizzazzjoni. Il-matriċi tal-Kompetenzi tal- ProcurComp[EU] għandha l-għan li tipprovdi punt ta' referenza Ewropew għall-professjonisti u l-

organizzazzjonijiet kollha tal-akkwist pubbliku. Madankollu, l-organizzazzjonijiet ivarjaw fid-daqs, fl-iffukar settorjali, u jistgħu jiffunzjonaw b'mod differenti. L-organizzazzjonijiet għandhom għalhekk ikunu jistgħu jadattaw il-matriċi għall-kuntest u l-ħtiġijiet lokali tagħhom.

Jistgħu jsiru l-bidliet li ġejjin fil-Matriċi ta' Kompetenzi:

- **L-adattament tal-kontenut tal-kompetenzi eżistenti** – Bidliet fil-kontenut tal-kompetenzi eżistenti jistgħu jsiru, pereżempju, permezz tal-adattament tal-lista ta' kompiti fid-diversi livelli ta' profiċjenza.
- **L-esklużjoni ta' wħud mill-kompetenzi eżistenti** – Xi kompetenzi jistgħu jiġu esklużi jekk ma jitqiesux rilevanti għall-organizzazzjoni jew jekk huma diġà koperti minn qafas ta' kompetenzi eżistenti, pereżempju għal ħiliet trasversali jew speċjalizzati.
- **Iż-żieda ta' kompetenzi ġodda mal-lista eżistenti** – Organizzazzjonijiet jistgħu jkunu jixtiequ jiddefinixxu kompetenzi addizzjonali għal dawk diġà elenkati.

*L-istadji tekniċi għall-adattament tal-Matriċi ta' Kompetenzi huma deskritti fil-Gwida għall-Utenti ta' Awtovalutazzjoni tal-ProcurComp^EU.*

## 1.2. Stadju 2 – Jiġu ddefiniti l-profili tal-impjiegi

L-ewwel nett, l-organizzazzjoni (jew l-individwu) jistgħu jiddefinixxu, bl-użu tal-Matriċi ta' Kompetenzi, il-livell mixtieq ta' għarfien u ħiliet mistennija mill-professjonisti tal-akkwist pubbliku, billi **jistabbilixxu livelli ta' profiċjenza fil-mira** għall-profili tal-impjiegi kollha li jeżistu fi ħdan l-organizzazzjoni. Dan isir billi jiġi ddeterminat il-livell ta' profiċjenza (bażiku – intermedju – avvanzat – espert) li individwu jew l-individwi kollha fi rwol jew f'profil ta' impjieg partikolari għandu jkollhom. Sabiex jagħmlu dan, l-organizzazzjonijiet jistgħu jużaw jew jadattaw il-mudell tal-profili tal-impjiegi propost fl-għodda jew joħolqu oħrajn ġodda.

Il-profili tal-impjiegi huma dejjem speċifiċi għal kull organizzazzjoni u jistgħu jinbidlu maż-żmien bl-evoluzzjoni tal-kompiti ta' akkwist u l-individwi disponibbli biex iwettqu dawk il-kompiti. Għalhekk, l-eżempji ppreżentati fit-Taqsima 2.1 hawn taħt huma biss illustrazzjoni ta' profili komuni għal finijiet ta' dimostrazzjoni. Huwa f'idejn kull organizzazzjoni li tiddefinixxi s-sett ta' profili tal-impjiegi tagħha, b'kompetenzi u livelli ta' profiċjenza fil-mira korrispondenti.

Jekk l-organizzazzjoni trid sempliċiment tieħu stampa tar-riżorsi attwali tagħha, hija tista' wkoll tibda l-valutazzjoni minn profil newtrali, jiġifieri turi l-kompetenzi kollha u mingħajr ma tassenjalhom livelli ta' profiċjenza fil-mira.

*Ara t-Taqsima 2 hawn taħt għad-deskrizzjonijiet tas-sitt eżempji ta' profili tal-impjiegi tal-ProcurComp^EU. L-istadji tekniċi għad-definizzjoni tal-profili tal-impjiegi huma deskritti fil-Gwida għall-Utenti ta' Awtovalutazzjoni tal-ProcurComp^EU.*

## 1.3. Stadju 3 – Titwettaq awtovalutazzjoni individwali

Imbagħad, il-professjonisti tal-akkwist għandhom **jimlew individwalment il-Kwestjonarju dwar l-Awtovalutazzjoni**, li jibda b'informazzjoni ta' sfond bħal snin ta' esperjenza professjonali, esperjenza ta' taħriġ, eċċ., u jistieden ukoll lill-individwi biex iwieġbu sett ta' mistoqsijiet immirati biex jivvalutaw l-għarfien u l-ħiliet eżistenti tagħhom fl-akkwist pubbliku.

*Ara t-Taqsima 3 ta' hawn taħt għall-Kwestjonarju sħiħ dwar l-Awtovalutazzjoni. L-istadji tekniċi biex jiġi mwieġeb il-kwestjonarju huma deskritti fil-Gwida għall-Utenti ta' Awtovalutazzjoni tal-ProcurComp^EU.*

## 1.4. Stadju 4 – Jinġabru u jiġu analizzati r-riżultati

Ladarba l-individwi kollha jkunu mlew il-Kwestjonarju tagħhom dwar l-Awtovalutazzjoni, ir-riżultati individwali għandhom jiġu analizzati bl-użu tal-għodod ta' kalkolu xierqa kif deskritti fil-Gwida għall-Utenti tal-ProcurComp^EU. Dan ser jipprovdi riżultati fil-livell individwali u fil-livell tal-organizzazzjoni.

**Riżultati individwali:** Abbażi tat-tweġibiet individwali għall-Kwestjonarju dwar l-Awtovalutazzjoni u tal-livelli ta' profiċjenza fil-mira li jikkorrespondu għall-profili tal-impjiegi, jistgħu jinkisbu punteġġi individwali għall-kompetenzi

kollha. Bl-użu ta' dawn il-punteġġi, l-individwi jistgħu jidentifikaw id-distakki tal-kompetenza tagħhom, jiġifieri l-punti ta' saħħa u d-dgħufijiet tagħhom f'xi kompetenzi.

*Ara t-Taqsima 4 hawn taħt għal aktar informazzjoni dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni individwali. L-istadji tekniċi biex jinġabru u jiġu analizzati r-riżultati huma deskritti fil-Gwida għall-Utenti dwar l-Awtovalutazzjoni tal-ProcurComp[EU].*

**Riżultati tal-organizzazzjoni:** L-organizzazzjonijiet jistgħu jikkompilaw u jaggregaw riżultati individwali u jiksbu valutazzjoni fil-livell tal-organizzazzjoni li tindika d-distakki tal-kompetenza fil-profil tal-impjieg u fil-livell tal-organizzazzjoni.

L-aggregazzjoni tar-riżultati għall-individwi kollha li jokkupaw l-istess profil tal-impjieg, fi ħdan dipartiment jew tim, jew għall-organizzazzjoni kollha kemm hi, tista' twassal għal:

- kalkolu tal-prestazzjoni medja għal kull kompetenza li jippermetti li jiġu identifikati l-maturità u l-kompetenza tal-organizzazzjoni kollha kemm hi;
- osservazzjoni tal-ogħla jew l-inqas punteġġi ta' individwi li tippermetti li jiġu identifikati t-talenti jew in-nuqqasijiet individwali.

*Ara t-Taqsima 4 ta' hawn taħt għal aktar informazzjoni dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni organizzazzjonali. L-istadji tekniċi biex jinġabru u jiġu analizzati r-riżultati huma deskritti fil-Gwida għall-Utenti dwar l-Awtovalutazzjoni tal-ProcurComp[EU].*

## 1.5. Stadju 5: Jiġu indirizzati d-distakki

Abbażi tad-distakki tal-kompetenza identifikati fil-livell individwali, tal-profil u tal-organizzazzjoni, l-organizzazzjonijiet jistgħu jiddefinixxu azzjonijiet immirati biex jingħalqu dawn id-distakki.

Fil-livell individwali, l-individwi jistgħu jirċievu rapport dwar il-valutazzjoni tagħhom, u dan jista' jiġi diskuss aktar mal-organizzazzjoni sabiex **jiġu ddeterminati l-passi individwali li għandhom jittieħdu**, bħalma huma l-ħtiġijiet tat-taħriġ sabiex jingħalqu d-distakki b'rabta ma' kariga attwali, jew il-potenzjal għal progress fil-karriera.

Fil-livell organizzazzjonali, **id-distakki jistgħu jiġu indirizzati b'diversi modi**, bħal:

- L-għoti ta' taħriġ lill-persunal tal-akkwist permezz ta' taħriġ intern jew estern,
- Ir-reklutaġġ ta' membri tal-persunal tal-akkwist ġodda,
- L-ingaġġ ta' għarfien espert estern,
- Il-kooperazzjoni ma' awtoritajiet kontraenti oħrajn permezz ta' skambju ta' prattika tajba jew ta' akkwist konġunt,
- Id-delega lill-korpi ċentrali għall-akkwisti.

L-organizzazzjoni tista' wkoll, abbażi tal-ħarsa ġenerali tal-kompetenzi eżistenti, **tippjana l-iżvilupp strateġiku tal-organizzazzjoni** kollha kemm hi, skont il-prijoritajiet ta' politika futuri tagħha. Pereżempju, jekk l-organizzazzjoni tkun trid tiżviluppa akkwist sostenibbli jew innovattiv jew jekk tkun trid timplimenta proċessi ta' akkwist elettroniku tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, hija tista' torjenta l-istrateġija tat-taħriġ u r-reklutaġġ tagħha b'mod li tikseb it-taħlita ta' kompetenzi xierqa.

Il-**Kurrikulu ta' Taħriġ Ġeneriku** tal-ProcurComp[EU] jista' jgħin lill-organizzazzjonijiet jidentifikaw il-programmi ta' taħriġ adattati, jew ifasslu moduli tat-taħriġ jew programmi ta' taħriġ immirati.

# 2. IL-PROFILI TAL-IMPJIEGI TAL-PROCURCOMP^EU

## 2.1. Jiġu ddefiniti l-profili tal-impjiegi

Fil-kuntest tal-ProcurComp^EU, il-profili tal-impjiegi jirrappreżentaw il-**livelli mixtieqa ta' għarfien u ħiliet** imfittxija minn individwu u mistennija minn organizzazzjoni għal pożizzjoni speċifika.

Il-profili tal-impjiegi huma dejjem **speċifiċi għal kull organizzazzjoni** u jistgħu jinbidlu maż-żmien bl-evoluzzjonijiet tal-kompiti tal-akkwist u l-individwi disponibbli biex iwettqu dawk il-kompiti. Għalhekk, il-profili tal-impjiegi tal-ProcurComp^EU ippreżentati hawn taħt huma biss illustrazzjoni ta' profili komuni għal finijiet ta' dimostrazzjoni. Huwa **f'idejn kull organizzazzjoni li tiddefinixxi s-sett ta' profili tal-impjiegi tagħha stess**, b'kompetenzi u livelli ta' profiċjenza fil-mira korrispondenti.

Id-definizzjoni tal-profili tal-impjiegi għandha l-għan li tgħin lill-professjonisti u l-organizzazzjonijiet tal-akkwist pubbliku:

- Jiksbu aċċess għall-għodda ta' awtovalutazzjoni;
- Jiffokaw fuq il-kompetenzi meħtieġa għall-profil tal-impjieg rilevanti;
- Jimmiraw għal livell ta' profiċjenza biex jappoġġjaw il-progress fil-karriera; u
- Jidentifikaw il-ħtiġijiet tat-taħriġ u tar-reklutaġġ.

L-għan ta' din it-taqsima huwa li tiddeskrivi **eżempji ta' sitt profili tal-impjiegi ta' akkwist li jintużaw b'mod ġenerali** abbażi tal-aktar profili komuni osservati fil-qasam tal-akkwist pubbliku.

Għandu jkun ċar li dawn is-sitt profili tal-impjiegi komuni huma ppreżentati **biss bl-għan li jipprovdu illustrazzjoni** u eżempju, li kull organizzazzjoni tista' **tadatta** għall-kuntest tagħha jew **tuża bħala punt tat-tluq** u bħala ispirazzjoni biex tiddefinixxi s-sett ta' profili tal-impjiegi u livelli ta' profiċjenza fil-mira tagħha.

Huwa possibbli wkoll li **toħloq profil ta' impjieg ġdid**: tibda mil-lista sħiħa ta' kompetenzi u tiddeċiedi, għal kull profil jew individwu, liema huma l-kompetenzi rilevanti, u liema livelli ta' profiċjenza għandha tistabbilixxi bħala mira.

Fl-aħħar nett, huwa possibbli wkoll li tagħmel l-awtovalutazzjoni **mingħajr ma tiddefinixxi kwalunkwe profil** jew livell fil-mira, pereżempju jekk l-organizzazzjoni tkun trid tibda minn ħarsa ġenerali tar-riżorsi, tal-assi u tat-talenti eżistenti. Għalhekk, kwalunkwe organizzazzjoni tista':

- Tuża s-sitt eżempji ta' profili tal-impjiegi komuni ppreżentati hawnhekk, sakemm dawn ikunu jaqblu mal-organizzazzjoni;
- Tadatta dawn il-profili għall-profili speċifiċi tal-organizzazzjoni;
- Tiddefinixxi s-sett ta' profili tal-impjiegi tagħha abbażi tal-analiżi tagħha stess; u
- Tibda minn lista newtrali ta' kompetenzi u tosserva r-riżultati mingħajr punt ta' tqabbil.

Fil-paragrafi li ġejjin ser issib:

- Id-deskrizzjoni tas-sitt eżempju ta' profili tal-impjiegi komuni; u
- Lista indikattiva tal-kompetenzi u l-livelli ta' profiċjenza fil-mira korrispondenti għal kull profil ta' impjieg.

## 2.2. Eżempji tal-aktar profili ta' impjiegi komuni

### *Uffiċjal ta' appoġġ għall-akkwist*

*"Inti tappoġġja lit-tim tiegħek tal-persunal tal-akkwist matul l-andament kollu tal-proċessi tal-akkwist u tal-kompiti li minnhom huwa responsabbli t-tim."*

Bħala uffiċjal ta' appoġġ għall-akkwist, xogħolok huwa li tassisti lill-membri tal-persunal matul iċ-ċiklu kollu tal-akkwist pubbliku, filwaqt li tiżgura li d-dokumenti kollha tal-akkwist ikunu konformi mar-rekwiżiti proċedurali, tekniċi u legali, u li l-laqgħat u l-kuntatti l-oħrajn ikunu organizzati sewwa.

- Jeħtieġ li jkollok viżjoni kompluta tal-istadji differenti fiċ-**ċiklu tal-ħajja** tal-akkwisti u li jkollok profiċjenza fl-**Għodod tal-akkwist u fl-għodod tal-IT oħrajn** rilevanti meħtieġa.
- Jeħtieġ ukoll li jkollok kapaċitajiet tajbin ta' **komunikazzjoni** u **kollaborazzjoni**, kif ukoll għarfien organizzazzjonali sod biex tmexxi l-proċess 'il quddiem b'mod effiċjenti.
- Il-valur miżjud ewlieni tiegħek huwa li tgħin lit-tim tal-akkwisti jiżgura l-**konformità**, b'mod partikolari fit-tħejjija tad-**dokumentazzjoni tal-offerti**.

## *Xerrej pubbliku awtonomu*

*"Inti l-persuna ta' referenza b'rabta mal-akkwisti għall-organizzazzjoni (żgħira) tiegħek, li tfisser li trid tkun kapaċi tagħmel ftit minn kollox."*

Ix-xogħol tax-**xerrej pubbliku awtonomu** huwa l-aktar komuni. Inti l-persuna li trid tassumi l-ġestjoni tal-ħtiġijiet kollha tal-akkwist għal awtorità kontraenti żgħira. Fil-fatt, xogħolok huwa li tkun ġeneralista li taf x'hemm bżonn li jsir f'kull stadju tal-proċess u fejn tista' ssib it-tipi ta' għarfien speċjalizzat li jista' jkun li inti ma jkollokx.

- Jeħtieġ li jkollok fehim tajjeb tal-**leġiżlazzjoni** nazzjonali u tal-UE rilevanti u li jkollok profiċjenza fis-**sistemi u fl-għodod tal-IT** rilevanti.
- Jeħtieġ ukoll li tkun kapaċi tittratta r-responsabbiltajiet tal-**konformità** u tal-**ġestjoni tar-riskji**.
- Bħala xerrej pubbliku, il-klijenti interni tiegħek u l-utenti finali jiddependu fuqek għall-**orjentazzjoni imprenditorjali u tal-prestazzjoni** b'saħħitha, u biex tieħu ħsieb l-aspetti esterni, bħall-**ġestjoni tal-fornituri**.
- Il-valur miżjud ewlieni tiegħek huwa li tkun ġeneralista b'mill-inqas fehim intermedju tal-istadji kollha fiċ-**ċiklu tal-ħajja** tal-akkwist, mill-**valutazzjoni tal-ħtiġijiet** u l-**konsultazzjoni mas-suq** sal-abbozzar ta' **speċifikazzjonijiet tekniċi** u t-tmexxija tal-**evalwazzjoni**.
- Jista' jkollok bżonn ukoll li tkopri l-fażi ta' wara l-għotja tal-proċess tal-akkwist, inklużi l-**ġestjoni tal-kuntratti** u ċ-**ċertifikazzjoni u l-ħlas**.
- Li tkun kapaċi tinkorpora l-**objettivi tas-sostenibbiltà u tal-innovazzjoni** fil-proċess tal-akkwist huwa valur.
- Ir-rwol tiegħek jeħtieġ **ħsieb analitiku u kritiku** biex il-problemi jiġu indirizzati b'mod indipendenti, kif ukoll **għarfien organizzazzjonali** biex inti tkun tista' tikseb l-appoġġ meta teħtieġu.

## *Speċjalista tal-akkwist pubbliku*

*"Inti prattikant tal-akkwist pubbliku fuq bażi full-time, li taħdem bħala parti minn tim f'organizzazzjoni kbira biex tittrasforma l-ħtiġijiet f'kuntratti u twassal valur għall-flus għall-organizzazzjoni tiegħek u għall-pubbliku."*

Ix-xogħol tax-**xerrej pubbliku** huwa li jkun speċjalista tal-akkwist pubbliku għal awtorità kontraenti jew għal korp ċentrali għall-akkwisti ta' daqs akbar bħala parti minn tim akbar.

- Jeħtieġ li jkollok fehim tajjeb tal-**leġiżlazzjoni** nazzjonali u tal-UE rilevanti, li tapplika mentalità ta' **konformità** konsistenti, u li jkollok profiċjenza fis-**sistemi u fl-għodod tal-IT** rilevanti.
- Bħala speċjalista tal-akkwist pubbliku, il-klijenti interni tiegħek u l-utenti finali jiddependu fuqek għall-**orjentazzjoni imprenditorjali u tal-prestazzjoni** b'saħħitha, u biex tieħu ħsieb aspetti li jħarsu 'l barra, bħall-**ġestjoni tal-fornituri**.
- Il-valur miżjud ewlieni tiegħek jinsab fil-fażi ta' qabel l-għotja, fejn tittrasforma r-riżultati tal-**valutazzjoni tal-ħtiġijiet** tal-klijenti interni fi **speċifikazzjonijiet tekniċi** ċari u oġġettivi, filwaqt li tieħu rwol attiv fil-kumitat tal-**evalwazzjoni tal-offerti**.
- Bħala speċjalista, jeħtieġ li jkollok fehim qawwi ta' kif ix-xogħol fil-mandat tiegħek jidħol fiċ-**ċiklu tal-ħajja** tal-akkwist usa', u li jkollok **strateġiji tal-akkwist** imfassla apposta.
- Li tkun kapaċi tinkorpora l-**objettivi tas-sostenibbiltà u tal-innovazzjoni** fil-proċess tal-akkwist huwa ta' valur.
- Bħala membru ta' tim akbar, il-**kollaborazzjoni** u l-**għarfien organizzazzjonali** huma essenzjali għas-suċċess tiegħek.

## Speċjalista tal-kategorija

*"Ir-rwol tiegħek huwa li tipprovdi għarfien avvanzat ta' kategorija partikolari ta' provvisti, ta' servizzi jew ta' xogħlijiet li jistgħu jiġu biss minn speċjalizzazzjoni u esperjenza."*

- Xogħolok bħala l-**ispeċjalista tal-kategorija** huwa li ssir espert f'tip speċifiku ta' suq u ta' kuntratt. Inti tgħin lill-klijenti interni jew esterni jżidu l-valur għall-flus tagħhom kif ukoll tissodisfa l-utenti finali permezz tal-għarfien avvanzat tiegħek dwar il-fornituri u l-offerta tagħhom.
- Il-valur miżjud ewlieni tiegħek huwa fl-għarfien tiegħek **speċifiku għall-kategorija**. F'din il-kategorija, inti partikolarment kompetenti fit-twettiq tal-**analiżi u l-impenn tas-suq**, u **fl-abbozzar tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi**.
- Dan l-għarfien jagħmlek ukoll effettiv b'mod uniku fil-proċess tal-**valutazzjoni tal-ħtiġijiet**, kif ukoll fuq kif l-ispeċifiċitajiet tal-qasam tiegħek jinteraġixxu mal-istadji taċ-**ċiklu tal-ħajja** tal-akkwist.
- Inti sserraħ fuq l-**orjentazzjoni imprenditorjali u tal-prestazzjoni** tiegħek biex tittrasforma l-għarfien tiegħek f'riżultati aħjar għall-utenti finali u għall-pubbliku.
- Inti tista' timmassimizza l-għarfien tiegħek biex tikseb **akkwist aktar sostenibbli u ta' innovazzjoni**.

## Maniġer tal-kuntratti

*"Inti l-persuna li tidħol wara li jkun ġie ffirmat il-kuntratt biex tiżgura li dan jiġi esegwit kif previst, u biex tiżgura li kull stadju tat-twassil jiġi ddokumentat kif suppost."*

Bħala **maniġer tal-kuntratti**, xogħolok huwa li tissorvelja l-operat u l-eżekuzzjoni tal-kuntratti. Inti taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt ewlieni għall-fornituri fuq kwistjonijiet kuntrattwali, u tirrapporta lura lit-tmexxija tiegħek. Dan jinkludi l-implimentazzjoni ta' kontrolli finanzjarji u operazzjonali, u l-konformità mar-rekwiżiti kollha tar-rapportar.

- Jeħtieġ li jkollok fehim b'saħħtu tal-**leġiżlazzjoni** nazzjonali u tal-UE rilevanti, b'mod partikolari d-dritt kuntrattwali.
- Jeħtieġ ukoll li tirrappreżenta lill-organizzazzjoni f'termini tal-**ġestjoni tal-forrnituri**, kif ukoll fi kwalunkwe **negozjati** jew **riżoluzzjoni tal-kunflitti** li jistgħu jkunu meħtieġa.
- Il-valur miżjud ewlieni tiegħek jinsab fil-fażi ta' wara l-għotja, fejn tieħu r-riedni f'idejk fil-**ġestjoni tal-kuntratti**, fiċ-**ċertifikazzjoni u l-ħlas**, kif ukoll fir-responsabbiltajiet ta' **rapportar u ta' evalwazzjoni**.

## Maniġer tad-dipartiment

*"Inti tiżgura li l-miri tal-politiki tal-organizzazzjoni jiġu ttrasformati f'azzjoni konkreta, u tappoġġja lit-timijiet tiegħek sabiex jiksbu l-aħjar riżultati għall-klijenti tiegħek u għall-pubbliku."*

- Xogħolok bħala l-**maniġer tad-dipartiment** huwa li tissorvelja lill-professjonisti tal-akkwist pubbliku fl-organizzazzjoni biex jilħqu l-objettivi tagħhom. Bħala pożizzjoni maniġerjali, dan ir-rwol jeħtieġ inqas speċjalizzazzjoni fl-akkwist u aktar kompetenzi professjonali.
- Jeħtieġ li jkollok għarfien tajjeb tal-**leġiżlazzjoni** nazzjonali u tal-UE rilevanti, u li tkun tista' ssarrafha fi **strateġija tal-akkwist** imfassla apposta.
- Fl-aħħar mill-aħħar, inti responsabbli għall-**konformità**, kif ukoll għall-**kontroll intern** u l-**ġestjoni tar-riskji**.
- Inti responsabbli għall-**ippjanar**, billi tiżgura li l-politiki organizzazzjonali u nazzjonali qegħdin jiġu implimentati minn jum għal jum. Dan jinkludi l-inkorporazzjoni ta' għanijiet ta' politika **sostenibbli u innovattivi** fil-proċess tal-akkwist, fejn rilevanti.
- Inti ta' spiss tintalab tirrappreżenta lill-organizzazzjoni tiegħek, għalhekk ser tkun teħtieġ ħiliet eċċellenti fil-**komunikazzjoni** u ta' **negozjar**.
- Bħala maniġer, inti responsabbli mill-baġit tad-dipartiment, għalhekk, jeħtieġ li ġġib **orjentazzjoni tal-prestazzjoni** u **ġestjoni tal-proġetti** robusti għall-impjieg sabiex jinkiseb valur għall-flus.
- Il-valur miżjud ewlieni tiegħek huwa bħala mexxej. Dan jeħtieġ ħiliet eċċezzjonali fil-**ġestjoni u t-tmexxija tat-tim** u fil-**ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**, kif ukoll **għarfien organizzazzjonali** sod ħafna.
- Jeħtieġ li sserraħ fuq il-**ħsieb analitiku u kritiku** tiegħek, u li tixpruna l-bidla permezz tal-**adattabbiltà**.

- Inti responsabbli lejn l-organizzazzjoni għar-**rapportar u l-evalwazzjoni** kollha, kif ukoll li tawtorizza ċ-**ċertifikazzjoni u l-ħlas**.

## 2.3. Eżempji ta' kompetenzi u livelli fil-mira għal kull profil tal-impjieg komuni

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali tal-livelli ta' profiċjenza fil-mira li jikkorrispondu għall-kompetenzi meħtieġa mis-sitt eżempji ta' profili tal-impjiegi komuni. Fejn ma jkun hemm l-ebda numru, dan ifisser li l-kompetenza titqies li mhijiex rilevanti għall-profil tal-impjieg, jiġifieri ma tikkorrespondix għall-attivitajiet imwettqa minn individwi li jappartjenu għal dan il-profil tal-impjieg.

**Tabella 3: Eżempji ta' kompetenzi u livelli fil-mira għal kull profil tal-impjieg komuni**

| Raggruppament | Kompetenza | Profili tal-impjiegi tal-akkwist | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Uffiċjal ta' appoġġ għall-akkwist | Xerrej pubbliku awtonomu | Speċjalista tal-akkwist pubbliku | Speċjalista tal-kategorija | Maniġer tal-kuntratti | Maniġer tad-dipartiment |
| Orizzontali | 1. Pjanar | - | 1 | 1 | 2 | 2 | 3 |
| | 2. Ċiklu tal-ħajja | 1 | 2 | 3 | 3 | 2 | 3 |
| | 3. Leġiżlazzjoni | - | 2 | 1 | 1 | 2 | 4 |
| | 4. Akkwist elettroniku u għodod tal-IT oħrajn | 1 | 2 | 2 | 1 | 1 | 2 |
| | 5. Akkwist sostenibbli | - | 1 | 2 | 3 | 2 | 3 |
| | 6. Akkwist tal-Innovazzjoni | - | 1 | 2 | 3 | 2 | 3 |
| | 7. Speċifika għall-kategorija | - | 1 | 1 | 3 | - | - |
| | 8. Ġestjoni tal-fornituri | 1 | 1 | 1 | 2 | 2 | 2 |
| | 9. Negozjati | - | 2 | 2 | - | 2 | 3 |
| Qabel l-għotja | 10. Valutazzjoni tal-ħtiġijiet | 1 | 1 | 2 | 2 | - | 3 |
| | 11. Analiżi tas-suq u impenn tas-suq | 1 | 2 | 2 | 2 | - | - |
| | 12. Strateġija tal-akkwist | - | 2 | 2 | 1 | - | 3 |
| | 13. Speċifikazzjonijiet tekniċi | 1 | 2 | 2 | 3 | - | - |
| | 14. Dokumentazzjoni tal-offerti | 1 | 2 | 2 | 1 | - | - |
| | 15. Evalwazzjoni tal-offerti | - | 2 | 2 | 1 | - | 2 |
| Wara l-għotja | 16. Ġestjoni tal-kuntratti | 1 | 2 | 1 | 2 | 3 | 2 |
| | 17. Ċertifikazzjoni u ħlas | 1 | 2 | 1 | - | 3 | 2 |
| | 18. Rapportar u evalwazzjoni | 1 | 2 | 2 | - | 2 | 3 |
| | 19. Riżoluzzjoni / medjazzjoni tal-kunflitti | - | 1 | 1 | - | 2 | 2 |
| Personali | 20. Adattabbiltà u modernizzazzjoni | - | 2 | 1 | 2 | 2 | 3 |
| | 21. Ħsieb analitiku u kritiku | 1 | 2 | 2 | 2 | 3 | 4 |
| | 22. Komunikazzjoni | 1 | 2 | 2 | 1 | 3 | 3 |
| | 23. Etika u konformità | 2 | 3 | 2 | 1 | 3 | 4 |
| Nies | 24. Kollaborazzjoni | 2 | 1 | 2 | 1 | 2 | 3 |
| | 25. Ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati | 1 | 1 | 2 | 1 | 3 | 4 |
| | 26. Ġestjoni tat-tim u Tmexxija | - | 1 | 1 | - | - | 3 |
| Prestazzjoni | 27. Għarfien organizzazzjonali | 2 | 2 | 2 | 1 | 2 | 4 |
| | 28. Ġestjoni tal-proġetti | 1 | 2 | 2 | - | 2 | 3 |
| | 29. Orjentazzjoni tal-prestazzjoni | 1 | 2 | 2 | 2 | 3 | 3 |
| | 30. Ġestjoni tar-riskju u kontroll intern | 1 | 2 | 2 | 1 | 3 | 4 |

# 3. IL-KWESTJONARJU DWAR L-AWTOVALUTAZZJONI

Il-Kwestjonarju dwar l-Awtovalutazzjoni individwali tal-ProcurComp$^{EU}$ huwa maqsum fi tliet taqsimiet ewlenin:

- Il-**mistoqsijiet ġenerali** jagħtu ħarsa ġenerali tal-esperjenza tal-individwu fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Dawn il-mistoqsijiet ma jingħatawx punteġġ u, għalhekk, ma jgħoddux għar-riżultati tal-awtovalutazzjoni individwali. Minflok, dawn il-mistoqsijiet huma informazzjoni kuntestwali li tikkomplementa l-awtovalutazzjoni individwali.
- Il-**mistoqsijiet dwar l-għarfien** jippermettu t-tqabbil tal-għarfien li għandu l-individwu fl-akkwist pubbliku mal-għarfien mistenni (livell ta' profiċjenza fil-mira) stabbilit għall-profil tal-impjieg tal-individwu.
- Il-**mistoqsijiet dwar il-ħiliet** jippermettu t-tqabbil tal-firxa ta' ħiliet li għandu l-individwu mal-ħiliet mistennija (livelli ta' profiċjenza fil-mira) stabbiliti mill-profil tal-impjieg tal-individwu.

Għal kull kompetenza, hemm mill-inqas mistoqsija waħda dwar l-għarfien u mistoqsija waħda dwar il-ħiliet. Il-mistoqsijiet jistgħu jiġu ppreżentati f'ordni li ssegwi l-qafas ta' kompetenzi jew li tifred il-mistoqsijiet dwar l-għarfien mill-mistoqsijiet dwar il-ħiliet.

L-Għodda ta' Awtovalutazzjoni tal-ProcurComp$^{EU}$ mhijiex maħsuba biex isservi bħala għodda għar-rieżami tal-prestazzjoni, iżda bħala għodda għall-iżvilupp ta' organizzazzjoni professjonali. Għalhekk, il-mistoqsijiet tfasslu fil-forma ta' mistoqsijiet ta' awtodikjarazzjoni u mhux mistoqsijiet ta' ttestjar.

Ħlief għall-mistoqsijiet ġenerali, it-tweġibiet għall-mistoqsijiet dwar l-għarfien u l-ħiliet jingħataw punteġġ minn 0 sa 4:

- **0**: Ma għandix għarfien / Ma għandix ħiliet
- **1**: Għandi għarfien bażiku / Għandi ħiliet bażiċi
- **2**: Għandi għarfien intermedju / Għandi ħiliet intermedji
- **3**: Għandi għarfien avvanzat / Għandi ħiliet avvanzati
- **4**: Għandi għarfien espert / Għandi ħiliet esperti

Il-lista ppreżentata hawn taħt tiddeskrivi l-mistoqsijiet li jikkorrispondu għal kull kompetenza.

## 3.1. Mistoqsijiet ġenerali

- **Mistoqsija ġenerali nru 1:** X'inhi l-pożizzjoni tiegħek fi ħdan l-organizzazzjoni tiegħek?
- **Mistoqsija ġenerali nru 2:** X'inhuma l-kompiti u r-responsabbiltajiet attwali tiegħek relatati mal-akkwist pubbliku?
- **Mistoqsija ġenerali nru 3:** Qed taħdem full-time jew part-time fuq dawn il-kompiti u r-responsabbiltajiet?
- **Mistoqsija ġenerali nru 4:** Għal kemm-il sena ilek tokkupa din il-pożizzjoni?
- **Mistoqsija ġenerali nru 5:** Kemm-il sena ta' esperjenza taħdem fl-akkwist pubbliku għandek b'kollox?
- **Mistoqsija ġenerali nru 6:** X'tip u livell ta' taħriġ irċevejt b'rabta mal-akkwist pubbliku?

## 3.2. Mistoqsijiet dwar l-għarfien u l-ħiliet li jikkorrispondu għall-kompetenzi tal- ProcurComp^EU

### Kompetenza nru 1: Pjanar

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 1:** Kemm taf tajjeb l-ippjanar tal-akkwist, il-prijoritajiet ta' politika u l-baġit tal-organizzazzjoni tiegħek?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 1:** Kemm int kapaċi tiżviluppa pjan tal-akkwist skont ir-riżorsi baġitarji disponibbli?

### Kompetenza nru 2: Ċiklu tal-ħajja

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 2:** Kemm taf tajjeb il-fażijiet differenti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist, mill-fażi ta' qabel il-pubblikazzjoni sa wara l-għotja?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 2:** Kemm int kapaċi ssegwi d-diversi fażijiet taċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist?

### Kompetenza nru 3: Leġiżlazzjoni

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 3:** Kemm taf tajjeb il-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku u oqsma tal-liġi rilevanti oħrajn?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 3:** Kemm int kapaċi tapplika aspetti speċifiċi tal-leġiżlazzjoni tal-akkwist, kif ukoll oqfsa ġuridiċi oħrajn li jħallu impatt fuq l-akkwist?

### Kompetenza nru 4: Akkwist elettroniku u għodod tal-IT oħrajn

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 4:** Kemm taf tajjeb l-akkwist elettroniku u sistemi u għodod tal-IT oħrajn?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 4:** Kemm int kapaċi tuża l-akkwist elettroniku u sistemi u għodod tal-IT oħrajn?

### Kompetenza nru 5: Akkwist sostenibbli

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 5:** Kemm taf tajjeb il-politiki ta' sostenibbiltà rilevanti u kif għandek tippromwovihom?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 5:** Kemm taf tajjeb kif tinkorpora l-objettivi sostenibbli stabbiliti mill-organizzazzjoni u mill-politiki nazzjonali fil-proċess tal-akkwist?

### Kompetenza nru 6: Akkwist tal-innovazzjoni

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 6:** Kemm taf tajjeb il-politiki ta' innovazzjoni rilevanti u kif għandek tippromwovihom?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 6:** Kemm int kapaċi tinkorpora l-objettivi ta' innovazzjoni stabbiliti mill-organizzazzjoni u l-politiki nazzjonali fil-proċess tal-akkwist?

### Kompetenza nru 7: Speċifika għall-kategorija

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 7:** Kemm taf tajjeb il-karatteristiċi u l-ispeċifiċitajiet ta' kategorija speċifika waħda jew aktar ta' provvisti, ta' servizzi jew ta' xogħlijiet?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 7:** Kemm int kapaċi timmassimizza kategorija waħda jew aktar ta' provvisti, servizzi jew xogħlijiet?

### Kompetenza nru 8: Ġestjoni tal-fornituri

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 8:** Kemm taf tajjeb l-istrateġiji u l-proċessi tal-ġestjoni tal-fornituri?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 8:** Kemm int kapaċi tiżviluppa, tiġġestixxi u żżomm relazzjoni mal-fornituri, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tal-akkwist pubbliku?

### Kompetenza nru 9: Negozjati

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 9:** Kemm taf tajjeb il-proċessi tan-negozjati rilevanti fl-akkwist pubbliku?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 9:** Sa liema punt nistgħu napplikaw l-istrateġiji tal-proċessi tan-negozjati matul il-fażijiet tal-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti f'konformità mal-prinċipji tal-akkwist pubbliku u mal-istandards etiċi?

### Kompetenza nru 10: Valutazzjoni tal-ħtiġijiet

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 10:** Kemm taf tajjeb l-għodod u t-tekniki għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 10:** Kemm int kapaċi tapplika t-tekniki u l-għodod ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet għad-determinazzjoni tal-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni u tal-utenti finali rigward is-suġġett tal-akkwist?

### Kompetenza nru 11: Analiżi tas-suq u impenn tas-suq

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 11:** Kemm taf tajjeb l-għodod għall-analiżi tas-suq u t-tekniki xierqa għall-impenn tas-suq?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 11:** Kemm int kapaċi tuża l-analiżi tas-suq u t-tekniki tal-impenn tas-suq biex tifhem il-karatteristiċi u x-xejriet tas-suq tal-fornituri?

### Kompetenza nru 12: Strateġija tal-akkwist

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 12:** Kemm taf tajjeb l-istrateġiji tal-akkwist differenti, bħat-tipi ta' proċedura, l-użu tal-lottijiet u t-tipi ta' kuntratti?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 12:** Kemm int kapaċi tiddetermina minn fost il-firxa ta' strateġiji tal-akkwist disponibbli dik li taqbel l-aktar mal-akkwist inkwistjoni, filwaqt li tilħaq l-objettivi tal-organizzazzjoni?

### Kompetenza nru 13: Speċifikazzjonijiet tekniċi

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 13:** Kemm taf tajjeb ir-rekwiżiti tal-abbozzar tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 13:** Kemm int kapaċi tabbozza speċifikazzjonijiet tekniċi li jippermettu lill-offerenti potenzjali jressqu offerti realistiċi li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni?

### Kompetenza nru 14: Dokumentazzjoni tal-offerti

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 14:** Kemm taf tajjeb ir-rekwiżiti tat-tħejjija tad-dokumentazzjoni tal-offerti?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 14:** Kemm int kapaċi tħejji d-dokumentazzjoni tal-akkwist, inklużi l-kriterji tal-esklużjoni, tal-għażla u tal-għoti xierqa?

### Kompetenza nru 15: Evalwazzjoni tal-offerti

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 15:** Kemm taf tajjeb il-proċess tal-evalwazzjoni?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 15:** Kemm int kapaċi tevalwa l-offerti abbażi ta' kriterji ddefiniti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti?

### Kompetenza nru 16: Ġestjoni tal-kuntratti

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 16:** Kemm taf tajjeb il-prinċipji tal-ġestjoni tal-kuntratti?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 16:** Kemm int kapaċi tissorvelja l-implimentazzjoni tal-kuntratti, filwaqt li tiżgura l-konformità teknika tal-oġġett, tax-xogħol jew tas-servizz mogħti?

### Kompetenza nru 17: Ċertifikazzjoni u ħlas

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 17:** Kemm taf tajjeb il-proċess għaċ-ċertifikazzjoni u l-ħlas?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 17:** Kemm int kapaċi tapplika l-prinċipji ta' verifika u l-qafas ta' kontroll finanzjarju biex tivverifika l-konformità legali tal-kuntratt tal-akkwist qabel ma tipproċedi għall-ħlas?

### Kompetenza nru 18: Rapportar u evalwazzjoni

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 18:** Kemm taf tajjeb l-għodod u t-tekniki għall-monitoraġġ tal-kuntratti?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 18:** Kemm int kapaċi tevalwa l-proċess, ir-riżultati u l-eżiti ta' akkwist biex tislet tagħlimiet dwar kif tista' ttejjeb il-prestazzjoni ta' akkwisti futuri?

### Kompetenza nru 19: Riżoluzzjoni / medjazzjoni tal-kunflitti

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 19:** Kemm taf tajjeb il-proċessi ta' riżoluzzjoni u medjazzjoni tal-kunflitti u l-funzjonament tas-sistema tal-evalwazzjoni?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 19:** Kemm int kapaċi tevita u ssolvi l-kunflitti u tassumi l-ġestjoni tal-ilmenti fil-qafas tas-sistema tal-evalwazzjoni nazzjonali?

### Kompetenza nru 20: Adattabbiltà u modernizzazzjoni

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 20:** Kemm taf tajjeb it-tekniki u l-għodod għall-ġestjoni tal-bidla?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 20:** Kemm int kapaċi tanticipa u takkomoda l-kompiti u ċ-ċirkostanzi li jinbidlu u timmira li titgħallem u tikber kontinwament?

### Kompetenza nru 21: Ħsieb analitiku u kritiku

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 21:** Kemm taf tajjeb l-approċċi u l-għodod tal-ħsieb analitiku u kritiku?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 21:** Kemm int kapaċi tuża l-ħsieb analitiku u kritiku fl-evalwazzjoni ta' informazzjoni u/jew sitwazzjoni u s-soluzzjoni tal-problemi?

### Kompetenza nru 22: Komunikazzjoni

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 22:** Kemm taf tajjeb l-għodod u t-tekniki ta' komunikazzjoni u kif għandek tapplika l-prinċipji tal-akkwist pubbliku f'diversi sitwazzjonijiet ta' komunikazzjoni?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 22:** Kemm int kapaċi tikkomunika b'mod effettiv billi tadatta l-mezz ta' komunikazzjoni u l-messaġġ għall-udjenza fil-mira, filwaqt li tiżgura li l-prinċipji tal-akkwist pubbliku jiġu rrispettati?

### Kompetenza nru 23: Etika u konformità

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 23:** Kemm taf tajjeb ir-regoli u l-prinċipji proċedurali, kif ukoll l-għodod, il-kodiċijiet u d-dokument ta' gwida li jgħinu biex tiġi żgurata l-aderenza magħhom?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 23:** Kemm int kapaċi tiżgura l-konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, il-prinċipji u l-istandards etiċi applikabbli?

### Kompetenza nru 24: Kollaborazzjoni

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 24:** Kemm taf tajjeb l-għodod u t-tekniki ta' kollaborazzjoni?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 24:** Kemm int kapaċi tippromwovi l-ħsieb u l-proċessi inklużivi u kollaborattivi?

### Kompetenza nru 25: Ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 25:** Kemm taf tajjeb il-kunċetti u l-metodi ewlenin tal-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 25:** Kemm int kapaċi toħloq fiduċja reċiproka li tikkontribwixxi għal relazzjonijiet interni u esterni tajbin mal-partijiet ikkonċernati?

### Kompetenza nru 26: Ġestjoni tat-tim u Tmexxija

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 26:** Kemm taf tajjeb il-kunċetti u l-metodi ewlenin tal-ġestjoni tat-timijiet?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 26:** Kemm int kapaċi tfassal metodi u tekniki ta' ġestjoni u tmexxija għat-tim u ċ-ċirkostanzi, biex b'hekk jinħoloq ambjent li jwassal għall-kisba ta' għanijiet komuni?

### Kompetenza nru 27: Għarfien organizzazzjonali

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 27:** Kemm taf tajjeb l-istruttura, il-proċeduri u l-proċessi amministrattivi, il-kultura interna u l-qafas ġuridiku u ta' politika tal-organizzazzjoni tiegħek?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 27:** Kemm int kapaċi tifhem kemm il-funzjoni tal-akkwist kif ukoll l-istruttura u l-kultura tal-organizzazzjoni?

### Kompetenza nru 28: Ġestjoni tal-proġetti

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 28:** Kemm taf tajjeb l-għodod u t-tekniki tal-ġestjoni tal-proġetti rilevanti għall-amministrazzjoni pubblika?

- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 28:** Kemm int kapaċi tapplika l-għodod u t-tekniki tal-ġestjoni tal-proġetti biex twettaq b'mod effettiv proċedura u kuntratt tal-akkwist?

### Kompetenza nru 29: Orjentazzjoni tal-prestazzjoni

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 29:** Kemm taf tajjeb l-istrateġiji u l-metodi għall-ġestjoni tal-ispejjeż u tal-prestazzjoni, kif ukoll l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs) li jgħinu fl-identifikazzjoni tal-ineffiċjenzi u fil-monitoraġġ tal-prestazzjoni finanzjarja tal-akkwist u l-mod li bih dan iwassal valur għall-flus?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 29:** Kemm int kapaċi tapplika strateġiji u metodi għall-ġestjoni kummerċjali u tal-prestazzjoni biex timmassimizza l-valur għall-flus tal-kuntratti tal-akkwist?

### Kompetenza nru 30: Ġestjoni tar-riskju u kontroll intern

- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 30a:** Kemm taf tajjeb il-funzjonijiet ta' verifika u kontroll?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 30a:** Kemm int kapaċi twettaq il-funzjonijiet differenti ta' spezzjoni, kontroll, verifika u evalwazzjoni applikabbli għall-akkwist pubbliku?
- **Mistoqsija dwar l-għarfien nru 30b:** Kemm taf tajjeb l-għodod u t-tekniki għall-ġestjoni tar-riskju tal-awditjar?
- **Mistoqsija dwar il-ħiliet nru 30b:** Kemm int kapaċi timmontorja r-riskji mill-qrib u tapplika miżuri ta' mitigazzjoni u approċċi proattivi biex tipproteġi l-interess tal-organizzazzjoni?

# 4. IR-RIŻULTATI TAL-VALUTAZZJONI

## 4.1. Riżultati tal-valutazzjoni individwali

Ir-riżultati tal-valutazzjonijiet individwali jistgħu jiġu viżwalizzati fil-forma ta' ċarts tar-radar li jindikaw l-punteġġi għall-kompetenzi speċifiċi għall-akkwist u l-kompetenzi interpersonali. Għal kull kompetenza, iċ-ċart tindika l-**livell ta' profiċjenza fil-mira** stabbilit għall-profil tal-impjieg individwali, u l-**punteġġ proprju** milħuq mill-individwu f'dik il-kompetenza.

Għalhekk, l-individwi jistgħu jidentifikaw malajr l-oqsma fejn il-livell ta' profiċjenza attwali tagħhom jilħaq il-mira, jaqbeż il-mira, jew ma jilħaqx il-livell fil-mira għall-profil tal-impjieg tagħhom. L-individwi jistgħu jużaw kwalunkwe distakk identifikat biex jappoġġjaw l-iżvilupp professjonali u tal-karriera tagħhom, pereżempju, billi jfittxu attivitajiet ta' tagħlim u żvilupp immirati. Fi ħdan l-organizzazzjoni, l-individwi jistgħu jużaw ir-riżultati tagħhom biex jibnu każ għall-membri tal-maniġment tagħhom biex jattendu għal ċerti sessjonijiet ta' taħriġ bl-għan li jsaħħu l-kompetenzi tagħhom u jiżviluppaw ħiliet ġodda li jkunu ta' benefiċċju wkoll għall-organizzazzjoni.







## 4.2. Riżultati tal-valutazzjoni tal-profil

Ir-riżultati tal-**valutazzjoni tal-profil** jistgħu jinkisbu permezz ta' aggregazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni mill-individwi kollha li jappartjenu għall-istess profil tal-impjieg.

Għal kull profil ta' impjieg, jistgħu jiġu kkalkolati r-riżultati li ġejjin:

- **Punteġġ fil-Mira:** Il-livell fil-mira stabbilit għall-kompetenza għal profil ta' impjieg speċifiku;
- **Punteġġ Medju:** Il-medja tar-riżultati kollha tal-valutazzjoni individwali għall-istess profil;
- **Punteġġ Massimu:** Il-punteġġ massimu miksub minn individwu mill-istess profil.

Il-**punteġġ medju** jgħin biex jiġu identifikati mudelli ta' punti ta' saħħa u dgħufijiet fost il-membri kollha tat-tim ta' profil partikolari fl-organizzazzjoni. Dan ifisser li jippermetti lill-organizzazzjoni tara jekk hemmx kompetenzi li l-professjonisti fi ħdan rwol speċifiku ġeneralment jissuperaw jew inkella ma jilħqux il-livell ta' profiċjenza fil-mira. Din l-informazzjoni hija partikolarment siewja f'livell strateġiku, minħabba li tgħid lit-tmexxija fejn l-organizzazzjoni hija partikolarment b'saħħitha, jew fejn jeħtieġ li tinvesti f'bini ta' kapaċità aktar fit-tul.

Il-**punteġġ massimu** jippermetti lill-organizzazzjonijiet iwieġbu mistoqsija differenti ħafna: hemm xi membru tat-tim bi profil partikolari li għandu l-livell massimu ta' profiċjenza li l-organizzazzjoni ddeterminat li teħtieġ f'kull waħda mill-kompetenzi. B'kuntrast ma' distakk fil-punteġġ medju, sejba li fl-organizzazzjoni ma hemm ħadd f'dak ir-rwol li għandu l-livell massimu ta' profiċjenza fil-mira tista' titlob li tittieħed azzjoni aktar immedjata biex jiġi indirizzat id-distakk. Dan

huwa partikolarment sinifikanti għal profili tal-impjiegi speċjalizzati, bħal espert legali jew maniġer tal-kuntratti, li huma mistennija li jġibu għarfien jew ħiliet partikolari mhux preżenti xi mkien ieħor fl-organizzazzjoni.







## 4.3. Riżultati tal-valutazzjoni organizzazzjonali

Ir-riżultati tal-valutazzjoni organizzazzjonali jistgħu jiġu kkalkolati permezz ta' aggregazzjoni tar-riżultati kollha ta' valutazzjoni individwali. Ir-riżultati jistgħu jiġu viżwalizzati, pereżempju, f'erba' ċarts tar-radar: tnejn għall-kompetenzi speċifiċi għall-akkwist u tnejn għal dawk interpersonali.

Għal kull kompetenza, iċ-ċarts jindikaw:

- **Livell Massimu fil-Mira:** Il-livell massimu fil-mira għall-profili tal-impjiegi kollha meħuda flimkien
- **Punteġġ Massimu**: Il-punteġġ massimu milħuq
- **Mira Medja:** Il-medja tal-livelli kollha ta' profiċjenza fil-mira
- **Punteġġ Medju:** Il-medja tar-riżultati kollha tal-profili

Iż-żewġ settijiet ta' punteġġi jgħinu biex jindirizzaw tipi differenti ta' mistoqsijiet organizzazzjonali.

Il-**punteġġ massimu** jippermetti lill-organizzazzjonijiet iwieġbu mistoqsija differenti ħafna: hemm xi ħadd fl-organizzazzjoni li għandu l-livell massimu ta' profiċjenza li l-organizzazzjoni ddeterminat li teħtieġ f'kull waħda mill-kompetenzi. B'kuntrast ma' distakk fil-punteġġ medju, sejba li fl-organizzazzjoni ma hemm ħadd li għandu l-livell massimu ta' profiċjenza fil-mira tista' titlob li tittieħed azzjoni aktar immedjata biex jiġi indirizzat id-distakk.

**Il-punteġġ medju** jgħin biex jiġu identifikati mudelli ta' punti ta' saħħa u dgħufijiet fl-organizzazzjoni. Dan ifisser li dan jippermetti lill-organizzazzjoni tara jekk hemmx kompetenzi li fihom bosta individwi jaqbżu jew inkella ma jilħqux il-livell ta' profiċjenza fil-mira. Din l-informazzjoni hija partikolarment siewja f'livell strateġiku, minħabba li tgħid lit-tmexxija fejn l-organizzazzjoni hija partikolarment b'saħħitha, jew fejn jeħtieġ li tinvesti f'bini ta' kapaċità aktar fit-tul.






# *ProcurComp^EU*

## *Il-Qafas Ewropew ta' Kompetenzi għall-Professjonisti tal-Akkwist Pubbliku*

# PARTI III. IL-KURRIKULU TA' TAĦRIĠ ĠENERIKU

# PARTI III. Il-kurrikulu ta' taħriġ ġeneriku tal-ProcurComp$^{EU}$

## 1. X'INHU L-KURRIKULU TA' TAĦRIĠ ĠENERIKU?

Il-Kurrikulu ta' Taħriġ Ġeneriku tal-ProcurComp$^{EU}$ huwa wieħed mill-għodod li flimkien jagħmlu il-pakkett imsejjaħ ProcurComp$^{EU}$. Dan kien żviluppat abbażi tal-Matriċi ta' Kompetenzi tal-ProcurComp$^{EU}$ u jibni fuq it-30 kompetenza deskritti fiha.

Filwaqt li l-Matriċi ta' Kompetenzi tiddeskrivi l-livelli differenti tal-għarfien u l-ħiliet rilevanti li għandu jkollhom il-professjonisti tal-akkwist pubbliku biex jagħmlu xogħolhom tajjeb, il-Kurrikulu ta' Taħriġ jipprovdi deskrizzjoni tal-kontenut tat-taħriġ li permezz tiegħu jistgħu jiġu żviluppati l-kompetenzi speċifiċi għall-akkwist u dawk professjonali li jinsabu fil-Matriċi ta' Kompetenzi.

B'mod aktar speċifiku, dan jiddeskrivi l-kontenut standard tat-taħriġ u l-eżiti tat-tagħlim għal 30 modulu tat-taħriġ ibbażati fuq il-kompetenzi elenkati fil-Matriċi ta' Kompetenzi (ara t-Tabella 1).

### 1.1. Għan tal-Kurrikulu ta' Taħriġ Ġeneriku tal-ProcurComp$^{EU}$

Minn perspettiva organizzazzjonali jew istituzzjonali, il-Kurrikulu ta' Taħriġ huwa **deskrizzjoni tal-kontenut ta' taħriġ standard** li l-organizzazzjonijiet tal-akkwist pubbliku, il-gvernijiet, l-universitajiet, l-istituzzjonijiet tat-taħriġ u l-istituzzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni jistgħu jużaw bħala bażi għall-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ dwar l-akkwist immirati lejn il-professjonisti.

### 1.2. Struttura tal-Kurrikulu ta' Taħriġ Ġeneriku tal-ProcurComp$^{EU}$

Il-**moduli tat-taħriġ** jipprovdu deskrizzjonijiet tal-kompetenzi kkonċernati, il-lista ta' suġġetti tat-taħriġ li għandhom jiġu indirizzati f'kors ta' taħriġ u l-eżiti tat-tagħlim mistennija.

Kull modulu tat-taħriġ huwa strutturat kif ġej:

**Deskrizzjoni tal-kompetenza**: spjegazzjoni qasira tal-kompetenza koperta mill-modulu tat-taħriġ u t-tip ta' għarfien meħtieġ biex tinkiseb il-kompetenza.

**Suġġetti tat-taħriġ**: l-oqsma u s-suġġetti li għandhom jiġu koperti fil-modulu tat-taħriġ.

**Eżiti tat-tagħlim**: l-għarfien u l-ħiliet mistennija li l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u japplikaw f'livell xieraq fi tmiem it-taħriġ.

### 1.3. Metodi ta' taħriġ u ta' tagħlim immirati għal-livell ta' profiċjenza

Il-Kurrikulu ta' Taħriġ jipprovdi bażi għat-tħejjija tal-kontenut li għandu jiġi kopert fil-moduli tat-taħriġ għall-erba' livelli distinti ta' profiċjenza stabbiliti fil-Matriċi ta' Kompetenzi tal-ProcurComp$^{EU}$. Għalkemm is-suġġetti tat-taħriġ ser ikunu l-istess fl-erba' livelli, jeħtieġ li jintużaw **metodi differenti ta' tagħlim** għat-twettiq b'mod effettiv ta' taħriġ li jappoġġja l-iżvilupp ta' kompetenzi minn livell bażiku sa dak espert.

Il-firxa ta' metodi ta' taħriġ u ta' tagħlim li jistgħu jintużaw għat-twettiq ta' taħriġ ibbażat fuq il-Kurrikulu ta' Taħriġ tinkludi:

- Seminars u sessjonijiet ta' ħidma introduttorji;
- Konferenzi u gruppi ta' esperti ta' livell għoli;
- Taħriġ fil-klassi;
- Tagħlim ibbażat fuq l-internet;
- Moduli strutturati ta' tagħlim elettroniku;
- Taħriġ fuq il-post tax-xogħol; u
- Coaching.

Il-Kurrikulu ta' Taħriġ huwa maħsub biex ikun **għodda flessibbli** u ma jirrikjedix l-użu ta' xi metodu ta' tagħlim partikolari biex jiġi indirizzat livell ta' taħriġ. Għalkemm xi metodi ta' taħriġ huma aktar adattati għal ċerti livelli ta' taħriġ (eż. is-seminars u s-sessjonijiet ta' ħidma introduttorji huma modi tipiċi biex jinkiseb livell bażiku ta' għarfien, filwaqt li għal livell ogħla ta' profiċjenza, il-metodu ta' tagħlim ser ikun pjuttost it-tagħlim bejn il-pari, l-iskambju ta' prattiki tajbin, seminars speċjalizzati, eċċ.), huwa f'idejn l-utenti tal-Kurrikulu ta' Taħriġ Ġeneriku tal-ProcurComp[EU] li jiddefinixxu u jiddeċiedu liema metodi ta' taħriġ u ta' tagħlim huma l-aktar adattati għall-programm ta' taħriġ li qed jiżviluppaw.

Bl-istess mod, l-eżiti tat-tagħlim ippreżentati hawnhekk huma indikattivi u għandhom jitqiesu bħala punt ta' tluq għall-iżvilupp u l-adattament tal-kontenut ta' taħriġ għall-kuntest nazzjonali jew organizzazzjonali speċifiku kif ukoll f'termini ta' objettivi speċifiċi ta' taħriġ, udjenzi fil-mira, livelli ta' profiċjenza u metodi ta' tagħlim. Billi hemm modi differenti kif jiġu indirizzati l-eżiti tat-tagħlim, fil-Manwal hemm gwida dwar id-definizzjoni, il-kitba u l-applikazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim[20]. Barra minn hekk, il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki huwa għodda li tiżgura l-konsistenza bejn it-tipi u l-livelli tal-kwalifiki fl-Unjoni[21].

[20] Cedefop (2017). Defining, writing and applying learning outcomes: a European handbook; https://www.cedefop.europa.eu/files/4156_en.pdf
[21] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52016DC0383&from=EN

# 2. Il-moduli tat-taħriġ ġeneriku tal-ProcurComp^EU

## Modulu tat-taħriġ nru 1. L-ippjanar tal-akkwist

### Deskrizzjoni tal-kompetenza

Il-formulazzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-**ippjanar tal-akkwist** li jgħid fejn u kif għandu jintuża l-akkwist pubbliku biex jinxtraw b'mod kosteffettiv il-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet meħtieġa f'konformità mal-impatt ta' politika mixtieq. Dan għandu jqis:

- Il-prijoritajiet politiċi u ta' politika tal-organizzazzjoni;
- Il-politiki rilevanti fil-livell nazzjonali;
- Il-pjanijiet tal-baġit adottati u r-riżorsi disponibbli;
- Jekk l-akkwist huwiex l-għażla t-tajba biex tiġi ssodisfata l-ħtieġa identifikata;
- Il-ħtieġa li l-iskedi ta' żmien jiġu pprijoritizzati u ġestiti; u
- L-opportunitajiet u r-riskji potenzjali fil-proċess tal-implimentazzjoni.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tal-ippjanar tal-akkwist u tal-prijoritajiet ta' politika tal-organizzazzjoni, inklużi l-pjanijiet baġitarji u l-għażliet għall-implimentazzjoni, kif ukoll il-politiki rilevanti fil-livell nazzjonali.

### Suġġetti tat-taħriġ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-prijoritajiet politiċi u ta' politika tal-organizzazzjoni u r-rabta mal-politiki rilevanti fil-livell nazzjonali
- Il-proċessi tal-akkwist u l-iskedi ta' żmien għall-ippjanar preċiż
- Il-pjanijiet baġitarji adottati, iċ-ċiklu baġitarju tal-organizzazzjoni u r-riżorsi disponibbli
- Il-ħtieġa li l-iskedi ta' żmien jiġu pprijoritizzati u ġestiti
- L-opportunitajiet u r-riskji potenzjali fil-proċess ta' implimentazzjoni

### Eżiti tat-tagħlim

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Il-proċess tal-ġbir u l-konsolidazzjoni tal-input u l-kontribuzzjonijiet minn diversi dipartimenti skont il-funzjonijiet tagħhom fl-organizzazzjoni bl-għan li jiġu identifikati l-ħtiġijiet u r-riżorsi
- L-iffissar tal-prijoritajiet biex jitqabblu r-riżorsi disponibbli, l-identifikazzjoni tal-għażliet biex jiġu kkombinati l-ħtiġijiet u l-kisba ta' ekonomiji ta' skala
- It-twettiq ta' analiżi tal-Punti ta' Saħħa–Dgħufijiet–Opportunitajiet–Theddid (SWOT) mill-perspettiva tal-organizzazzjoni u tal-operaturi ekonomiċi
- Il-valutazzjoni ta' jekk l-akkwist huwiex l-għażla t-tajba biex tiġi ssodisfata l-ħtieġa identifikata, u l-allinjament tal-proġetti tal-akkwist mal-baġit tal-organizzazzjoni
- L-identifikazzjoni tar-riskji potenzjali tal-implimentazzjoni u t-tħejjija ta' pjan ta' mitigazzjoni tar-riskji (cf. modulu speċjalizzat)
- L-iżvilupp u l-abbozzar tal-ippjanar tal-akkwist tal-organizzazzjoni li jiffoka fuq l-eżiti tal-politika u riżultati operattivi
- Il-valutazzjoni u r-rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet tal-akkwist preċedenti
- Il-valutazzjoni tal-maturità tal-funzjoni/tad-dipartiment tal-akkwist tal-organizzazzjoni u l-proposta ta' viżjoni għall-ġejjieni u l-istrateġija ta' żvilupp korrispondenti

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 2. IĊ-ĊIKLU TAL-ĦAJJA TAL-AKKWIST

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

Iċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist jinkludi d-diversi fażijiet, mill-ippjanar u l-fażi ta’ qabel il-pubblikazzjoni sa wara l-għotja u l-ġestjoni tal-kuntratti. Kull stadju jaffettwa n-natura tal-stadji sussegwenti. Il-fehim taċ-ċiklu tal-ħajja ġenerali u tal-interazzjonijiet bejn l-istadji, fuq għadd ta’ proċeduri, huwa meħtieġ għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta’ proċeduri tal-akkwist robusti. Dan jippermetti li jiġu antiċipati r-riskji u l-opportunitajiet, u b’hekk jittejbu l-effiċjenza u l-valur għall-flus.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien taċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist mill-fażi ta’ qabel il-pubblikazzjoni sa wara l-għotja, u kif il-fażijiet differenti jinteraġixxu ma’ xulxin.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:

- L-istadji, il-kompiti u l-proċessi fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist pubbliku u kif dawn jinteraġixxu ma’ xulxin
- L-isfidi komuni relatati mar-rabtiet bejn fażijiet differenti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist
- Prattiki tajbin fil-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist pubbliku, bħal għodod ta’ traċċar, komunikazzjoni u titjib kontinwu
- L-oqfsa interni tal-organizzazzjonijiet għall-proċessi tal-akkwist

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta’ profiċjenza:

- Jifhmu l-istadji, il-kompiti u l-proċessi fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist pubbliku u kif dawn jinteraġixxu ma’ xulxin
- Jimplimentaw il-fażijiet differenti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist, filwaqt li jifhmu kif kull waħda tinteraġixxi mal-oħrajn
- Jisfruttaw l-opportunitajiet u jantiċipaw ir-riskji fi stadji oħrajn
- Jantiċipaw ir-riskji u l-isfidi bejn l-istadji
- Jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tad-diversi stadji
- Jinkorporaw it-tagħlimiet meħuda mill-proċeduri tal-passat
- Jiżguraw it-trasferiment tal-għarfien bejn diversi fażijiet
- Jidentifikaw l-ineffiċjenzi operattivi minn akkwisti preċedenti
- Isawru politiki organizzazzjonali u għodod interni biex jisfruttaw ir-rabtiet bejn il-fażijiet tal-akkwist biex tiġi massimizzata l-effiċjenza
- Jistabbilixxu miri u strateġiji organizzazzjonali għat-titjib tal-approċċ ġenerali għall-akkwist pubbliku fi ħdan l-organizzazzjoni

# Modulu tat-taħriġ nru 3. Il-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist

## Deskrizzjoni tal-kompetenza

Jeħtieġ li l-professjonisti tal-akkwist pubbliku jifhmu u jkunu kapaċi japplikaw l-**oqfsa legali nazzjonali u tal-UE** rilevanti u l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, tat-trattament ugwali, tat-trasparenza, tal-proporzjonalità u tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Dan jinkludi oqsma ġuridiċi kontigwi u ta' politika, eż.:

- Il-liġijiet tal-kompetizzjoni, amministrattivi, kuntrattwali, ambjentali, soċjali u tax-xogħol, l-obbligi ta' aċċessibbiltà u d-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali;
- Ir-regoli tal-UE dwar il-finanzjament, il-baġit u l-kontabbiltà;
- Ir-rimedji;
- Il-miżuri kontra l-korruzzjoni u kontra l-frodi;
- Kwalunkwe obbligu internazzjonali rilevanti.

L-għarfien tal-leġiżlazzjoni huwa essenzjali wkoll biex jinftiehem u jiġi żgurat l-impatt mixtieq fuq is-sistema tal-akkwist u fuq il-ktajjen tal-provvista.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist fil-livell nazzjonali u tal-UE, kif ukoll tal-oqsma ġuridiċi kontigwi u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-akkwist pubbliku.

## Suġġetti tat-taħriġ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-prinċipji ewlenin tal-akkwist pubbliku
- Ir-regolamentazzjoni dwar l-akkwist fil-livell nazzjonali, sottonazzjonali u tal-UE
- L-oqsma ġuridiċi kontigwi, inkluż il-liġijiet tal-kompetizzjoni, amministrattivi, kuntrattwali, ambjentali, soċjali u tax-xogħol, l-obbligi ta' aċċessibbiltà u d-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali
- Ir-regoli tal-UE dwar il-finanzjament, il-baġit u l-kontabbiltà
- Ir-rimedji
- Ir-Regolamenti u rekwiżiti relatati mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u kontra l-frodi
- Kwalunkwe obbligu internazzjonali rilevanti

## Eżiti tat-tagħlim

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jifhmu kif l-akkwist pubbliku huwa rregolat fil-livell nazzjonali, sottonazzjonali u tal-UE, fejn rilevanti, u kif jimmonitorjaw l-iżviluppi leġiżlattivi
- Jifhmu l-implikazzjonijiet u l-impatt tal-liġi tal-akkwist fuq is-sistema tal-akkwist u l-katina tal-provvista
- Jifhmu u jinnavigaw il-leġiżlazzjoni kontigwa għall-akkwist pubbliku (inklużi l-liġijiet tal-kompetizzjoni, amministrattivi, kuntrattwali, kriminali, ambjentali, soċjali, tax-xogħol u tal-baġit, kif ukoll l-obbligi ta' aċċessibbiltà u d-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali)
- Jidentifikaw u jistrieħu fuq il-ġurisprudenzi rilevanti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja biex jieħdu deċiżjoni matul il-proċess tal-akkwist
- Ifasslu sistemi, għodod u proċeduri li jippromwovu l-konformità mar-regoli u l-proċeduri

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 4. L-AKKWIST ELETTRONIKU U GĦODOD TAL-IT OĦRAJN

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

**L-akkwist elettroniku u sistemi u għodod tal-IT oħrajn** jappoġġjaw iċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist, mill-pubblikazzjoni tal-offerti sal-pagament finali. Dawn inaqqsu l-piż amministrattiv, itejbu l-effiċjenza u jsaħħu t-trasparenza u r-responsabbiltà tal-proċeduri tal-akkwist. L-għodod ewlenin jinkludu:

- Għodod tal-fażi preparatorja, eż. TED u pjattaformi tal-akkwist nazzjonali, notifika elettronika, dokumenti u mudelli ta' offerti standardizzati
- Għodod tal-fażi tas-sottomissjoni, eż. sottomissjoni elettronika, id-Dokument Ewropew Uniku għall-Akkwist, e-Certis
- Għodod tal-fażi tas-sejħiet għall-offerti, eż. katalogi elettroniċi, pjattaformi għall-akkwist elettroniku, sistemi dinamiċi għall-akkwisti, sistemi ta' rkant, u fatturazzjoni elettronika
- Għodod tal-IT oħrajn għat-trasparenza tad-*data*, il-ġlieda kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni, bħar-reġistri tan-negozju u tal-kuntratti pubbliċi

It-trasformazzjoni diġitali tal-akkwist pubbliku teħtieġ approċċ proattiv kontinwu biex jittieħed vantaġġ mill-aqwa għodod disponibbli. Din teħtieġ ukoll taħriġ kontinwu.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tal-pjattaformi u tal-funzjonalitajiet tal-akkwist elettroniku użati fi ħdan l-organizzazzjoni, inklużi sistemi tal-akkwist nazzjonali u tal-UE, kif ukoll sistemi u għodod tal-IT rilevanti oħrajn.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Is-sistemi tal-akkwist elettroniku fil-livell nazzjonali u tal-UE
- L-għodod ewlenin tal-akkwist elettroniku, inkluż, pereżempju, in-notifika elettronika, is-sottomissjoni elettronika, is-sejħa għall-offerti elettronika u l-fatturazzjoni elettronika
- L-indikaturi tal-akkwist elettroniku li jistgħu jintużaw biex issir analiżi statistika għall-organizzazzjonijiet
- Ir-regoli ta' trasparenza fl-akkwist pubbliku u l-aċċessibbiltà tal-ICT

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jużaw is-sistemi u l-għodod tal-akkwist elettroniku disponibbli biex jimplimentaw il-proċeduri tal-akkwist pubbliku
- Jagħmlu użu minn għodod tal-IT oħrajn (eż. reġistri tal-kuntratti, l-għodda Arachne) li jistgħu jgħinu biex tiġi żgurata trasparenza akbar u jipprevjenu u/jew jindividwaw korruzzjoni fl-akkwist pubbliku
- Jużaw kapaċitajiet tal-akkwist elettroniku aktar avvanzati, bħal sistemi ta' ġestjoni tal-bejjiegħa, irkanti elettroniċi u katalogi elettroniċi, fejn rilevanti
- Janalizzaw u jużaw id-*data* miġbura permezz ta' sistemi tal-akkwist elettroniku biex itejbu l-proċeduri u l-proċessi tal-organizzazzjoni
- Isawru indikaturi tal-akkwist elettroniku għall-organizzazzjoni
- Jidentifikaw għodod tal-IT ġodda li jistgħu jżidu l-effiċjenza tal-akkwist tal-organizzazzjoni, inkluż l-aċċessibbiltà tal-ICT.
- Jistabbilixxu l-istrateġija u l-proċeduri tal-organizzazzjoni għall-użu tal-għodod tal-akkwist elettroniku u ta' għodod tal-IT oħrajn

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 5. L-AKKWIST SOSTENIBBLI

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

**L-akkwist pubbliku sostenibbli** jinkorpora għanijiet strateġiċi ta' politika pubblika fi proċeduri tal-akkwist, bħall-akkwist pubbliku ekoloġiku, l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli, u li jiżgura kompetizzjoni ġenwina u parteċipazzjoni tal-SMEs. Dan jikkontribwixxi biex jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-akkwist, biex jintlaħqu l-miri soċjali u biex jittejjeb il-valur għall-flus għall-organizzazzjoni u għas-soċjetà b'ġenerali. L-objettivi sostenibbli jistgħu jiġu implimentati b'ħafna modi:

- Kriterji tal-esklużjoni li jirrikjedu livell minimu ta' konformità mal-liġi ambjentali u soċjali mill-kuntratturi u mis-sottokuntratturi;
- Kriterji tal-għażla li jivverifikaw il-kwalifiki tal-offerent biex jilħaq miri ambjentali u soċjali; Speċifikazzjonijiet tekniċi li jinkludu kunsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali, bħar-rekwiżiti tat-tikketta jew il-proċessi ta' produzzjoni sostenibbli;
- Tekniki ta' evalwazzjoni bħall-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja u l-użu ta' kriterji tal-għoti ambjentali jew soċjali;
- Klawżoli tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti sabiex jiġu mmonitorjati u infurzati standards għoljin ta' sostenibbiltà;
- Leġiżlazzjoni speċifika għas-settur li tirrikjedi, pereżempju, standards minimi ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija kif ukoll regoili orizzontali bħal obbligi ta' aċċessibbiltà;
- Pjanijiet ta' azzjoni ekoloġiċi jew soċjali fil-livell tal-Istati Membri li jiddeskrivu l-miżuri ta' appoġġ jew jistabbilixxu miri.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tal-objettivi ta' sostenibbiltà tal-organizzazzjoni (ambjentali u soċjali) u politiki nazzjonali relatati, kif ukoll tal-għodod, l-istandards u t-tekniki disponibbli għall-inkorporazzjoni tagħhom fil-proċess tal-akkwist.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-prinċipji u l-istandards tal-akkwist pubbliku ekoloġiku u tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli, inkluż dawk li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs u tal-intrapriżi soċjali
- Il-pjan ta' azzjoni ekoloġiku u soċjali u l-miri fil-livell nazzjonali
- Il-kunsiderazzjonijiet sostenibbli, il-kriterji tal-għażla u tal-għoti u l-obbligi ta' aċċessibbiltà
- L-għodod, il-metodi u s-soluzzjonijiet li jappoġġjaw l-akkwist sostenibbli, bħat-tekniki u t-tikketti tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja
- Eżempji ta' leġiżlazzjoni speċifika għas-settur

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' proficjenza:**

- Jifhmu u jantiċipaw l-isfidi potenzjali għall-akkwist sostenibbli u l-benefiċċji mistennija tiegħu
- Jidentifikaw opportunitajiet fejn l-għanijiet ta' sostenibbiltà jistgħu jkunu riflessi fil-proċeduri tal-akkwist
- Jużaw l-għodod, il-metodi u s-soluzzjonijiet li jappoġġjaw l-akkwist sostenibbli, bħall-istandards, it-tekniki u t-tikketti tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja
- Jiddefinixxu kriterji tal-għażla u tal-għoti favorevoli għall-akkwist pubbliku ekoloġiku, għall-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli u għall-SMEs
- Jiżguraw il-konformità mal-obbligi ta' aċċessibbiltà
- Jinkorporaw klawżoli dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratti u kriterji tal-għoti favorevoli għall-akkwist pubbliku ekoloġiku, għall-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli u għall-SMEs fid-dokumenti tal-akkwist
- L-użu ta' kuntratti riservati biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal opportunitajiet ta' akkwist għal operaturi li jkollhom impatt soċjali pożittiv
- Iżommu l-aċċess għas-suq miftuħ għall-fornituri, minkejja l-użu ta' kriterji favur l-ambjent
- Jikkomunikaw ir-rekwiżiti tal-akkwist pubbliku ekoloġiku u tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli lis-suq u jagħmlu x-xogħol tal-akkwist sostenibbli viżibbli
- Jiddisinjaw u jfasslu politiki u miri realistiċi tal-akkwist sostenibbli għall-organizzazzjoni
- Jallokaw riżorsi u baġit għall-akkwist pubbliku ekoloġiku u għall-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli

# Modulu tat-taħriġ nru 6. L-akkwist tal-innovazzjoni

## Deskrizzjoni tal-kompetenza

**L-akkwist tal-innovazzjoni** jirreferi għal akkwist pubbliku li jinvolvi:

- Ix-xiri tal-proċess ta' innovazzjoni (eż. ix-xiri ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp), jew
- Ix-xiri tal-eżiti tal-innovazzjoni maħluqa minn oħrajn (jiġifieri x-xiri ta' soluzzjonijiet innovattivi).

L-akkwist tal-innovazzjoni jgħin fl-immodernizzar tas-servizzi pubbliċi, filwaqt li joħloq opportunitajiet għall-kumpaniji biex jiżviluppaw swieq ġodda. Billi jiżviluppaw strateġija ta' akkwist tal-innovazzjoni li tħares 'il quddiem u jikkunsidraw soluzzjonijiet kompetittivi alternattivi, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jixprunaw l-innovazzjoni min-naħa tad-domanda biex jissodisfaw il-ħtiġijiet fiż-żmien medju sa twil. Strateġija tal-akkwist tal-innovazzjoni ddisinjata sewwa tnaqqas ir-riskju ta' prestazzjoni baxxa jew nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-innovazzjonijiet akkwistati billi tipprovdi approċċ pass pass mid-disinn tas-soluzzjonijiet, il-prototipar, sal-iżvilupp u l-ittestjar tal-prodotti.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tal-objettivi tal-innovazzjoni tal-organizzazzjoni u ta' politiki nazzjonali relatati, kif ukoll tal-għodod u t-tekniki disponibbli għall-inkorporazzjoni tagħhom fil-proċess tal-akkwist.

## Suġġetti tat-taħriġ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-prinċipji tal-Akkwist tal-innovazzjoni
- L-objettivi, il-miri, l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-innovazzjoni
- L-għodod u t-tekniki disponibbli għall-inkorporazzjoni tal-objettivi tal-innovazzjoni fil-proċessi tal-akkwist
- Il-proċeduri li jinvolvu l-akkwist tar-riċerka u l-iżvilupp: Il-proċeduri tal-Akkwist Prekummerċjali (Pre-Commercial Procurement - PCP) u tas-Sħubija għall-Innovazzjoni
- Id-djalogu kompetittiv
- L-istrateġiji ta' involviment bikri tas-suq, b'mod partikolari konsultazzjonijiet tas-suq preliminari

## Eżiti tat-tagħlim

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' proċeduri tal-akkwist tal- innovazzjoni
- Jifhmu kif jiġu implimentati l-aspetti tal-akkwist tal-innovazzjoni u x'inhuma l-benefiċċji tagħhom
- Jidentifikaw u jisfruttaw l-opportunitajiet biex jinfetħu l-proċeduri tal-akkwist ippjanati għal fornituri aktar innovattivi
- Japplikaw id-diversi tekniki biex jiftħu kwalunkwe tip ta' proċedura ta' akkwist u kuntratt għal offerti innovattivi (eż. speċifikazzjonijiet funzjonali, varjanti, kriterji ta' għażla u ta' għoti li jiffavorixxu l-innovazzjoni, standards, tikketti tal-kwalità, indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin u kundizzjonijiet tal-IPR)
- Jibnu każ ta' negozju għall-Akkwist Prekummerċjali u għall-Akkwist Pubbliku ta' soluzzjonijiet Innovattivi
- Iwettqu proċeduri tal-Akkwist Prekummerċjali u tas-sħubija għall-Innovazzjoni
- Jidentifikaw u jisfruttaw l-opportunitajiet għall-ingranaġġ tal-pjan tal-akkwist tal-organizzazzjoni biex jinċentivaw l-innovazzjoni fis-suq
- Jimplimentaw proċeduri avvanzati tal-Akkwist tal-innovazzjoni, bħad-djalogu kompetittiv
- Jinkorporaw l-objettivi tal-akkwist tal-innovazzjoni fil-viżjoni u l-istrateġija tal-organizzazzjoni
- Jikkomunikaw il-pjan u l-objettivi fiż-żmien medju sa twil lis-suq u jiġbru feedback tas-suq dwar l-objettivi tal-akkwist

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 7. L-GĦARFIEN SPEĊIFIKU GĦALL-KATEGORIJA

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

**L-għarfien espert speċifiku għall-kategorija** jinsab fil-qalba tal-proċedura tal-akkwist. Il-karatteristiċi tal-kategorija ta' provvisti, servizzi jew xogħlijiet li għandhom jinkisbu għandhom ikunu jinftiehmu sewwa, inkluż bl-involviment ta' esperti u partijiet ikkonċernati (professjonisti u utenti finali). L-istrateġija u d-dokumenti tal-akkwist għandhom jitfasslu apposta biex jissodisfaw il-ħtieġa identifikata u jimmassimizzaw il-valur għall-flus.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tal-karatteristiċi u l-ispeċifiċitajiet rilevanti għal kategorija waħda jew aktar ta' provvisti, servizzi jew xogħlijiet, inklużi l-fornituri, il-parametri tekniċi u l-kundizzjonijiet tas-suq.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- It-tekniki u s-sorsi avvanzati ta' riċerka tas-suq
- L-istrateġiji u l-analiżijiet tal-ġestjoni tal-kategorija
- Il-proċessi tal-akkwist u kif dawn jiġu applikati għal setturi differenti
- Ir-rekwiżit legali u regolatorju li japplika għall-kategorija ta' provvisti, servizzi jew xogħlijiet
- Il-proċess tal-ġbir, tal-klassifikazzjoni u tal-analiżi tad-*data* storika tax-xiri tal-organizzazzjoni

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jidentifikaw ir-rekwiżiti legali u regolatorji li japplikaw għall-kategorija ta' provvisti, servizzi jew xogħlijiet ta' kategorija speċifika
- Iħejju pjan tal-akkwist imfassal apposta u jeżegwixxu l-proċessi tal-akkwist
- Jiġbru u jissegmentaw in-nefqa fuq il-fornituri ta' kategorija speċifika
- Jiżviluppaw speċifikazzjonijiet tekniċi li jisfruttaw għarfien speċifiku għall-kategorija
- Jiżviluppaw indiċi tal-prezzijiet tal-kategorija tal-akkwist għal kategorija speċifika
- Jiġbru, jikklassifikaw u janalizzaw id-*data* storika tax-xiri ta' kategorija tal-akkwist
- Jidentifikaw l-muturi ewlenin tas-suq u l-fatturi li jħallu impatt fuq il-ġestjoni tal-kategoriji
- Jiżviluppaw strateġija għall-ġestjoni tal-kategorija organizzazzjonali, li tiddefinixxi l-kategoriji rilevanti u r-riżultati tal-monitoraġġ
- Ifasslu sistemi, għodod u gwida għall-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki tal-ġestjoni tal-kategoriji

# Modulu tat-taħriġ nru 8. Il-ġestjoni tal-fornituri

## Deskrizzjoni tal-kompetenza

**Il-ġestjoni tal-fornituri** tinvolvi l-bini u ż-żamma ta' relazzjonijiet effettivi mal-fornituri attwali u dawk futuri potenzjali. Huwa essenzjali li jiġi żgurat it-twettiq b'suċċess tal-kuntratti attwali u tas-sejħiet għall-offerti futuri. Barra minn hekk, fehim akbar tal-fornituri jista' jgħin lill-professjonisti tal-akkwist jixprunaw ktajjen tal-provvista aktar robusti, etiċi, responsabbli u ekonomikament vantaġġużi permezz ta' mezzi miftuħa ta' komunikazzjoni mal-fornituri, speċjalment l-SMEs. L-għoti ta' informazzjoni, gwida u potenzjalment appoġġ u taħriġ lill-fornituri (eż. dwar l-użu tal-akkwist elettroniku) huma modi effiċjenti kif jintlaħqu dawn l-objettivi, filwaqt li jiġi żgurat li l-komunikazzjoni mal-operaturi ekonomiċi matul il-fażi tas-sejħa għall-offerti tkun f'konformità mal-prinċipji tal-akkwist pubbliku (jiġifieri n-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza u t-trattament ugwali) u mal-istandards etiċi.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tal-istrateġiji u l-proċessi biex jiġu żviluppati u ġestiti r-relazzjonijiet mal-fornituri f'konformità mal-prinċipji tal-akkwist pubbliku.

## Suġġetti tat-taħriġ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-kunċett u l-għodod ewlenin tal-ġestjoni tal-fornituri u tal-ġestjoni tal-prestazzjoni tal-fornituri
- L-istrateġiji ta' komunikazzjoni xierqa mal-fornituri
- Il-prinċipji tal-akkwist pubbliku importanti fil-ġestjoni tal-fornituri
- L-għodod u t-tekniki għall-monitoraġġ, l-analiżi u l-promozzjoni tal-prestazzjoni tal-fornituri

## Eżiti tat-tagħlim

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jifhmu l-benefiċċji, ir-riskji u l-fatturi ta' suċċess ewlenin għall-ġestjoni tal-fornituri
- Japplikaw għodod u tekniki xierqa għall-monitoraġġ, l-analiżi u l-promozzjoni tal-prestazzjoni tal-fornituri
- Jipprovdu feedback lill-fornituri u lill-operaturi ekonomiċi b'mod xieraq
- Jibnu u jżommu relazzjonijiet tajbin mal-fornituri
- Jantiċipaw u jtaffu r-riskji relatati mal-prestazzjoni tal-fornituri
- Jittrattaw it-tilwim potenzjali mal-fornituri
- Jidentifikaw opportunitajiet biex jiġu aġġustati l-politiki u l-prattiki organizzazzjonali sabiex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet tal-fornituri
- Jiżviluppaw strateġiji u għodod għall-promozzjoni ta' impenn kostruttiv tal-fornituri
- Jimmassimizzaw ir-relazzjonijiet strateġiċi mal-fornituri biex ikollhom impatt pożittiv fuq is-suq, eż. permezz tal-promozzjoni ta' ktajjen tal-provvista etiċi
- Ifasslu l-kontenut tat-taħriġ għall-fornituri u l-operaturi ekonomiċi

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 9. IN-NEGOZJATI

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

**In-negozjati** jistgħu jintużaw biex jiggarantixxu u jmexxu 'l quddiem l-interessi tal-organizzazzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, tal-benefiċjarju finali, biex jinkiseb l-aħjar valur għall-flus. Huma għandhom l-għan li jilħqu ftehim reċiproku bejn l-awtorità kontraenti u l-fornitur, minkejja interessi potenzjalment opposti, dwar kif jittejbu l-offerti sottomessi biex jissodisfaw aħjar it-termini u l-kundizzjonijiet iddikjarati fid-dokumenti tal-akkwist. In-negozjati jridu jirrispettaw il-prinċipji ġenerali tal-akkwist (jiġifieri n-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza u t-trattament ugwali), kif ukoll l-istandards etiċi u ta' integrità.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tal-istrateġiji tan-negozjati matul il-fażijiet tal-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti, f'konformità mal-prinċipji tal-akkwist pubbliku.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-proċess u l-istadji tan-negozjati
- It-tekniki u l-istrateġiji tan-negozjati
- L-istili differenti tan-negozjati u l-preġudizzji possibbli li għandhom jiġu evitati fin-negozjati
- L-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji fin-negozjati

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jifhmu xi jfissru n-negozjati fl-akkwist pubbliku u meta dawn jistgħu jsiru
- Jifhmu l-kunċetti u t-tekniki ewlenin fil-proċess tan-negozjati
- Jappoġġjaw il-proċess tan-negozjati billi jiġbru *data* ta' sostenn
- Jiddefinixxu l-objettivi tan-negozjati
- Jippjanaw u jħejju strateġija tan-negozjati
- Jiftħu, imexxu u jikkonkludu n-negozjati
- Jirrikonoxxu u jadattaw għal stili differenti ta' negozjati
- Jidentifikaw u jantiċipaw ir-riskji fin-negozjati
- Jantiċipaw u jevitaw preġudizzju fin-negozjati
- Iwettqu strateġiji kumplessi ta' negozjati
- Japplikaw il-prinċipji tat-teorija tal-logħob fin-negozjati

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 10. IL-VALUTAZZJONI TAL-ĦTIĠIJIET

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

**Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet** hija l-proċess li jiddetermina l-ħtiġijiet, inklużi l-impatti possibbli f'termini tal-valur għall-flus jew tal-impatti ambjentali, fir-rigward tas-suġġett tal-akkwist b'diversi mezzi, inkluż:

- Iż-żamma ta' kuntatt mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni, fi ħdan l-organizzazzjoni nnifisha jew ma' partijiet terzi, biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet tagħhom;
- It-trasformazzjoni tal-ħtiġijiet identifikati fl-ippjanar tal-akkwist ta' provvisti, servizzi, jew f'konformità mal-pjan tal-baġit tal-organizzazzjoni;
- Il-kunsiderazzjoni tal-aggregazzjoni tal-ħtiġijiet relatati mal-istess suġġett.

Din il-kompetenza teħtieġ l-għarfien tat-tekniki u l-għodod tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għad-determinazzjoni tal-ħtiġijiet sottostanti tal-organizzazzjoni u tal-utenti finali rigward is-suġġett tal-akkwist.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-prinċipji, l-istrateġiji, it-tekniki u l-għodod tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet
- It-tekniki u l-għodod għall-aggregazzjoni tal-ħtiġijiet
- L-aħjar prattiki fil-ġbir u l-kollaborazzjoni tad-*data*
- Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati interni u l-identifikazzjoni u l-analiżi tal-ħtiġijiet

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jifhmu d-definizzjoni tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-istadji għat-twettiq tagħha
- Jifhmu l-kunċett ta' aggregazzjoni tal-ħtiġijiet
- Jikkonsultaw mal-partijiet ikkonċernati interni rilevanti dwar il-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tal-akkwist
- Iħejju rapport bażiku tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet
- Jikkontribwixxu għall-analiżi tal-ħtiġijiet u għall-interpretazzjoni tad-*data*
- Jidentifikaw opportunitajiet għall-aggregazzjoni tal-ħtiġijiet
- Japplikaw tekniki u għodod avvanzati għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet
- Jieħdu deċiżjoni dwar il-ħtiġijiet prijoritarji u l-aggregazzjoni tal-ħtiġijiet
- Jidentifikaw meta għandu jinkiseb għarfien espert tekniku għall-akkwist kumpless
- Jiddefinixxu l-proċessi ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet għall-organizzazzjoni
- Jipproponu alternattivi għar-raggruppament tal-ħtiġijiet relatati sabiex titħeġġeġ il-kompetizzjoni u jinkisbu ekonomiji ta' skala

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 11. L-ANALIŻI U L-IMPENN TAS-SUQ

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

**L-analiżi tas-suq** tipprovdi perspettiva fil-fond ta’ liema provvisti u servizzi jistgħu jew ma jistgħux jiġu pprovduti mis-suq, u taħt liema kundizzjonijiet. Din tinvolvi l-ġbir ta’ informazzjoni dwar l-ixprunaturi ewlenin tas-suq (eż. politiċi, ambjentali, teknoloġiċi, soċjali) u dwar l-offerenti potenzjali. Din l-informazzjoni tista' tintuża biex tiġi ddefinita l-istrateġija tal-akkwist (pereżempju, id-diviżjoni f'lottijiet), il-prezz ta' referenza, u l-kriterji tal-għażla u tal-għoti biex jiġu avvanzati aħjar l-objettivi tal-organizzazzjoni.

**L-impenn tas-suq** huwa proċess ta’ konsultazzjoni li jgħin biex jiġu identifikati l-offerenti u s-soluzzjonijiet potenzjali, jiġi identifikat id-distakk bejn il-ħtieġa tal-akkwist u dak li kapaċi joffri s-suq jew inkella l-għoti ta’ informazzjoni lis-suq dwar akkwist li jmiss. Jistgħu jintużaw tekniki differenti tal-impenn tas-suq, bħal kwestjonarji, djalogu tekniku, jiem miftuħa għall-pubbliku u ittri elettroniċi diretti lill-fornituri, sakemm isiru f’konformità mal-prinċipji tal-akkwist pubbliku (jiġifieri n-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza u t-trattament ugwali), u mal-istandards ta’ etika, privatezza, kunfidenzjalità u integrità, sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġenwina u ġusta.

Din il-kompetenza teħtieġ l-għarfien tal-analiżi tas-suq u tat-tekniki u l-għodod għall-impenn tas-suq li jistgħu jintużaw biex jinftiehmu l-karatteristiċi tas-suq tal-fornituri, kif ukoll il-kundizzjonijiet u x-xejriet tas-suq, sabiex tiġi definita l-istrateġija tal-akkwist.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-kunċetti ewlenin ta’ analiżi u impenn tas-suq f’kuntest ta’ akkwist pubbliku
- L-għodod u t-tekniki ewlenin tal-analiżi tas-suq u tal-impenn tas-suq
- Il-limiti u r-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-komunikazzjoni mal-fornituri potenzjali
- L-istrateġiji u l-proċessi għall-akkwist tal-fornituri

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta’ profiċjenza:**

- Iwettqu konsultazzjoni tas-suq minn qabel f’konformità mal-prinċipji tal-akkwist pubbliku
- Jagħmlu rapport ta’ valutazzjoni tal-akkwist tal-fornituri mingħajr l-impenn tal-fornituri
- Janalizzaw ir-riżultati tal-analiżi tas-suq u tal-proċess tal-impenn u jużawhom biex ifasslu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi
- Jidentifikaw b’mod proattiv l-opportunitajiet tas-suq biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet attwali u futuri
- Ifasslu l-analiżi tas-suq u l-istrateġija ta’ impenn biex ikunu jirriflettu l-istrateġija tal-akkwist
- Jantiċipaw ir-riskji tas-suq għall-istrateġija tal-akkwist
- Jallinjaw l-istrateġija tal-akkwist tal-organizzazzjoni max-xejriet tas-suq
- Jinfluwenzaw is-swieq tal-fornituri permezz ta’ impenn sostnut tas-suq

# Modulu tat-taħriġ nru 12. L-istrateġija tal-akkwist

## Deskrizzjoni tal-kompetenza

It-tfassil tal-**istrateġija tal-akkwist** huwa l-użu intenzjonat ta' elementi differenti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist biex jirriflettu u jisfruttaw il-kundizzjonijiet tas-suġġett tal-akkwist u jiddefinixxu l-aktar proċess xieraq u ta' impatt sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-organizzazzjoni u tiġi żgurata kompetizzjoni ġenwina. Dan jinkludi l-identifikazzjoni tal-aktar għażla xierqa bejn:

- It-tipi ta' proċeduri tal-akkwist;
- L-akkwist awtonomu jew konġunt;
- Il-karatteristiċi tal-proċedura, bħall-kamp ta' applikazzjoni, it-tul ta' żmien u l-qsim f'lottijiet;
- It-tekniki u l-istrumenti għas-sottomissjoni elettronika (irkanti u katalogi elettroniċi, u sistemi dinamiċi tax-xiri);
- It-tipi ta' kuntratti (eż. ftehim dirett jew qafas) u klawżoli dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

Din il-kompetenza teħtieġ l-għarfien tal-firxa ta' strateġiji tal-akkwist disponibbli u l-komponenti tagħhom (eż. f'termini ta' għażla u karatteristiċi tal-proċeduri, strumenti għas-sottomissjoni, tipi ta' kuntratti) sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-organizzazzjoni.

## Suġġetti tat-taħriġ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- It-tipi ta' proċeduri tal-akkwist
- L-akkwist awtonomu jew konġunt
- Il-karatteristiċi tal-proċedura, bħall-kamp ta' applikazzjoni, it-tul ta' żmien u l-qsim f'lottijiet; It-tekniki u l-istrumenti għas-sottomissjoni elettronika (irkanti u katalogi elettroniċi, u sistemi dinamiċi tax-xiri)
- It-tipi ta' kuntratti (eż. ftehim dirett jew qafas) u klawżoli dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt

## Eżiti tat-tagħlim

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jifhmu l-għażliet ewlenin għat-tfassil ta' strateġija tal-akkwist u l-ħtiġijiet korrispondenti u l-kuntest tas-suq
- Jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-akkwist, filwaqt li jidentifikaw u japplikaw il-proċeduri u l-għodod rilevanti
- Jagħżlu l-approċċ tal-akkwist adattat għal kull xiri
- Jiddeċiedu dwar il-kamp ta' applikazzjoni u t-tul ta' żmien ta' proċedura
- Jimplimentaw l-istadji ewlenin tat-tfassil ta' strateġija tal-akkwist
- Iwettqu proċeduri konġunti tal-akkwist transfruntier
- Jużaw il-firxa sħiħa ta' għażliet ta' strateġija tal-akkwist disponibbli fit-tfassil ta' strateġija
- Ifasslu l-istrateġija tal-akkwist skont il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi differenti tas-suq
- Jiġġestixxu l-approċċi għall-akkwisti b'funzjonijiet trasversali
- Jiġġestixxu r-riskji ta' mġiba antikompetittiva
- Jiżviluppaw strateġiji u għodod għat-tfassil ta' strateġiji tal-akkwist skont il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi differenti tas-suq
- Jimmonitorjaw l-implimentazzjoni u jadattaw l-istrateġija tal-organizzazzjoni billi jinkorporaw it-tagħlimiet meħuda mill-proċeduri tal-akkwist preċedenti

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 13. L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

**L-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi** jinvolvi t-trasformazzjoni tas-sejbiet tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-analiżi tas-suq fi speċifikazzjonijiet konkreti u kriterji tal-evalwazzjoni li jistgħu jintużaw fil-valutazzjoni tal-offerti u fl-għoti tal-kuntratt. Dan jinkludi l-iffissar ta' rekwiżiti minimi oġġettivi u mhux preskrittivi żżejjed għas-suġġett sabiex jiġi evitat li l-kompetizzjoni tiġi limitata bla bżonn. L-iżgurar li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jkunu ffokati fuq l-eżiti u li jibqgħu validi fil-futur huwa fundamentali biex ikunu possibbli l-innovazzjoni u t-titjib kontinwu. Meta jkunu qed jabbozzaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, ix-xerrejja pubbliċi għandhom diġà jiddefinixxu l-kriterji tal-esklużjoni, tal-għażla u tal-għoti li ser jintużaw għall-evalwazzjoni tal-offerti sabiex tiġi identifikata l-Aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża (MEAT). L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jistgħu jinkludu wkoll referenzi għal standards u tikketti sabiex ikunu żgurati fehim komuni, trasparenza u trattament ugwali.

Din il-kompetenza teħtieġ l-għarfien tal-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi li jippermettu lill-offerenti potenzjali jissottomettu offerti realistiċi li jindirizzaw direttament il-ħtieġa sottostanti tal-organizzazzjoni.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Ir-rwol u l-format tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi
- L-adattament tal-mudelli meta jkunu qed jiġu abbozzati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi
- Il-formulazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi bl-użu ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew ta' rekwiżiti funzjonali, jew permezz ta' standards ta' referenzjar
- It-tfassil tal-kriterji tal-għażla u tal-għoti u kif dawn jinteraġixxu mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi
- Il-mekkaniżmi ta' ponderazzjoni u punteġġi għall-kriterji mhux tal-prezz

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jifhmu r-rwol u l-format xierqa tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fi proċedura tal-akkwist
- Jifhmu l-implikazzjonijiet tar-regoli nazzjonali u tal-UE dwar it-tħejjija tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi
- Jappoġġjaw l-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi
- Jiżviluppaw speċifikazzjonijiet tekniċi li jirriflettu l-eżiti tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-analiżi tas-suq
- Jużaw rekwiżiti ta' prestazzjoni jew rekwiżiti funzjonali jew jagħmlu referenzi għal standards u tikketti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi
- Jiddefinixxu l-mekkaniżmi ta' ponderazzjoni u punteġġi użati fil-proċeduri tal-akkwist
- Iwettqu ġbir ta' *data* biex jirfinaw l-ispeċifikazzjonijiet
- Jadattaw l-approċċ għall-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għal ħtiġijiet u swieq differenti
- Jiżguraw li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jkunu adattati għall-fażi ta' ġestjoni tal-kuntratti
- Jiddefinixxu l-politiki u l-linji gwida organizzazzjonali għall-abbozzar ta' speċifikazzjoni teknika skont l-aħjar prattiki internazzjonali u f'konformità mar-regoli nazzjonali u tal-UE
- Jimmonitorjaw il-prestazzjoni u jidentifikaw it-tagħlimiet meħuda

# Modulu tat-taħriġ nru 14. Id-dokumentazzjoni tal-offerti

## Deskrizzjoni tal-kompetenza

Sabiex titnieda proċedura tal-akkwist, għandha titħejja d-**dokumentazzjoni tal-offerta** u jridu jiġu ddefiniti l-kriterji tal-esklużjoni, tal-għażla u tal-għoti li huma l-bażi għad-deċiżjoni dwar l-għoti ta' kuntratt. Id-dokumentazzjoni tal-offerta (minbarra l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi) tispjega r-rekwiżiti amministrattivi tal-proċedura, tiġġustifika l-valur stmat tal-kuntratt, u tispeċifika t-termini u l-kundizzjonijiet li taħthom għandhom jiġu sottomessi, evalwati u mogħtija l-offerti. Dawn jistgħu jinkludu elementi oħrajn bħal abbozzi ta' dispożizzjonijiet kuntrattwali, kundizzjonijiet ta' kanċellazzjoni għall-offerta, kif ukoll modifiki, dispożizzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni u t-terminazzjoni, eċċ.

Din il-kompetenza teħtieġ l-għarfien tal-kontenut tad-dokumentazzjoni tal-offerta, inklużi l-kriterji tal-esklużjoni, tal-għażla u tal-għoti li huma l-bażi għad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-kuntratt, sabiex titmexxa proċedura tal-akkwist b'suċċess.

## Suġġetti tat-taħriġ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- It-tfassil tal-kriterji tal-esklużjoni, tal-għażla u tal-għoti
- Ir-rekwiżiti amministrattivi tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku
- Il-konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE
- L-inkorporazzjoni tal-perspettiva tal-operaturi ekonomiċi u r-riżultat tal-analiżi u l-konsultazzjoni tas-suq

## Eżiti tat-tagħlim

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jidentifikaw b'mod korrett id-dokumenti li għandhom jiġu inklużi f'dossier tal-offerti
- Jużaw il-mudelli u d-dokumenti mudell rilevanti li jimmassimizzaw il-parteċipazzjoni tal-operaturi ekonomiċi biex:
    a. Iħejju l-kriterji tal-għażla, tal-esklużjoni u tal-għoti
    b. Iħejju struzzjonijiet għall-offerenti
    c. Iħejju dokumentazzjoni applikabbli oħra tal-offerti
- Jistabbilixxu l-miżuri ta' prestazzjoni li għandhom jintużaw fil-fażi ta' ġestjoni tal-kuntratti
- Jiddeterminaw il-mudell tal-kuntratt xieraq
- Jippubblikaw avviżi tas-sejħiet għall-offerti
- Jinkorporaw ir-rekwiżiti tekniċi, kummerċjali u ambjentali fid-dokumentazzjoni tal-offerti
- Jinkorporaw ir-rekwiżiti funzjonali fid-dokumentazzjoni tal-offerti
- Ifasslu strateġija għad-dokumentazzjoni tal-offerti għall-organizzazzjoni f'konformità mal-qafas ġuridiku rilevanti
- Iwettqu rieżami tal-konformità ta' dokumentazzjoni tal-offerti

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 15. L-EVALWAZZJONI TAL-OFFERTI

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

Il-proċess tal-**evalwazzjoni tal-offerti** jrid jiżgura li l-offerti jiġu vvalutati b'mod oġġettiv u legalment konformi u fl-isfond tal-kriterji tal-esklużjoni, tal-għażla u tal-għoti definiti fis-sejħa għall-offerti, sabiex tiġi identifikata l-Aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża (MEAT). Il-kumitat tal-evalwazzjoni għandu jitmexxa minn amministraturi b'esperjenza li huma kompetenti sewwa fir-rwoli, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi proċedurali tagħhom, appoġġjati minn esperti tekniċi rilevanti fil-qasam tas-suġġett, inkluża l-valutazzjoni tal-istandards u tat-tikketti. Il-proċess għandu jkun iddokumentat biex jipprovdi l-evidenza u r-raġuni fundamentali għall-għotja.

Din il-kompetenza teħtieġ l-għarfien tal-proċess ta' evalwazzjoni xieraq skont it-tip ta' proċeduri tal-akkwist, inklużi r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-kumitat tal-evalwazzjoni, sabiex jiġi żgurat li l-offerti kollha jiġu vvalutati b'mod oġġettiv u trasparenti fl-isfond ta' kriterji definiti minn qabel.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- L-istadji tal-proċess tal-evalwazzjoni
- Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-kumitat tal-evalwazzjoni
- Il-prinċipji tal-akkwist pubbliku

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jifhmu r-rwoli u r-responsabbiltajiet ewlenin fil-proċess tal-evalwazzjoni tal-offerti
- Iħejju d-dokumentazzjoni rilevanti għall-proċess tal-evalwazzjoni tal-offerti
- Jipparteċipaw f'kumitat tal-evalwazzjoni
- Jipprovdu feedback lill-offerenti
- Jivverifikaw in-nuqqas ta' kunflitt ta' interess fost il-membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni
- Jippubblikaw avviż ta' għoti ta' kuntratt u avviż ta' kanċellazzjoni
- Jidentifikaw u jimmobilizzaw il-kumitati ta' evalwazzjoni bil-livell xieraq ta' għarfien u esperjenza
- Jiżguraw li l-evalwazzjonijiet jitwettqu b'mod ġust, trasparenti u sistematiku
- Isolvu każijiet kumplessi ta' kunflitt ta' interess matul l-evalwazzjonijiet tal-offerti

# Modulu tat-taħriġ nru 16. Il-ġestjoni tal-kuntratti

## Deskrizzjoni tal-kompetenza

**Il-ġestjoni tal-kuntratti** tinvolvi l-iżgurar li s-suġġett tal-akkwist jitwassal skont it-termini, il-kundizzjonijiet fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kuntratt, u f'konformità mar-rekwiżiti legali u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha. Din tinkludi aspetti relatati mal-governanza, ir-riskju, il-prestazzjoni (u Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs), ir-regoli dwar il-modifiki tal-kuntratti u l-ġestjoni finanzjarja tal-kuntratti.

Fil-każ tal-kuntratti ta' provvista, il-ġestjoni tal-kuntratti tkopri wkoll il-loġistika u l-ġestjoni tal-inventarju. Dan ifisser li jiġi żgurat li l-oġġetti jitwasslu fil-ħin u jiġu ssodisfati l-istandards tal-kwalità, u li d-disponibbiltà tal-ħażniet tinżamm b'mod konsistenti u kosteffettiv.

Din il-kompetenza teħtieġ l-għarfien tal-prinċipji tal-ġestjoni tal-kuntratti għall-iżgurar ta' twettiq xieraq, f'konformità mar-rekwiżiti legali u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha, kif ukoll kunsiderazzjonijiet ta' loġistika u ġestjoni tal-inventarju.

## Suġġetti tat-taħriġ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-kunċetti u l-istadji ewlenin tal-ġestjoni tal-kuntratti u tal-inventarju
- Il-pjanijiet għall-ġestjoni tal-kuntratti
- Il-prinċipji tad-dritt kuntrattwali
- Il-ġestjoni tan-nuqqas ta' konformità teknika, l-azzjonijiet korrettivi u preventivi
- Il-proċedura u l-limiti għall-modifiki tal-kuntratti
- Id-dokumentazzjoni u ż-żamma ta' rekords matul il-fażi tal-ġestjoni tal-kuntratti
- L-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-fornituri, inklużi verifiki u listi ta' kontroll
- Il-proċeduri ta' responsabbiltà ċivili
- It-terminazzjoni ta' kuntratt

## Eżiti tat-tagħlim

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jorganizzaw u jappoġġjaw il-funzjonijiet tal-esekuzzjoni tal-kuntratt f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni, il-kwalità, iż-żmien u l-baġit
- Jifhmu l-prinċipji fundamentali tad-dritt kuntrattwali kif japplikaw għall-akkwist pubbliku
- Jorganizzaw u jwettqu l-istadji kollha tal-ġestjoni tal-kuntratti
- Jinfluwenzaw u japplikaw strateġiji għall-ġestjoni tar-riskji u tal-prestazzjoni
- Jivverifikaw li l-oġġetti u s-servizzi huma skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi
- Jifhmu l-implikazzjonijiet tal-modifiki tal-kuntratti fuq il-kamp ta' applikazzjoni, il-kwalità, iż-żmien u l-baġit
- Iwettqu l-għeluq tal-kuntratti
- Jamministraw id-*data*bases/ir-reġistri tal-kuntratti
- Jiġġestixxu l-inventarju u l-loġistika
- Jimmonitorjaw u jiġġestixxu l-amministrazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-kuntratti
- Jantiċipaw u jirreaġixxu għal bidliet mhux mistennija u jiżguraw ġestjoni flessibbli tal-kuntratti
- Jamministraw modifiki fil-kuntratti f'konformità mal-limitazzjonijiet legali
- Jiddefinixxu l-pjan għall-ġestjoni tal-kuntratti tal-organizzazzjoni f'konformità mal-pjan tal-akkwist
- Jisiltu konklużjonijiet ewlenin mill-ħidma miksuba u jwettqu rieżami tal-effettività u tal-prestazzjoni tal-ġestjoni tal-kuntratti

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 17. IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI U L-ĦLAS

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

Qabel ma tipproċedi bi ħlas lil kuntrattur għall-forniment ta' provvisti, xogħlijiet jew servizzi, jeħtieġ li l-organizzazzjoni tal-akkwist **twettaq kontroll ta' verifika** biex tiżgura l-allinjament mal-ispeċifikazzjonijiet tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt u r-regoli finanzjarji u ta' kontabbiltà kollha applikabbli.

Din il-kompetenza teħtieġ l-għarfien tal-prinċipji ta' verifika u l-qafas ta' kontroll finanzjarju li jiżguraw li l-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet rilevanti jiġu kkonsenjati f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt u r-regoli finanzjarji u ta' kontabbiltà kollha applikabbli sabiex isir il-ħlas.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- L-istadji u l-proċeduri ewlenin tal-proċess ta' ċertifikazzjoni u ħlas
- Il-prinċipji ta' verifika u l-kontrolli tal-kwalità
- L-oqfsa ta' kontroll finanzjarju
- Il-funzjonament ta' trasferimenti bankarji, ittri ta' kreditu u sistemi oħrajn ta' ħlas
- Ir-riskji u l-miżuri ta' mitigazzjoni matul il-proċess ta' ċertifikazzjoni u ħlas

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jifhmu l-kunċetti ewlenin u l-proċeduri fil-proċess ta' ċertifikazzjoni u ħlas
- Jifhmu kif ir-regoli finanzjarji u tal-kontabbiltà jħallu impatt fuq il-proċess ta' ċertifikazzjoni u ħlas
- Iħejju l-formoli tal-proċess u x-xogħol amministrattiv għaċ-ċertifikazzjoni u l-ħlas
- Jivverifikaw li l-fatturi jaqblu mal-irċevuti u mat-tranżazzjonijiet tal-ordnijiet
- Jużaw it-tekniki u l-għodod rilevanti biex jivverifikaw il-pagamenti doppji
- Jibagħtu t-talbiet għal ħlas
- Jantiċipaw ir-riskji u jipproponu miżuri ta' mitigazzjoni biex jindirizzaw il-kwistjonijiet qabel ma jqumu
- Ifasslu proċessi effiċjenti ta' ċertifikazzjoni u ħlas għall-funzjoni tal-organizzazzjoni/akkwist
- Jimmassimizzaw is-sistemi u l-għodod rilevanti biex joħolqu kultura ta' verifika u konformità
- Isolvu kwistjonijiet kumplessi relatati mal-ħlas

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 18. IR-RAPPORTAR U L-EVALWAZZJONI

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

**Ir-rapportar u l-evalwazzjoni** huma l-valutazzjoni *ex post* tar-riżultati u l-eżiti ta' proċess tal-akkwist biex jiġu vvalutati l-punti ta' saħħa u d-dgħufijiet u jinsiltu tagħlimiet għas-sejħiet għall-offerti futuri. Dawn isiru billi tinġabar id-*data* rilevanti f'konformità mal-obbligi organizzazzjonali u ta' rapportar nazzjonali.

Din il-kompetenza teħtieġ l-għarfien tal-għodod u t-tekniki ta' monitoraġġ għall-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-kuntratti

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- L-għodod u t-tekniki ta' monitoraġġ
- Ir-rekwiżiti u l-istandards ta' rapportar nazzjonali u Ewropej, kif ukoll il-proċeduri għall-implimentazzjoni tagħhom
- Ir-rendikont tal-entrati u s-sistemi u l-għodod ta' rapportar
- Il-verifiki *ex post*

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jimplimentaw ir-rekwiżiti u l-istandards u l-proċeduri interni, nazzjonali u Ewropej tar-rapportar
- Jifhmu l-importanza li jiġu żgurati rendikont tal-entrati u l-istadji ewlenin tal-akkwist marbuta miegħu
- Jeżaminaw u jivvalutaw id-*data* dwar il-prestazzjoni tal-akkwist
- Jittrattaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u tar-rapporti ta' verifika *ex post*
- Iwettqu verifika *ex post*
- Jimmonitorjaw l-eżiti biex jiġu identifikati t-tagħlimiet meħuda mill-proċeduri u l-kuntratti li tlestew
- Jimpenjaw lill-fornituri u lil partijiet ikkonċernati oħrajn biex jiġbru feedback dwar il-proċeduri/kuntratti tal-passat
- Jipproponu titjib għall-inkorporazzjoni tat-tagħlimiet meħuda
- Ifasslu sistemi biex jiġbru, janalizzaw u jinkorporaw it-tagħlimiet meħuda mill-proċeduri tal-akkwist konklużi

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 19. IR-RIŻOLUZZJONI / IL-MEDJAZZJONI TAL-KUNFLITTI

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

**Ir-riżoluzzjoni jew il-medjazzjoni tal-kunflitti** tirreferi għall-proċess ta':

- Il-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' punti ta' differenza, nuqqasijiet ta' qbil u kunflitti bejn il-partijiet, matul il-fażijiet kollha tal-proċess tal-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti, sabiex jintlaħaq ftehim għall-interess komuni taż-żewġ partijiet; u
- Il-ġestjoni tal-ilmenti mressqa kontra l-organizzazzjoni skont is-sistema tal-evalwazzjoni nazzjonali; u
- Il-fehim tas-sistema tal-evalwazzjoni u tas-sistema tar-rimedji nazzjonali, kif ukoll tal-mekkaniżmi ta' soluzzjoni tal-kunflitti f'livelli differenti.

Din il-kompetenza teħtieġ l-għarfien tal-proċessi ta' riżoluzzjoni u medjazzjoni tal-kunflitti, inkluż il-ġestjoni tal-ilmenti u l-proċeduri fil-kuntest tas-sistema tal-evalwazzjoni nazzjonali.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-mekkaniżmi tat-tressiq tal-imenti
- Ir-rimedji rregolati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE
- L-għodod għall-prevenzjoni ta' kunflitti
- It-tekniki għar-riżoluzzjoni, l-arbitraġġ u l-medjazzjoni tal-kunflitti

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' proficjenza:**

- Japplikaw l-għodod u t-tekniki ewlenin ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti rilevanti għall-akkwist pubbliku
- Jużaw għodod prattiċi li jippermettu titjib kontinwu biex jiffaċilitaw il-prevenzjoni tal-kunflitti fit-tul (eż. il-ġbir u l-indirizzar tar-feedback dwar l-oqsma għal titjib issuġġeriti mill-operaturi ekonomiċi)
- Janalizzaw b'mod oġġettiv il-fatti tas-sitwazzjoni u jippreżentaw sejbiet u rakkomandazzjonijiet ċari għal soluzzjonijiet potenzjali
- Jantiċipaw u jimplimentaw tekniki differenti ta' riżoluzzjoni, arbitraġġ u medjazzjoni tal-kunflitti
- Iħejju reazzjonijiet għall-ilmenti u l-kunflitti mal-fornituri
- Ifasslu proċeduri għall-evitar u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti potenzjali

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 20. L-ADATTABBILTÀ U L-MODERNIZZAZZJONI

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

Jeħtieġ li l-professjonisti tal-akkwist pubbliku **jirreaġixxu u jadattaw** għal kompiti u ċirkostanzi li qed jinbidlu. Dawn il-bidliet jistgħu jseħħu f'termini tal-metodi ta' ħidma (eż. id-diġitalizzazzjoni), l-aspettattivi taċ-ċittadini (eż. is-sikurezza tal-ikel), is-soluzzjonijiet u l-isfidi teknoloġiċi (eż. il-"big data" u ċ-ċibersigurtà), ix-xenarji ta' emerġenza (eż. pandemiji, diżastri naturali), u l-isfidi tal-politika (eż. it-tibdil fil-klima).

Il-professjonisti tal-akkwist pubbliku jridu jżommu ruħhom aġġornati dwar il-bidliet rilevanti fl-ambjent regolatorju, politiku u teknoloġiku tal-akkwist pubbliku. Huma jridu jżommu moħħ miftuħ għal kundizzjonijiet li qegħdin jinbidlu, ideat u perspettivi ġodda u metodi ta' ħidma. Huma jridu jadattaw, ikunu reżiljenti għall-bidla u saħansitra jħaddnu l-bidla billi jfittxu soluzzjonijiet moderni u innovattivi biex jingħelbu l-isfidi l-ġodda tal-akkwist. Huma għandhom ikunu kapaċi jevalwaw mill-ġdid l-approċċ tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza biex jiżguraw il-konformità filwaqt li jagħmlu użu sħiħ mill-flessibbiltajiet disponibbli. Huma għandhom jidentifikaw opportunitajiet ta' tagħlim u żvilupp li jappoġġjaw l-adattament aġli għat-tibdil u għodod ġodda.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tat-tekniki u l-għodod għall-ġestjoni tal-bidla.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- It-tekniki u l-għodod għall-ġestjoni tal-bidla
- It-tekniki tal-iżvilupp organizzazzjonali
- Il-kunċetti ewlenin tar-reżiljenza personali u organizzazzjonali
- Is-soluzzjoni tal-problemi b'mod kreattiv
- L-aġilità tat-tagħlim
- Il-ħsieb tad-disinn

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jaffrontaw sitwazzjoni ġdida b'moħħ miftuħ
- Jaħdmu b'mod effiċjenti waqt li jkunu qed jiffaċċjaw inċertezza
- Japplikaw tekniki speċifiċi li jgħinu biex tinbena l-fiduċja meta jiġu ttrattati għodod u proċessi differenti
- Japplikaw approċċi u għodod effettivi għall-ġestjoni tal-bidla
- Jadattaw l-imġiba personali għal sitwazzjonijiet differenti
- Japplikaw tekniki li jistgħu jgħinu biex tinbena aktar reżiljenza
- Jimplimentaw approċċi għall-ġestjoni tal-bidla li jgħinu biex l-ideat jinbidlu f'azzjonijiet
- Jaġixxu bħala faċilitaturi tal-ġestjoni tal-bidla fi ħdan l-organizzazzjoni
- Jimmassimizzaw u jinfluwenzaw lill-partijiet ikkonċernati ewlenin matul il-proċess tal-bidla
- Jinkoraġġixxu u joħolqu ambjent li jwassal għal azzjoni, innovazzjoni u tagħlim
- Jiżviluppaw strateġija tal-organizzazzjoni biex tinbena r-reżiljenza organizzazzjonali
- Jidentifikaw xejriet u approċċi ġodda fis-suq li jinkoraġġixxu l-modernizzazzjoni

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 21. IL-ĦSIEB ANALITIKU U KRITIKU

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

Jeħtieġ li l-professjonisti tal-akkwist iħaddnu **ħsieb analitiku u kritiku** biex jevalwaw l-informazzjoni bi preċiżjoni u oġġettività. Meta jagħmlu dan, huma jużaw ġudizzju tajjeb, jantiċipaw l-opportunitajiet u t-theddid u jsolvu l-problemi b'mod effiċjenti u kreattiv.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tal-approċċi u l-għodod ta' ħsieb analitiku u kritiku.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-kunċetti ewlenin ta' ħsieb analitiku u kritiku u l-approċċi u l-għodod
- L-analiżi kwalitattiva tad-*data*
- L-analiżi kwantitattiva tad-*data*

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jifhmu l-importanza li jużaw ħsieb kritiku meta jsolvu l-problemi
- Jaħsbu b'mod analitiku u kritiku f'bosta sitwazzjonijiet u jidentifikaw l-ostakoli għall-ħsieb analitiku u kritiku personali
- Jużaw approċċi ta' *data* kwalitattiva u kwantitattiva
- Jisiltu interpretazzjonijiet u korrelazzjonijiet tad-*data*
- Jimplimentaw mudelli avvanzati għall-analiżi tad-*data*
- Jipprijoritizzaw il-kwistjonijiet abbażi ta' approċċ loġiku
- Jisiltu interpretazzjonijiet u korrelazzjonijiet kumplessi tad-*data*
- Imexxu sessjonijiet ta' brainstorming kollettivi bl-użu ta' ħsieb kreattiv
- Joħolqu sistemi u għodod li jgħinu fl-iżvilupp ta' ħsieb analitiku u kritiku fl-organizzazzjoni kollha
- Jużaw ħsieb analitiku u kritiku biex jindirizzaw sitwazzjonijiet kumplessi li jeħtieġu soluzzjonijiet effettivi
- Jimmassimizzaw is-setgħa tal-ħsieb individwali u organizzattiv

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 22. IL-KOMUNIKAZZJONI

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

**Il-komunikazzjoni** għandha l-għan li tiżgura li l-għanijiet u l-proċessi ta' politika tal-akkwist b'mod ġenerali, kif ukoll il-proċeduri tal-akkwist individwali, jinftiehmu sewwa mill-partijiet ikkonċernati. Din tistrieħ fuq l-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni xierqa (bil-fomm, bil-kitba, b'mod elettroniku) sabiex titwassal informazzjoni rilevanti u preċiża f'konformità mal-prinċipji tal-akkwist pubbliku ta' nondiskriminazzjoni, trasparenza u trattament ugwali. Meta jagħmlu dan, jeħtieġ li l-professjonisti tal-akkwist pubbliku jadattaw il-mezz ta' komunikazzjoni u l-messaġġ għall-udjenza fil-mira.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tal-għodod u t-tekniki ta' komunikazzjoni u kif jiġu applikati l-prinċipji tal-akkwist pubbliku f'diversi sitwazzjonijiet ta' komunikazzjoni.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Kif jiġu applikati l-prinċipji tal-akkwist pubbliku f'diversi sitwazzjonijiet ta' komunikazzjoni.
- L-istrateġiji u l-għodod ta' komunikazzjoni li tħalli impatt
- Id-diversi stili ta' komunikazzjoni
- Id-diskors fil-pubbliku
- Ħiliet effettivi fil-kitba

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Kif japplikaw il-prinċipji tal-akkwist pubbliku (jiġifieri n-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza u t-trattament ugwali) f'diversi sitwazzjonijiet ta' komunikazzjoni
- Jiġbru fil-qosor il-punti essenzjali ta' konverżazzjoni jew laqgħa
- Jesprimu ruħhom b'mod xieraq, kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba
- Jidentifikaw u jużaw diversi mezzi u għodod ta' komunikazzjoni
- Jifhmu l-importanza tal-komunikazzjoni verbali u mhux verbali
- Inaqqsu l-kumplessità fil-komunikazzjoni verbali
- Jużaw strateġiji ta' smigħ attiv u ta' komunikazzjoni xierqa matul il-konverżazzjonijiet jew il-laqgħat
- Jirrispondu lill-operaturi ekonomiċi dwar ir-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni tal-offerti
- Iħejju l-komunikazzjoni tar-riżultati b'mod dettaljat u preċiż
- Ikunu persważivi u jużaw strateġiji ta' komunikazzjoni influwenti
- Ifasslu u jimplimentaw strateġija ta' komunikazzjoni
- Jadattaw għal stili differenti ta' komunikazzjoni
- Jiktbu b'mod impekkabbli u professjonali
- Joħolqu ambjent miftuħ u ta' fiduċja biex issir komunikazzjoni onesta fi ħdan l-organizzazzjoni
- Jittrattaw sitwazzjonijiet kumplessi filwaqt li jibqgħu emozzjonalment komposti, fattwali u oġġettivi

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 23. L-ETIKA U L-KONFORMITÀ

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

Il-partijiet ikkonċernati tal-akkwist pubbliku jridu jiżguraw **konformità** mar-regoli, il-kodiċijiet ta' kondotta u l-linji gwida kollha applikabbli u aderenza għall-prinċipji tal-akkwist pubbliku: It-trattament ugwali, in-nondiskriminazzjoni, It-trasparenza u l-proporzjonalità.

Il-partijiet ikkonċernati kollha involuti fl-akkwist pubbliku jridu jiżguraw verifika matul il-firxa sħiħa ta' kompiti konkreti, billi jagħmlu użu mill-għodod disponibbli biex jivvalutaw ir-riskji ta' kunflitt ta' interess u korruzzjoni, minn naħa waħda, u prattiki antikompetittivi minn fornituri, bħall-kollużjoni u t-tbagħbis fl-offerti, jew problemi potenzjali fir-rigward tal-konformità fix-xogħol tagħhom, min-naħa l-oħra.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tar-regoli u l-prinċipji proċedurali applikabbli, kif ukoll tal-għodod, il-kodiċijiet u d-dokumenti ta' gwida li jgħinu biex tiġi żgurata l-aderenza magħhom.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-prinċipji etiċi ewlenin u l-imġiba bi standards għoljin ta' integrità
- L-obbligi legali u l-konformità
- Ir-riskji rilevanti fil-proċess tal-akkwist pubbliku
- Il-kodiċijiet ta' kondotta tal-amministrazzjoni pubblika
- L-istrateġija nazzjonali kontra l-korruzzjoni

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Il-prinċipji etiċi ewlenin u l-imġiba bi standards għoljin ta' integrità
- Ir-regoli organizzazzjonali/il-kodiċi ta' kondotta, il-linji gwida kontra l-korruzzjoni/kontra l-kollużjoni u l-istandards etiċi
- Japplikaw protokoll ta' awtoverifika biex jivvalutaw l-imġiba etika tagħhom
- Jiżguraw li l-proġetti tal-akkwist u l-katina tal-provvista jkunu konformi mal-istandards etiċi internazzjonali
- Jipprovdu rakkomandazzjonijiet u pariri biex itejbu l-konformità u l-istandards u l-politiki etiċi
- L-użu ta' għodod speċifiċi għall-prevenzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitt ta' interess fl-evalwazzjonijiet tal-offerti (eż. awtodikjarazzjonijiet)
- Jimmonitorjaw l-azzjonijiet li jixprunaw konformità effettiva u titjib kostanti
- Joħolqu kultura li tippromwovi u tippremja l-konformità
- Joħolqu l-kodiċi ta' kondotta/etika ta' organizzazzjoni
- Jindividwaw politiki, prattiki u proċessi ineffiċjenti u mhux etiċi li jżommuhom milli jiksbu l-aqwa riżultati tal-akkwist
- Jiżviluppaw protokolli ta' awtoverifika biex jikkontestaw l-imġiba tal-persunal aktar milli l-proċessi

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 24. IL-KOLLABORAZZJONI

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

L-ebda professjonist tal-akkwist pubbliku ma jaħdem b'mod iżolat. Sabiex jirnexxu, jenħtieġ li l-professjonisti tal-akkwist **jikkollaboraw** ma' xulxin u mal-ambjent tagħhom. Dan ifisser ħidma f'timijiet u l-inkoraġġiment tal-kondiviżjoni ta' ideat u strateġiji u l-ġbir ta' kontribut u għarfien espert. Dan huwa applikabbli bl-istess mod għal organizzazzjoni żgħira fejn ix-xerrej pubbliku jkollu jistrieħ fuq partijiet ikkonċernati interni u esterni, kif ukoll fuq organizzazzjonijiet akbar u korpi ċentrali għall-akkwisti, fejn ikun hemm strateġija konxja għall-bini ta' timijiet tal-akkwist multidixxiplinarji għal proċeduri tal-akkwist speċifiċi (eż. avukat, ekonomista, speċjalista jew espert fis-suġġett).

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tal-għodod u t-tekniki ta' kollaborazzjoni.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-ħidma f'tim u l-valuri tat-tim
- Il-ħidma f'timijiet multidixxiplinarji
- It-tekniki u l-approċċi kollaborattivi

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jifhmu l-importanza tal-ħidma f'tim biex joħolqu valur
- Jifhmu l-valur tat-timijiet multidixxiplinarji u l-ingranaġġ fuqhom
- Jifhmu x'inhi l-kultura u l-importanza ta' smigħ attiv
- Jużaw smigħ attiv biex jikkollaboraw ma' membri oħrajn tat-tim u biex jiġbru l-kontribut minn servizzi differenti
- Jadattaw l-imġiba personali għal ħaddieħor
- Jibnu timijiet u netwerks kollaborattivi bbażati fuq il-ħtiġijiet u t-taħlita t-tajba ta' kompetenzi biex jappoġġjaw l-attività ta' ħolqien ta' valur
- Jiġġestixxu u jagħmlu l-aħjar użu mit-timijiet ta' ħidma multidixxiplinarji
- Jaġixxu bħala faċilitaturi tal-kondiviżjoni tal-għarfien fost id-diversi funzjonijiet/dipartiment ta' organizzazzjoni

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 25. IL-ĠESTJONI TAR-RELAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

**Il-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati** tfisser il-ħolqien u ż-żamma ta' relazzjonijiet interni u esterni tajbin ibbażati fuq il-fiduċja reċiproka u l-kredibbiltà. Il-professjonisti tal-akkwist pubbliku spiss ikollhom bżonn jikkollaboraw mal-partijiet ikkonċernati sabiex jilħqu l-għanijiet organizzazzjonali u jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tal-kunċetti u l-metodi ewlenin tal-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.

## OBJETTIVI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-partijiet ikkonċernati interni u esterni
- It-tekniki ta' ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati
- It-tmexxija u l-motivazzjoni tal-pari

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jidentifikaw il-partijiet ikkonċernati interni u esterni tal-organizzazzjoni
- Japplikaw għodod strutturati għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, bħal sistemi għall-ġestjoni tad-*data*
- Jifhmu kif il-partijiet ikkonċernati jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet u l-proġetti tal-akkwist
- Jittrattaw ma' bosta partijiet ikkonċernati b'interessi diverġenti
- Jiġġestixxu l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati interni u esterni
- Japplikaw tekniki avvanzati għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati (eż. reġistru tal-partijiet ikkonċernati, matriċi ta' impenn tal-partijiet ikkonċernati)
- Joħolqu viżjoni, missjoni u valur għal organizzazzjoni li titkellem mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni kollha
- Jiżviluppaw tekniki u għodod għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

# Modulu tat-taħriġ nru 26. Il-ġestjoni u t-tmexxija tat-tim

## Deskrizzjoni tal-kompetenza

**Il-ġestjoni u t-tmexxija tat-tim** huma essenzjali biex jiġu stabbiliti direzzjoni ċara u objettivi li jistgħu jintlaħqu għat-timijiet u l-funzjonijiet tal-akkwist. Dawn għandhom jintużaw biex jippromwovu ambjent kollaborattiv u jaħdmu biex jintlaħqu għanijiet komuni. Dan jimplika l-użu ta' metodi u tekniki li huma mfassla apposta għat-tim biex jappoġġja lill-membri tiegħu, billi jiddefinixxu b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet; jistabbilixxu l-aspettattivi dwar il-prestazzjoni individwali u tal-grupp; u jinkoraġġixxu lit-tim biex jaħdem flimkien biex jintlaħqu l-miri stabbiliti.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tal-kunċetti u l-metodi ewlenin tal-ġestjoni tat-tim.

## Suġġetti tat-taħriġ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-kunċetti ewlenin tal-ġestjoni tat-tim u t-tmexxija pożittiva
- Il-metodi u l-għodod għall-ġestjoni tat-tim
- L-analiżi tal-imġiba
- L-istili ta' ġestjoni

## Eżiti tat-tagħlim

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Japplikaw il-metodi u l-għodod ta' ġestjoni tat-tim fuq bażi ta' kuljum
- Jidentifikaw il-punti ta' saħħa u d-dgħufijiet tal-membri tat-tim
- Jikkapitalizzaw fuq il-punti ta' saħħa tal-membri tat-tim u jtejbuhom
- Jipprovdu feedback kostruttiv lit-tim u jirrikonoxxu l-kisbiet tiegħu
- Jimplimentaw stil ta' ġestjoni bi tmexxija pożittiva
- Jifhmu kif l-istruttura tal-organizzazzjoni tinfluwenza t-tmexxija
- Jifhmu l-preferenzi tal-imġiba tagħhom u jiżviluppaw il-ħiliet ta' tmexxija kif xieraq
- Jadattaw l-istil ta' ġestjoni tagħhom għal individwi u mġibiet differenti
- Jipperswadu, jinvolvu u jispiraw lil persuni oħrajn u jinvolvuhom fl-attivitajiet li joħolqu valur
- Jippromwovu u jixprunaw kultura ta' tmexxija u eċċellenza
- Joħolqu approċċi u għodod għall-ġestjoni u t-tmexxija tat-tim

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 27. L-GĦARFIEN ORGANIZZAZZJONALI

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

**L-għarfien organizzazzjonali** huwa l-fehim tal-istruttura amministrattiva, tal-kultura organizzazzjonali, kif ukoll tal-qafas legali u ta' politika, li jħalli impatt fuq l-organizzazzjoni. Dan jippermetti li wieħed jifhem l-ixprunaturi u l-motivazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati differenti, u li jieħu azzjonijiet xierqa li jwasslu għall-kisba ta' valur għall-flus u l-aħjar eżitu għall-organizzazzjoni.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tal-istruttura, il-proċeduri u l-proċessi amministrattivi tal-organizzazzjoni, tal-kultura interna u tal-qafas legali u ta' politika.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ, li għandu jingħata internament mill-organizzazzjoni, għandu jkopri:**

- L-istorja, il-viżjoni u d-dikjarazzjoni tal-missjoni tal-organizzazzjoni, il-prijoritajiet ta' politika u l-objettivi strateġiċi
- L-istruttura ta' ġestjoni, il-proċeduri interni, is-sistemi u l-għodod tal-organizzazzjoni
- L-aspetti tar-riżorsi umani, inklużi l-opportunitajiet ta' żvilupp tal-karriera u ta' taħriġ
- Il-qafas legali u l-istandards etiċi u ta' konformità tal-organizzazzjoni

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jifhmu d-dikjarazzjoni tal-missjoni, il-prijoritajiet ta' politika u l-għanijiet tal-organizzazzjoni u kif dawn jirrelataw mal-funzjoni tal-akkwist
- Jifhmu l-valuri, il-kultura interna u l-aspetti soċjali tal-organizzazzjoni li jappoġġjaw il-ħidma f'tim b'suċċess
- Jifhmu l-istruttura tal-organizzazzjoni u r-rwol tad-dipartimenti differenti involuti fil-funzjoni tal-akkwist
- Japplikaw il-proċeduri interni, is-sistemi u l-flussi tax-xogħol tal-organizzazzjoni
- Jidentifikaw id-diversi partijiet ikkonċernati interni u esterni tal-organizzazzjoni, il-ħtiġijiet, ir-relazzjonijiet u l-modi ta' komunikazzjoni tagħhom
- Jifhmu l-ambjent legali tal-organizzazzjoni
- Jifhmu l-prospetti tal-karriera fi ħdan l-organizzazzjoni u l-opportunitajiet ta' taħriġ li jappoġġjaw l-iżvilupp professjonali individwali

# MODULU TAT-TAĦRIĠ NRU 28. IL-ĠESTJONI TAL-PROĠETTI

## DESKRIZZJONI TAL-KOMPETENZA

It-twettiq effettiv ta' proġett tal-akkwist jeħtieġ il-fehim u l-applikazzjoni ta' kunċetti, prattiki u għodod ewlenin għall-ġestjoni tal-proċeduri tal-akkwist. Dawn il-kunċetti tal-**ġestjoni tal-proġetti** jistgħu jintużaw biex jiġi żgurat li l-proġetti tal-akkwist jitwettqu f'konformità mal-iskeda ta' żmien, il-baġit, il-kwalità, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u l-mitigazzjoni tar-riskju mistennija.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tal-kunċetti u l-għodod ewlenin tal-ġestjoni tal-proġetti rilevanti għall-amministrazzjoni pubblika.

## SUĠĠETTI TAT-TAĦRIĠ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-kunċetti u l-għodod ewlenin tal-ġestjoni tal-proġett
- L-ippjanar u l-ġestjoni tal-ħin
- Id-delega tal-kompiti
- L-għoti ta' feedback kostruttiv
- Il-ġestjoni tar-riskji tal-proġetti

## EŻITI TAT-TAGĦLIM

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jidentifikaw il-prijoritajiet ewlenin u jiddefinixxu pjan ta' azzjoni xieraq
- Jidentifikaw u jindikaw ir-riskji potenzjali tal-proġetti
- Jitolbu appoġġ u pariri
- Joħolqu u jimplimentaw pjan tal-proġett
- Jiddelegaw il-kompiti u jiżguraw il-monitoraġġ
- Jikkoordinaw mal-partijiet ikkonċernati tal-proġett
- Jiġġestixxu l-ħin u jiżguraw li l-iskadenzi jiġu rrispettati
- Jipprovdu feedback kostruttiv
- Jiżguraw li l-objettivi tal-proġetti jkunu allinjati mal-istrateġija ġenerali tal-organizzazzjoni
- Jantiċipaw l-opportunitajiet u l-problemi permezz ta' ppjanar proattiv u ħsieb kreattiv
- Jimmonitorjaw u jwettqu proġetti kumplessi f'ambjent inċert/li jinbidel b'rata mgħaġġla
- Jantiċipaw ir-riskji tal-proġett u jimplimentaw miżuri ta' mitigazzjoni
- Jiġġestixxu l-baġits u r-riżorsi b'mod effettiv
- Jistabbilixxu sistema u għodod rilevanti għall-ġestjoni tal-proġetti mill-organizzazzjoni

# Modulu tat-taħriġ nru 29. L-orjentazzjoni tal-prestazzjoni

## Deskrizzjoni tal-kompetenza

Il-professjonisti tal-akkwist pubbliku għandhom jiffokaw l-isforzi u jipprijoritizzaw ix-xogħol **biex iwasslu valur għall-flus**, f'konformità mal-linji gwida u l-politiki tas-servizz pubbliku. Ir-rwol tagħhom huwa li jiksbu l-iffrankar tal-ispejjeż u għanijiet strateġiċi u sostenibbli, jidentifikaw b'mod proattiv l-ineffiċjenzi, jegħlbu l-ostakoli u jadattaw l-approċċ tagħhom sabiex b'mod konsistenti jwasslu eżiti tal-akkwist sostenibbli u bi prestazzjoni għolja.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tal-istrateġiji u l-metodi għall-ġestjoni tal-ispejjeż u tal-prestazzjoni, kif ukoll Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs) li jgħinu fl-identifikazzjoni tal-ineffiċjenzi u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni finanzjarja tal-akkwist u l-mod li bih jitwassal il-valur għall-flus.

## Suġġetti tat-taħriġ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Il-kunċett u l-importanza tal-valur għall-flus, il-prestazzjoni u l-effiċjenza
- L-użu ta' Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs)
- L-għodod u l-approċċi għall-ġestjoni tal-prestazzjoni
- Il-kunċetti ewlenin fl-ekonomija u l-finanzi
- Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

## Eżiti tat-tagħlim

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jistabbilixxu prijoritajiet u japplikaw tekniki għall-ġestjoni tal-ħin biex jimmassimizzaw l-effiċjenza
- Jidentifikaw l-opportunitajiet biex joħolqu valur
- Ikunu konsistenti fl-istabbiliment ta' objettivi personali intelliġenti u Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni
- Janalizzaw l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni tal-membri tat-tim u jipprovdu feedback regolari dwar il-prestazzjoni
- Jiġġestixxu l-baġit u l-finanzi b'mod effettiv biex jiżguraw valur għall-flus
- Jiddefinixxu l-għanijiet tal-organizzazzjoni u l-miri tal-prestazzjoni
- Ifasslu għodod għall-valutazzjoni u l-iżvilupp tal-kompetenzi tal-persunal
- Jistabbilixxu kultura organizzazzjonali inklużiva li tivvalorizza l-akkwist pubbliku bħala funzjoni strateġika

# Modulu tat-taħriġ nru 30. Il-ġestjoni tar-riskju u l-kontroll intern

## Deskrizzjoni tal-kompetenza

L-akkwist pubbliku jseħħ f'intersezzjoni ta' interessi pubbliċi u privati. Dan huwa soġġett għal bosta saffi ta' **sorveljanza interna u esterna**, li tinkludi wkoll l-attenzjoni tal-midja, u huwa identifikat b'mod wiesa' bħala qasam ta' riskju ewlieni għall-frodi u l-korruzzjoni. Fil-fatt, parti kbira mix-xogħol ta' professjonist tal-akkwist hija li jiġġestixxi għadd ta' riskji sovrapposti. Dan jeħtieġ l-applikazzjoni rigoruża u maħsuba sewwa ta' miżuri ta' mitigazzjoni u kontrolli, kif ukoll approċċ proattiv għall-ħarsien tal-interessi tal-organizzazzjoni u tal-ġid pubbliku.

Din il-kompetenza teħtieġ għarfien tat-tipi differenti ta' riskju fil-proċessi tal-akkwist pubbliku u miżuri ta' mitigazzjoni, funzjonijiet ta' kontroll intern u verifika mill-perspettiva tal-akkwist.

## Suġġetti tat-taħriġ

**Dan il-modulu tat-taħriġ għandu jkopri:**

- Id-diversi riskji fil-proċessi tal-akkwist pubbliku
- Il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji fl-akkwist pubbliku
- Il-proċeduri ta' kontroll intern u ta' ġestjoni tar-riskji
- Il-valutazzjonijiet tar-riskji ta' frodi
- L-istadji fir-rendikont tal-entrati

## Eżiti tat-tagħlim

**Fi tmiem il-modulu tat-taħriġ, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu u/jew iwettqu dawn li ġejjin fil-livell mixtieq ta' profiċjenza:**

- Jifhmu l-kunċett ta' responsabbiltà u obbligazzjoni f'awtorità kontraenti
- Jifhmu d-diversi riskji li jistgħu jseħħu fil-proċess tal-akkwist pubbliku
- Japplikaw proċeduri bażiċi ta' kontroll intern u ta' ġestjoni tar-riskji
- Iżommu l-ġestjoni tal-bidla u l-kontroll tal-verżjoni
- Jipprevjenu u jindividwaw tipi komuni ta' frodi u riskju ta' korruzzjoni
- Iwettqu analiżi tar-relazzjoni mal-fornituri abbażi tar-riskju
- Iżommu reġistru tar-riskji u jiżviluppaw miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji
- Iwettqu valutazzjonijiet tar-riskji ta' frodi
- Isaħħu l-proċessi ta' kontroll intern
- Jeżaminaw il-proċessi tal-ġestjoni tar-riskji u jipproponu modi kif itejbuhom
- Jeżaminaw il-valutazzjonijiet tar-riskju ta' frodi u jimmonitorjaw l-effettività ta' miżura ta' mitigazzjoni
- Jistabbilixxu strateġiji u proċessi għall-ġestjoni tar-riskji b'suċċess
- Jiddefinixxu strateġiji u għodod għall-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi għall-organizzazzjoni
- Jinkorporaw it-tagħlimiet meħuda minn riskji preċedenti li nstabu biex itejbu u jsaħħu l-proċeduri ta' kontroll intern u ta' ġestjoni tar-riskji

## KIF TIKKUNTATTJA LILL-UE

**Personalment**

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta’ ċentri ta’ informazzjoni tal-Europe Direct. Tista’ ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

**Bit-telefown jew bil-posta elettronika**

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista’ tikkuntattja dan is-servizz:

— bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),

— fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew

— bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

## KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE

**Onlajn**

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

**Pubblikazzjonijiet tal-UE**

Tista’ tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: https://op.europa.eu/mt/publications. Kopji multipli ta’ pubblikazzjonijiet bla ħlas tista’ tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

**Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati**

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 ’l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: http://eur-lex.europa.eu

**Dejta Miftuħa mill-UE**

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (http://data.europa.eu/euodp/mt) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista’ titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

ET-01-20-242-MT-N

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

doi: 10.2873/301071
ISBN 978-92-76-17961-0